
PUBLIC

2025 KONSOLIDĒTS GADA DARBĪBAS PĀRSKATS



L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)

Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-2025

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fis-17 u t-18 ta' Ġunju 2026

Dokument 2026-166 REV 2

Dwar dan ir-rapport

Ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-eu-LISA jirrifletti l-impenn tal-Aġenzija għat-trasparenza u l-akkontabilità billi jippreżenta ħarsa ġenerali strutturata tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħha għall-2025 u fl-ilħuq tal-objettivi deskritti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2025–2027. Dan jipprovdi assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati — l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-UE — li l-Aġenzija qed twettaq il-mandat tagħha u tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi allokati biex tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha.

Ir-rapport ġie ppreparat skont il-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-aġenziji kollha tal-UE, u f'konformità mal-Artikolu 48 tar-Regoli Finanzjarji ta' eu-LISA.

Sir af aktar dwar l-eu-LISA:

Werrej

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

eu-LISA FIL-QOSOR

Sistemi tal-ĠAI u soluzzjonijiet diġitali

Analiżi u valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

Daħla mid-Direttur Eżekuttiv

Sommarju eżekuttiv

PARTI I: Kisbiet

1.1. Kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija (router ta' Prüm).

Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri u r-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Router API-PNR)

1.2. Schengen, fruntieri u viża

Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

1.3. Migrazzjoni u asil

Bażi tad-data Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Asil

1.4. Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja

Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)

Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (PK tas-SIK)

1.5. Interoperabbiltà

Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)

Komponenti oħra tal-interoperabbiltà

Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS)

1.6. Infrastruttura u networks

Infrastruttura ta' sistema kondiviża

Pjattaformi ta' hosting intelliġenti

Networks u komunikazzjonijiet

1.7. Riċerka, innovazzjoni u bini tal-kapaċitajiet

Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija

Statistika u rapportar

Taħriġ lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI

Evalwazzjonijiet ta' Schengen

1.8. Appoġġ dirett għall-operat

Operat tas-sistema

Sigurtà tas-sistema, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat

Tranżizzjoni u l-awtomatizzazzjoni tas-servizz

Inġinerija tat-teknoloġija u tas-software

Gruppi Konsultattivi u Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programmi

1.9. Attivitajiet korporattivi

Governanza

Appoġġ korporattiv

PARTI II: Ġestjoni

2.1. Bord tat-Tmexxija

2.2. Żviluppi ewlenin

2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

2.4. Id-delega u s-subdelega tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-persunal

2.5. Ġestjoni tar-riżorsi umani

2.6. Strateġija għal titjib fl-effiċjenza

2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditu u tal-evalwazzjoni ex post

2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet

2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

2.10. Ġestjoni ambjentali

2.11. Valutazzjoni mill-maniġment

2.12. Evalwazzjoni esterna

Parti III: Valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

3.1. Effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern

3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni

3.3. Dikjarazzjoni tal-maniġer responsabbli għall-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern

PARTI IV: Assigurazzjoni tal-ġestjoni

4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

4.2. Riżervi

Parti V: Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni

Annessi

Anness I: Statistiċi ewlenin tan-negozju

Anness II: Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja

Anness III: Organigramma

Anness IV: Tabella tal-persunal u informazzjoni addizzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani

Anness V: Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività

Anness VI: Ftehimiet dwar il-kontribuzzjonijiet, l-għotjiet u l-livell ta' servizz

Anness VII: Ġestjoni ambjentali

Anness VIII: Kontijiet annwali

AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

Sistemi tal-IT u infrastruttura tal-komunikazzjoni	
AFIS	sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'
API	informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri
CCP	pjattaforma cloud komprensiva
CIR	repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità
CRRS	repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika
CSLR	Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni tal-Links Sofor
CSP	pjattaforma kondiviża komuni
DubliNet	Network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' Dublin
e-CODEX	Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online
ECRIS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali
ECRIS RI	Implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS
ECRIS-TCN	L-ECRIS għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi
EES	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
ESP	Portal Ewropew tat-tfittxija
ETIAS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar
Eurodac	Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil
EU VAP	Pjattaforma tal-UE għall-Applikazzjoni għal Viża
IO	interoperabbiltà
PK tas-SIK	Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta
MID	detettur ta' identitajiet multipli
PNR	reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri
Prüm	router ċentrali għall-iskambju awtomatizzat ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija
sBMS	servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku
SIRENE	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali
SIS	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
TESTA-ng	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika Bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida
TESTQ-EIRIS	Infrastruttura Msaħħa għal Interkonnettività Affidabbli u Sigurtà
VIS	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

Oħrajn	
ACFC	Kumitat tal-Awditu, tal-Konformità u tal-Finanzi
BCU	unità ċentrali ta' *backup*
CEPOL	L-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
CU	unità ċentrali
QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri
EDPS	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*
EiO	dħul fis-seħħ
EMAS	Skema tal-UE ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali
eu-LISA	L-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
EUAA	L-Aġenzija tal-UE għall-Ażil
EUAN	Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea
Europol	Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
Frontex	L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
FSA	aċċettazzjoni finali tas-sistema (perjodu ta' verifika wara d-dħul fis-seħħ)
IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA
IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni
QKI	qafas ta' kontroll intern
ĠAI	ġustizzja u affarijiet interni
JHAAN	Network tal-Aġenziji tal-ĠAI
JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni
OLAF	Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
SPD	dokument uniku ta' programmazzjoni
FLS	ftehim fil-livell tas-servizz
TEF	qafas ta' inġinerija trażversali
TOF	qafas ta' operat trażversali

eu-LISA FIL-QOSOR

Il-**missjoni** tagħna hija li nappoġġaw lill-UE u lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iżommu lill-Ewropa miftuħa u sigura permezz ta' **teknoloġija avvanzata**.

Il-**viżjoni** tagħna hija li nipprovdu soluzzjonijiet innovattivi u prattiċi għall-ħtiġijiet tal-UE li qed jevolvu, filwaqt li **nixprunaw it-trasformazzjoni diġitali** fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni

L-eu-LISA tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) tal-UE b'enfasi fuq il-fruntieri esterni, il-viżi, is-sigurtà interna, il-migrazzjoni u l-ażil, u l-ġustizzja:

L-operat effettiv, sigur, u **mhux interrott** tas-sistemi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-ĠAI madwar l-Ewropa.

L-iżvilupp ta' sistemi tal-IT u l-arkitettura tal-interoperabbiltà sabiex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna taż-żona Schengen.

It-tmexxija operattiva 24 siegħa kuljum u l-appoġġ ta' kwalità għolja biex jiġu żgurati prestazzjoni stabbli u servizzi ta' kwalità għolja.

It-taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-ĠAI f'konformità mal-ħtiġijiet tal-utenti finali u l-lakuni identifikati fl-għarfien.

Il-monitoraġġ tal-innovazzjoni u t-teknoloġija biex tipprovdi l-ogħla livell ta' għarfien espert lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha.

Ir-rapporti statistiċi u tas-sistema dwar l-użu u l-funzjonament tekniku tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha.

Impenjata għat-trasparenza u l-akkontabilità, l-eu-LISA topera f'konformità stretta mal-liġi applikabbli, il-ftehimiet fil-livell ta' servizz, ir-rekwiżiti tal-**protezzjoni tad-*data***, u **standards ta' sigurtà** rigoruż.

Il-valuri li jixprunaw ix-xogħol tagħna: akkontabilità, trasparenza, eċċellenza, kontinwità, xogħol f'tim, u fokus fuq il-klijent.

Postijiet:

Sede tal-Aġenzija[1]: Tallinn, l-Estonja

Sit operazzjonali: Strażburgu, Franza

Uffiċċju ta' Kollegament: Brussell, il-Belġju

Sit ta' *backup*: St. Johann im Pongau, l-Awstrija

[1] Inkluż it-tmexxija operattiva tal-e-CODEX.

SISTEMI TAL-ĠAI U SOLUZZJONIJIET DIĠITALI

L-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri

Eurodac | Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil
Id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil, u l-identifikazzjoni ta' persuni arrestati għal qsim illegali tal-fruntiera u għal soġġorn mhux awtorizzat.
2003
2013

Sigurtà interna u fruntieri tal-UE

SIS | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
L-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' twissijiet dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
1995
2013

Ir-router ċentrali ta' Prüm
L-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri.
[2027]

Router API-PNR | informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri
Punt ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi bl-ajru għall-ġbir u t-trasferiment tad-*data* API u PNR.
[2029]

Schengen, fruntieri u viżi

VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża u l-ġestjoni tal-viżi għal soġġorn qasir għal nazzjonali ta' pajjiż terz (TCNs) li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha.
2011
2012

EES | Sistema ta' Dħul/Ħruġ
Il-monitoraġġ ta' soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li possibilment jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn permezz ta' reġistrazzjoni elettronika ta' nazzjonali ta' pajjiż terzi (TCNs) kollha li jidħlu u joħorġu miż-żona Schengen.
2025

ETIAS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar
Awtorizzazzjoni ta' qabel l-ivvjaġġar ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi għall-identifikazzjoni avvanzata ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, għall-migrazzjoni irregolari jew għal riskji għoljin ta' epidemija li jistgħu jagħtu raġunijiet għaċ-ċaħda tad-dħul fiż-żona Schengen.
[2026]

EU VAP | Pjattaforma tal-UE għall-Applikazzjoni għal Viża
Pjattaforma diġitali biex tappoġġa t-talbiet għall-viża minn nazzjonali ta' pajjiżi terzi.
[2028][2]

Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja

ECRIS RI | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – implimentazzjoni ta' referenza
L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini tal-UE.
2012
2020

e-CODEX | Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online
It-trażmissjoni sigura tal-kontenut elettroniku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-professjonisti legali fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera.
2013
2024

ECRIS-TCN | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – ċittadini ta' pajjiżi terzi
L-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi.
[2026]

PK tas-SIK | Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta
Il-pjattaforma diġitali għall-iskambju ta' informazzjoni u evidenza f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet transfruntiera bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, l-aġenziji rilevanti tal-UE, u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).
[2026]

Interoperabbilità

Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS) għal tqabbil trażversali ta' *data* bijometrika fis-sistemi kollha tal-ĠAI
2025

Portal Ewropew tat-tfittxija (ESP): tieqa ta' tfittxija unika għal tfittxijiet simplifikati fis-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA
[2026]

Repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) għall-identifikazzjoni korretta ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi (*data* bijografika u bijometrika)
[2026]

Detettur ta' identitajiet multipli (MID) għall-kxif ta' identitajiet multipli u għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità
[2027]

[2] 2028 għall-fażi 1, il-fażi 2 se titwassal fl-2029.

Repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) għall-ġenerazzjoni ta' rapporti statistiċi anonimi aggregati bejn is-sistemi [2026]

fis-seħħ | immaniġġjat minn eu-LISA minn | fl-iżvilupp [bidu mistenni tal-operat]



ANALIŻI U VALUTAZZJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

Il-Bord tat-Tmexxija rrieżamina r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività u vvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija fl-isfond tal-objettivi tal-programm ta' ħidma annwali 2025.[3]

Il-Bord tat-Tmexxija:

- **jenfasizza** l-appoġġ essenzjali tal-eu-LISA għall-politiki tal-UE fl-oqsma tal-kontroll tal-fruntieri, tal-viżi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, u tal-e-ġustizzja,
- **iqis** li l-Aġenzija kompliet tissodisfa l-mandat tagħha b'mod effettiv filwaqt li ħadmet b'mod parallel fuq ħafna attivitajiet interrelatati u tinnota l-volum u l-kumplessità tal-operat tal-Aġenzija,
- **jirringrazzja** lill-eu-LISA għall-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura disponibbiltà stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen,
- **jifraħ** lill-Aġenzija għad-dħul fis-seħħ tal-ewwel komponent tal-interoperabbiltà – il-VIS għall-EES u l-sBMS f'Mejju, u l-bidu tal-operat tal-EES f'Ottubru 2025,
- **jenfasizza** l-impenn tal-Aġenzija fl-2025 li tiżgura d-dħul fis-seħħ f'waqtu tal-Eurodac il-ġdida f'Ġunju 2026 għall-funzjonalitajiet ewlenin,
- **jiddispjaċih** li l-pjattaforma ta' kollaborazzjoni għat-timijiet ta' investigazzjoni konġunta ma bdietx taħdem f'Diċembru 2025,
- **jinnota bi tħassib** id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' ECRIS-TCN u jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-prontezza teknika tiegħu fl-2026.
- **jappoġġa** l-pjan direzzjonali rivedut għall-interoperabbiltà għall-perjodu 2027–2028,
- **jenfasizza** l-importanza ta' infrastruttura tal-interoperabbiltà komprensiva fit-tisħiħ tas-sigurtà fl-Ewropa,
- **jieħu nota** tar-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni esterna tal-Kummissjoni tal-eu-LISA u jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-oqsma ta' titjib identifikati permezz ta' azzjonijiet xierqa,
- **jilqa'** l-isforzi tal-Aġenzija biex iżżid il-kapaċitajiet ta' żvilupp tal-IT interni tagħha u tnaqqas id-dipendenza mill-kuntratturi, issaħħaħ il-konformità tagħha u tinkorpora innovazzjonijiet teknoloġiċi ġodda, u kapaċitajiet tal-cloud,
- **jissottolinja** l-kwalità u l-puntwalità tal-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, u japprezza l-isforzi mwettqa mill-Aġenzija biex iżżomm it-trasparenza, l-akkontabilità u l-kooperazzjoni effettiva,
- **jesprimi sodisfazzjon** bil-livell ta' eżekuzzjoni tal-impenji u tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti għall-2025, u jilqa' l-appoġġ li rċieva mill-baġit tal-UE fl-eżerċizzju tat-trasferiment globali,
- **jirrikonoxxi** l-isforzi biex tittejjeb ir-rata ta' okkupanza u jiġu aċċellerati r-reklutaġġi,

[3] L-Artikolu 19(1)(t) tar-Regolament fundatur tal-eu-LISA (UE) Nru 2018/1726.

- **jilqa'** l-istrateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-Aġenzija u jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tagħha,
- **ifaħħar** lill-Aġenzija talli laħqet rata ġenerali ta' implimentazzjoni ta' 98 % għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu, li tirrifletti l-impenn tal-Aġenzija għall-akkontabilità u t-titjib kontinwu,
- **jenfasizza** l-importanza li jiġi żgurat l-ogħla livell ta' sigurtà tal-informazzjoni u protezzjoni tad-*data* fis-sistemi tal-IT taħt il-mandat tiegħu, b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-*data* u l-istandards ta' sigurtà,
- **jenfasizza** l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet mill-EDPS,
- **jirrikonoxxi** l-opinjonijiet pożittivi tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet tal-2024 tal-eu-LISA.

Il-Bord tat-Tmexxija jemmen li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li, minkejja l-isfidi li jfixklu l-aderenza mal-iskedi ta' implimentazzjoni eżiġenti, l-eu-LISA għamlet ħilitha biex timplimenta l-mandat tagħha u użat b'mod effettiv ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha għall-finijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tal-eu-LISA għall-2025.

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jqis l-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport:

- jappoġġa lill-Aġenzija fl-isforzi kontinwi tagħha biex twassal l-arkitettura tal-interoperabbiltà,
- jirrikonoxxi l-interdipendenzi bejn ix-xogħol tal-Aġenzija għas-sistemi ċentrali u dak tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, u jiffoka fuq it-titjib tal-fehim reċiproku, it-trasparenza u l-koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u Aġenziji oħra tal-UE biex jiġi żgurat it-twassil ta' sistemi ġodda,
- jisħaq l-importanza tal-Eurodac il-ġdida,
- iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq kuntratturi esterni u tibni kapaċitajiet interni,
- jenfasizza l-pressjoni konsiderevoli fuq il-persunal tal-eu-LISA li jaħdem fuq proġetti kumplessi, u jenfasizza wkoll l-importanza għall-eu-LISA li tkompli żżid ir-rata ta' okkupazzjoni tagħha,
- iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tiżgura l-ippjanar, il-monitoraġġ u r-rapportar affidabbli ta' baġit multiannwali bbażat fuq l-attività,
- jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-eu-LISA tiġi pprovduta bir-riżorsi adegwati biex timplimenta l-mandat tagħha li qed jikber,
- jirrakkomanda lill-Aġenzija li tkompli tindirizza l-kwistjonijiet sottostanti fil-qasam tal-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti kif enfasizzat mill-Qorti tal-Awdituri,
- jirrikonoxxi l-importanza li tiġi żgurata l-kapaċità suffiċjenti taċ-ċentru tad-*data* f'CU u BCU għall-iskjerament u l-ġestjoni effiċjenti u sostenibbli kemm tas-sistemi tal-IT ġodda kif ukoll ta' dawk diġà eżistenti, filwaqt li tkompli tiġi ggarantita d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistemi kollha taħt il-mandat tagħha.

Il-Bord tat-Tmexxija jestendi l-gratitudni tiegħu lill-eks Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija *ad interim*, Marili Männik, lill-maniġment tal-eu-LISA, u lill-persunal kollu tagħha għall-impenn u l-isforzi tagħhom matul dan l-isforz ta' sfida kbira.

Rene Vihalem,

President tal-Bord tat-Tmexxija



DAĦLA MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

Fl-2025, l-eu-LISA għamlet progress sinifikanti fl-appoġġ tal-viżjoni tal-UE ta' ġestjoni diġitali integrata tal-fruntieri fiż-Żona Schengen kollha u fl-Unjoni Ewropea.

- F'Mejju, nedejna l-ewwel komponent definit fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà – is-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) – biex insaħħu l-kontrolli tal-identità fil-fruntieri kollha.
- Il-varar gradwali sussegwenti tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) f'Ottubru mmarka pass deċiżiv lejn l-għeluq ta' lakuna li ilha teżisti għal żmien twil fil-kontroll tal-fruntieri tal-UE.
- Il-konnessjoni ta' dawn is-sistemi mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tottimizza aktar l-iskambju ta' *data* dwar il-viża fiż-Żona Schengen kollha.

Dawn il-kisbiet huma r-riżultat dirett ta' snin ta' tħejjija ddedikata u kollaborazzjoni profonda.

Barra minn dawn l-istadji importanti, is-sena 2025 ġabet ukoll informazzjoni intuwittiva u opportunitajiet ċari biex intejbu l-proċessi tagħna, insaħħu l-kooperazzjoni, u nimxu 'l quddiem bil-passi li jmiss fil-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà tagħna. Filwaqt li għaddejja ħidma għall-prontezza teknika tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN) u għad-dħul fis-seħħ tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK), aħna nibqgħu impenjati għall-implimentazzjoni bla xkiel tagħhom.

Meta bdejt fil-kariga ta' Direttur Eżekuttiv fl-1 ta' Ottubru 2025, wasalt f'mument kruċjali kemm għall-Aġenzija kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati tagħha. Dan ir-rwol għallimni napprezza b'mod akbar l-iskala kbira u l-kumplessità tax-xogħol li jsir fl-eu-LISA kollha kemm hi. Dawn is-suċċessi huma, qabel kollox, sforz kollettiv. Wara kull sistema, kull stadju importanti u kull kisba teknika hemm in-nies li jagħmlu dan kollu possibbli. Nesprimi l-akbar gratitudni tiegħi lill-persunal tal-eu-LISA – id-dedikazzjoni, ix-xogħol iebes u l-professjonalità tagħkom huma l-fondazzjoni li fuqha nibnu soluzzjonijiet diġitali affidabbli għal Ewropa sigura, protetta u miftuħa.

Illum, is-sistemi tagħna għandhom rwol dejjem aktar vitali fl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, filwaqt li jsaħħu s-sigurtà u l-kooperazzjoni fl-Ewropa kollha. L-iżgurar ta' soluzzjonijiet siguri, affidabbli u disponibbli ħafna huwa marbut direttament mas-sikurezza pubblika u l-fiduċja istituzzjonali. Għal din ir-raġuni, nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-aġenziji sħab tagħna. L-għarfien espert tagħkom u l-appoġġ kostanti tagħkom jibqgħu indispensabbli hekk kif ninnavigaw oqfsa politiċi kumplessi, sfidi ta' sigurtà u bżonnijiet teknoloġiċi li qed jevolvu.

Għandna biex inkunu kburin bil-momentum li lħaqna flimkien fl-2025.

Tillmann Keber,

Direttur Eżekuttiv

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Matul l-2025, l-eu-LISA wriet kontinwament l-impenn u l-affidabbiltà reżoluti tagħha bħala sieħeb għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri, filwaqt li kkontribwiet għall-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI), filwaqt li żgurat ukoll is-sikurezza u l-integrità tat-teknoloġiji skjerati.



Id-dħul fis-seħħ tal-sBMS għall-VIS u l-EES



Id-dħul fis-seħħ progressiv tal-EES



VIS konnessa mal-sBMS u l-EES



Verżjonijiet tas-sistema ċentrali tal-Eurodac il-ġdida u interfaċċa tal-utent tal-web



Aġġornament kbir ta' ECRIS RI b'integrazzjoni ma' ECRIS-TCN



Konferenza ta' livell għoli dwar l-awtonomija strateġika tal-UE



Ċertifikazzjoni tal-EMAS



Rata ġenerali ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu ta' 98 %



Rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %

IL-KISBIET TAS-SENA



PRIJORITÀ: Żgurar ta' operat u implimentazzjoni effiċjenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA

Manutenzjoni effettiva u kontinwa

L-objettiv ewlieni tal-eu-LISA huwa li tiżgura operat effettiva, sigura u kontinwa tas-sistemi taħt il-mandat tagħha, billi tipprovdi lill-utenti finali tas-sistema (jiġifieri l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE) b'disponibbiltà u kontinwità bla interruzzjoni, kif ukoll b'appoġġ operazzjonali proattiv u ta' kwalità għolja.

L-Aġenzija żgurat l-operat stabbli tas-sistemi ewlenin tal-ĠAI tal-UE: Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil (Eurodac), Implimentazzjoni ta' referenza tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS RI) u s-Sistema e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *data* online). Minn Mejju 2025, l-eu-LISA bdiet tipprovdi l-manutenzjoni operazzjonali għas-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) u, minn Ottubru, għas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES).

Is-sistemi ħadmu f'konformità mal-miri rispettivi tal-livell tas-servizz, ħlief għal nuqqas temporanju ta' disponibbiltà fuq perjodu ta' żmien qasir, b'SIS b'disponibbiltà ta' 99,92 %, VIS ta' 99,78 %, EES ta' 98,13 %, Eurodac ta' 99,97 %, e-CODEX ta' 99,90 % u sBMS ta' 100 %. L-eu-LISA żgurat ukoll it-tmexxija operattiva effettiva tal-infrastruttura, tan-networks u tas-servizzi sottostanti, ikkomplimentata b'servizzi ta' appoġġ għall-utent finali 24/7 għall-komunità JHA tal-UE.

Aġġornamenti u evoluzzjonijiet

L-eu-LISA kompliet ukoll twettaq l-evoluzzjonijiet meħtieġa biex tiżgura titjib kontinwu tas-sistema, filwaqt li lestiet analiżi tar-rekwiżiti u tfassil ta' livell għoli għal diversi evoluzzjonijiet kbar tas-SIS (inklużi twissija ġdida ta' informazzjoni u żieda fil-kapaċità) u kompliet bl-implimentazzjoni tal-VIS Riveduta.

Sabiex tiżgura d-dħul fis-seħħ f'waqtu tal-Eurodac il-ġdida sat-12 ta' Ġunju 2026 – prekundizzjoni kritika għall-implimentazzjoni tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-eu-LISA wasslet diversi rilaxxi tas-sistema ċentrali u l-interfaċċa tal-utent tal-web, flimkien ma' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-Istati Membri. Fl-2025, l-Aġenzija għamlet ukoll progress fl-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-iskrinjar, u lestiet l-analiżi tar-rekwiżiti għall-aċċess tal-awtoritajiet tal-iskrinjar għas-SIS, it-tfittxija tal-VIS u tal-ETIAS (is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar), bl-analiżi kontinwa għar-rekwiżiti tal-EES u tal-ECRIS-TCN.

L-Aġenzija stabbiliet ambjent ta' qabel il-produzzjoni fuq il-pjattaforma komuni kondiviża biex tospita sistemi ewlenin ġodda tan-negozju, u b'hekk tippermetti ttestjar aktar mgħaġġel u allinjat aħjar, kif ukoll il-validazzjoni u l-iskjerament tal-applikazzjonijiet. L-eu-LISA laħqet stadju importanti billi kkonnettjat mal-EuroDomain u mal-pjattaforma komprensiva tal-cloud, u dan jippermetti lill-utenti finali tal-EuroDomain jaċċessaw l-ambjent ta' ttestjar ibbażat fuq il-cloud, li jippermetti stabbiliment ambjentali aktar mgħaġġel, u jbiddel il-fokus mill-konfigurazzjoni tal-hardware għall-ittestjar tal-karatteristiċi tal-applikazzjoni; dan kollu se jħaffef l-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

B'mod parallel, l-Aġenzija kompliet tottimizza l-infrastruttura tan-network tagħha biex ittejjeb il-konnettività u l-prestazzjoni tas-sistemi eżistenti u ġodda, filwaqt li tnaqqas il-kost u l-ħin tal-manutenzjoni, u tiżgura konsum sostenibbli tal-enerġija u tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha.

Is-sistemi ġodda u l-prontezza għall-interoperabbiltà

L-eu-LISA kompliet ukoll tiżviluppa diversi sistemi ġodda tal-IT, flimkien mal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI. Fl-2025, l-Aġenzija laħqet tliet stadji importanti ħafna għaż-Żona ta' Schengen u għall-Unjoni Ewropea:

- **id-dħul fis-seħħ tal-sBMs** għall-VIS fid-19 u l-20 ta' Mejju 2025, li jirrappreżenta żvilupp sinifikanti fl-approċċ tal-UE għall-immaniġġjar tad-*data* bijometrika, billi jiċċentralizza t-tqabbil bijometriku biex ittejjeb il-kontrolli tal-identità fil-fruntieri,
- **id-dħul fis-seħħ progressiv tal-EES** fit-12 ta' Ottubru 2025, bl-Istati Membri jibdew jikkonnettjaw gradwalment l-infrastrutturi nazzjonali tal-fruntiera tagħhom mas-sistema ċentrali tal-EES,
- **it-tnedija tal-konnessjoni tal-VIS mal-sBMS** fid-19 u l-20 ta' Mejju 2025 u **mal-EES** fit-12 ta' Ottubru biex jiġi pprovdut skambju stabbli u skalabbli tad-*data* dwar il-viża fiż-Żona kollha ta' Schengen.

Flimkien, dawn il-kisbiet jirrappreżentaw pass ewlieni lejn ġestjoni diġitali u integrata tal-fruntieri, u jistabbilixxu pedament b'saħħtu għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà.

F'Lulju 2025, l-Aġenzija skjerat il-parti statika tas-sit web pubbliku tal-EES u l-ETIAS – Ivvjaġġa lejn l-Ewropa, li jipprovdi informazzjoni utli dwar ir-regoli l-ġodda għall-vjaġġaturi internazzjonali li qed imorru lejn l-Ewropa – pass importanti għall-EES u l-ETIAS. L-Aġenzija kompliet ukoll bl-implimentazzjoni tal-ETIAS u b'suċċess nediet il-kampanja ta' ttestjar tal-konformità biex tivvalida l-funzjonalitajiet ewlenin.

Fir-rigward tad-dominju tal-ġustizzja, l-Aġenzija lestiet aġġornament kbir ta' ECRIS RI f'Novembru 2025, u pprovdiet lill-utenti finali l-aħħar verżjoni tas-software għall-konnessjoni sigura tan-network. L-aġġornament jippermetti wkoll l-integrazzjoni mal-ECRIS-TCN (Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi) fil-futur u huwa prekondizzjoni biex tinbeda t-tagħbija tad-*data*. Madankollu, filwaqt li l-ittestjar tal-konformità mal-Istati Membri beda għall-ECRIS-TCN, il-prontezza teknika kienet għadha ma ġietx finalizzata sal-2025. Barra minn hekk, il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta ma daħlitx fis-seħħ f'Diċembru 2025 kif ippjanat.

Soluzzjonijiet diġitali ġodda

L-eu-LISA kompliet ukoll tiżviluppa diversi soluzzjonijiet diġitali ġodda li se jkomplu jsaħħu l-arkitettura eżistenti tal-IT li tappoġġa l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen. B'mod partikolari, l-Aġenzija ħolqot l-ewwel verżjoni tal-arkitettura kunċettwali għar-router ta' Prüm, u wriet lill-Istati Membri l-komponenti u l-interazzjonijiet funzjonali ewlenin tagħha, u nediet formalment l-implimentazzjoni tar-router API-PNR, bit-tfassil inizjali u l-analiżi ta' livell għoli tar-rekwiżiti.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet twettaq il-kompiti statutorji l-oħra tagħha, bħall-forniment ta' taħriġ tekniku dwar is-sistemi lill-utenti fl-Istati Membri, il-kompilazzjoni tal-listi tal-awtoritajiet maħtura, u t-tħejjija ta' statistika annwali u rapporti dwar il-prestazzjoni dwar is-sistemi tal-ĠAI tal-UE taħt il-mandat tagħha.

PRIJORITÀ: IT-TITJIB TAL-PRESTAZZJONI TAL-AĠENZIJA F'TERMINI TA' KONFORMITÀ

Fl-2025, l-Aġenzija baqgħet fit-triq it-tajba fl-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu, u laħqet rata ġenerali ta' implimentazzjoni ta' 98 %. Sabiex ittejjeb l-effiċjenza f'dan il-qasam, l-eu-LISA skjerat għodda ġdida ta' ġestjoni tal-awditu, li tippermetti ġestjoni kompleta tal-attivitajiet ta' awditu għal konformità mtejba. Biex tissaħħaħ u titjieb l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, l-Aġenzija vvalutat il-qafas tagħha ta' kontroll intern u ppreżentat ir-Rapport Annwali ta' Valutazzjoni.

B'mod parallel, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-kontrolli finanzjarji tagħha, flimkien mal-proċess ta' tbassir u monitoraġġ tal-baġit, billi introduċiet sett ġdid ta' dashboards u analitika mfassla apposta biex ittejjeb ir-rapportar finanzjarju għall-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tal-Awditu, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tagħha. Fl-2025, l-Aġenzija kkonsummat il-baġit assenjat tagħha, inkluż iż-żieda minħabba l-emenda tal-baġit fl-aħħar tas-sena, u laħqet rata ta' eżekuzzjoni ta' 100 % kemm għall-impenji kif ukoll għall-ħlasijiet.

Biex issaħħaħ aktar il-proċess tal-akkwist, l-Aġenzija ddefiniet strateġija ta' akkwist biex tissorvelja l-eżekuzzjoni tal-ippjanar operazzjonali tagħha u tiżgura tranżizzjoni bla xkiel mill-arranġamenti kuntrattwali eżistenti. Bħala riżultat tal-isforzi kontinwi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tal-ġestjoni tal-kuntratti tagħha, l-Aġenzija rċeviet opinjoni favorevoli mill-QEA dwar is-sena finanzjarja 2024.

Il-Kummissjoni Ewropea temmet l-evalwazzjoni esterna tal-eu-LISA. Sabiex tindirizza l-11-il rakkomandazzjoni, l-Aġenzija abbozzat pjan ta' azzjoni, li jikkonsolida l-azzjonijiet li għaddejjin u dawk ippjanati f'diversi oqsma, f'konformità mal-awditi eżistenti u ma' inizjattivi oħra ta' titjib (ara t-taqsima 2.12).

L-Aġenzija kompliet ukoll tiżgura l-ogħla livelli ta' sigurtà tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-*data*, fil-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* u mal-istandards stretti ta' sigurtà. B'mod partikolari, l-eu-LISA wasslet il-valutazzjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà u kompliet ittejjeb il-qagħda tas-sigurtà tas-sistemi kollha tal-IT taħt il-mandat tagħha.

PRIJORITÀ: IT-TRAWWIM TAL-INGAĠĠ TAL-PERSUNAL BILLI L-AĠENZIJA SSIR POST TAJJEB FEJN WIEĦED JAĦDEM BIEX TATTIRA U ŻŻOMM IT-TALENT ĠDID

Fi Frar, l-eu-LISA aġġornat l-istruttura organizzazzjonali tagħha biex ittejjeb it-twassil tal-mandat u l-objettivi strateġiċi tagħha, biex trawwem l-effiċjenza u ssaħħaħ il-konformità. B'mod parallel, l-Aġenzija adottat l-Istrateġija dwar it-Tiftix ta' Sorsi ta' Provvista tagħha sabiex tiċċara l-għażliet tat-tiftix ta' sorsi ta' provvista, u tindirizza l-ħtiġijiet futuri tal-forza tax-xogħol, filwaqt li għamlet ukoll progress fid-definizzjoni tal-istrateġija tar-riżorsi umani tagħha, identifikat oqsma strateġiċi biex iservu bħala l-pedament għall-allinjament tal-azzjonijiet tar-riżorsi umani mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-eu-LISA, u żgurat approċċ koeżiv li jħares 'il quddiem għall-ġestjoni u l-iżvilupp tat-talent tagħna.

Barra minn hekk, l-eu-LISA **inawgurat il-bini l-ġdid tal-uffiċċju ASPIRE fi Strażburgu** u fl-istess ħin bdiet il-ħruġ gradwali mill-bini Platon fid-distrett ta' Illkirch-Grafenstaden. **L-Uffiċċju ta' Konnessjoni tal-eu-LISA** fi Brussell ukoll iċċaqlaq fi premessi ġodda.

PRIJORITÀ: IT-TĦEJJIJA GĦALL-FUTUR, IT-TITJIB TAT-TEKNOLOĠIJI U L-INNOVAZZJONI

F'Jannar 2025, biex jindirizzaw sfidi kritiċi fl-infrastruttura fis-siti tekniċi tal-eu-LISA, il-Bordijiet tat-Tmexxija adottaw l-ewwel Strateġija Ibrida Multi-Cloud tal-Aġenzija, u b'hekk wittew it-triq għall-ospitar ta' ambjenti mhux ta' produzzjoni fl-infrastruttura cloud biex jipprovdu riliev immedjat fil-kapaċità, skalabbiltà mtejba, twassil tal-infrastruttura aktar mgħaġġel u żvilupp aktar rapidu.

Wara l-adozzjoni tal-Istrateġija għall-Fabbrika tas-Software f'Marzu 2025, l-Aġenzija kompliet iżżid l-inizjattiva tagħha tal-Fabbrika tas-Software biex ittejjeb it-twassil intern tal-proġetti ta' żvilupp tal-IT, tadotta teknoloġiji ġodda, tistandardizza l-metodoloġiji, taċċellera l-prattiki aġli, ittejjeb l-għarfien espert tekniku intern u tibni kultura ta' titjib kontinwu, bil-ħsieb li titnaqqas id-dipendenza fuq kuntratturi esterni għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

Il-fokus partikolari tal-Aġenzija kien fuq it-tkabbir tal-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida bħala proġett pilota, u fuq il-bidu ta' pilota sekondarju bl-implimentazzjoni tar-router ta' Prüm. Barra minn hekk, l-Aġenzija stabbiliet Kumitat tat-Teknoloġija ġdid u appuntat Uffiċjal Kap tat-Teknoloġija biex jipprovdi gwida strateġika u jsaħħaħ il-ġestjoni tat-teknoloġija għall-għażla tat-teknoloġija mtejba, skont ir-rekwiżiti regolatorji dwar l-adozzjoni ta' teknoloġiji xierqa (eż., protezzjoni tad-*data*, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, standards tas-sigurtà ċibernetika).

Sabiex jiġu żgurati r-reżiljenza u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE, l-eu-LISA installat **ċentru tad-*data* modulari f'kontejner,** (MDC2.1, soluzzjoni flessibbli u skalabbli li ma teħtieġ l-ebda kostruzzjoni ġdida), filwaqt li ttejjeb il-kapaċità tal-ħżin u tal-ipproċessar mingħajr ma żżid l-impronta tal-karbonju.

Barra minn hekk, l-eu-LISA għamlet sforzi biex ittejjeb il-prestazzjoni enerġetika tagħha u tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha. Wara awditu estern b'suċċess għall-EMAS, l-eu-LISA ngħatat uffiċjalment iċ-ċertifikat tal-EMAS f'April 2025, li jikkonferma l-livell tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħha, imsaħħa b'soluzzjonijiet ta' monitoraġġ ambjentali. Biex iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tagħha, l-eu-LISA ppubblikat ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà 2024 u d-dikjarazzjoni ambjentali tagħha.

Sabiex tiżgura l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA tissorvelja r-riċerka, u torganizza attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-industrija u l-akkademja biex trawwem l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. F'Lulju, l-eu-LISA ppubblikat dokument tekniku dwar it-teknoloġiji tal-cloud computing, biex tipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-teknoloġiji rilevanti għall-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati tagħha. L-Aġenzija kompliet ukoll kollaborazzjoni attiva maċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, billi ppresediet ir-raggruppament tal-bijometrika tagħha u kkoordinat it-tħejjija ta' nota ta' politika dwar l-evalwazzjoni indipendenti tat-teknoloġija bijometrika fl-UE.

F'Ġunju 2025, l-Aġenzija ospitat l-avveniment annwali ta' *roundtable* industrijali tagħha biex tippromwovi l-iskambju ta' fehmiet u turi teknoloġiji, prodotti u servizzi innovattivi, sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet u n-nuqqasijiet fil-kapaċità tal-Istati Membri. L-eu-LISA organizzat avveniment f'Varsavja, il-Polonja, bit-titlu "Building Better Government Software at Scale – Agile, DevSecOps and Software Factories", fejn ġew esplorati approċċi moderni għall-iżvilupp tas-software fis-settur pubbliku.

Fl-1 ta' Ottubru 2025, l-eu-LISA organizzat il-konferenza ta' livell għoli tagħha dwar ir-rwol tat-teknoloġiji sovrani fl-iżgurar tas-sigurtà tal-UE, u laqqgħet flimkien l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, l-industrija u s-settur akkademiku biex jiddiskutu l-interazzjoni bejn it-teknoloġija, l-istat tad-dritt, l-awtonomija, u l-ħiliet diġitali essenzjali għas-sigurtà u s-sovranità tal-UE u r-rwol tal-eu-LISA fil-kuntest tat-tfittxija tal-UE għall-awtonomija strateġika.

PRIJORITÀ: KONSOLIDAZZJONI TAL-GOVERNANZA TAL-AĠENZIJA U R-RELAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI EWLENIN TAGĦHA

L-eu-LISA kompliet tappoġġa lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tal-UE fl-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha, inklużi t-tmexxija u l-appoġġ għall-Gruppi Konsultattivi u l-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programmi. Wara d-dħul fis-seħħ tal-EES, l-Aġenzija għaddiet il-presidenza tal-parti tal-EES tal-AG tal-EES-ETIAS lil Stat Membru. L-Aġenzija stabbiliet ukoll korpi ġodda ta' governanza għar-router ta' Prüm, għar-router API-PNR u għall-Pjattaforma Ewropea għall-Applikazzjonijiet ta' Viża.

L-eu-LISA kkooperat mal-Istati Membri, mal-pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, ma' aġenziji u istituzzjonijiet tal-UE kemm b'mod bilaterali kif ukoll permezz ta' networks, bħan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN) u n-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN), biex taqsam l-għarfien expert tekniku, ittejjeb l-effiċjenza u s-sinergiji. L-Aġenzija ħadmet fuq it-tiġdid tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Aġenziji rilevanti u kienet involuta f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri li għandhom il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE – il-Polonja u d-Danimarka.


ĠESTJONI U VALUTAZZJONI TAL-KONTROLL INTERN

It-tieni u t-tielet partijiet ta' dan ir-rapport jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-Aġenzija fl-2025, u jinkludu s-sommarju tar-rapport ta' valutazzjoni annwali dwar il-qafas ta' kontroll intern (QKI), is-sommarju ġenerali tal-awditi, u s-segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza.

L-Aġenzija qed tiżviluppa sett kumpless ta' sistemi interkonnessi tal-IT fuq skala kbira, u qed tevolvi f'ambjent dinamiku li jeħtieġ l-aġilità, filwaqt li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-UE. Dawn iċ-ċirkostanzi joħolqu sfidi u pressjoni addizzjonali fuq il-ħidma tal-Aġenzija u l-organizzazzjoni tagħha.

Ir-rapport ta’ valutazzjoni tal-QKI tal-2025 ikkonkluda li s-sistema ta’ kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, tiffunzjona u effettiva, għalkemm għad hemm bżonn ta’ xi titjib. Diversi awditi, inkluż mill-QEA, indikaw ukoll oqsma għal titjib. Matul is-sena 2025, l-Aġenzija kompliet tagħmel titjib fl-oqsma fejn kienu identifikati nuqqasijiet, b'fokus fuq il-ġestjoni tal-kuntratti relatati mal-programmi u l-proġetti operazzjonali. L-eu-LISA għamlet ukoll sforzi biex tagħlaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħa bl-aktar mod effettiv.

1 REZULTĀTI



PARTI I: KISBIET

Dan ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali strutturata lejn il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija għall-2025 u fl-ilħuq tal-objettivi deskritti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tagħha għall-2025-2027. Ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA—l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-UE—li l-Aġenzija hija impenjata b'mod sistematiku u konsistenti fil-mandat tagħha u qed tuża b'mod effiċjenti r-riżorsi allokati biex tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha.

L-eu-LISA kompliet bl-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għal żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. Peress li s-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-Aġenzija jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, tal-viżi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, it-tkomplija tal-evoluzzjoni u l-manutenzjoni tagħhom hija ta' importanza kritika għall-UE u għall-eu-LISA.

Għal dak il-għan, l-Aġenzija kompliet taġġorna s-sistemi eżistenti tal-IT u tiżviluppa diversi sistemi ġodda, flimkien mal-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI, maħsuba għat-trasformazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri permezz tad-diġitalizzazzjoni, u t-twassal ta' approċċ intelliġenti integrat għas-sigurtà interna tal-Ewropa, filwaqt li tiġi pprovduta esperjenza bla xkiel għall-vjaġġaturi internazzjonali li sejrin lejn iż-żona Schengen.

Barra minn hekk, is-soluzzjonijiet diġitali ġodda li qed jiġu żviluppati mill-eu-LISA jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni li għadha għaddejja tas-sistemi ġudizzjarji fl-Ewropa kollha, filwaqt li jtejbu wkoll l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera. Flimkien mal-ixprunar tad-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ĠAI, l-Aġenzija ffukat ukoll fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid fid-dominju ċibernetiku, billi għamlet it-tħejjijiet meħtieġa għall-obbligi li jirriżultaw minn regolamenti ġodda tal-UE dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà.

Bħala l-aġenzija tal-UE responsabbli għat-tmexxija operattiva u l-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA kompliet isservi bħala sieħeb ewlieni għall-partijiet ikkonċernati tagħha billi wasslet għarfien espert tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku permezz ta' kooperazzjoni proattiva u skambju ta' informazzjoni mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji, u l-Istati Membri tal-UE. F'dan il-kuntest, id-direttur eżekuttiv il-ġdid tal-eu-LISA, is-Sur Tillmann Keber uffiċjalment beda l-kariga tiegħu fl-1 ta' Ottubru 2025.

Markaturi tal-progress:

- **Il-kompitu jew il-proġett twassal kif ippjanat**: l-objettivi u l-istadji importanti ntlaħqu
- **Il-kompitu jew il-proġett twassal parzjalment**: l-objettivi u l-istadji importanti ntlaħqu parzjalment; l-attività bdiet, iżda ġiet fuża ma' attività oħra, ikkanċellata, ingħatat inqas prijorità jew ġiet sospiża
- **Kompitu jew proġett imdewwem jew mhux imwettaq**: l-objettivi u l-istadji importanti ma ntlaħqux
- **Kompitu jew proġett ma nbediex**: l-attività ma bdietx

Indikaturi tal-Prestazzjoni:

- **Il-mira ntlaħqet** kif ippjanat fil-kamp ta' applikazzjoni meħtieġ.
- **Il-mira ntlaħqet parzjalment** bil-kisbiet kemxejn inqas mill-mira maħsuba
- **Il-mira ma ntlaħqitx** bir-riżultati taħt il-mira maħsuba b'mod sinifikanti

1.1. KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ INTERNA U L-INFURZAR TAL-LIĠI[4]

IS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN (SIS)

Is-SIS hija sistema għas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri stabbilita bħala miżura ta' kumpens għat-tneħħija tal-fruntieri interni fiż-żona Schengen. Tippermetti l-iskambju ta' twissijiet dwar persuni u oġġetti mfittxija jew nieqsa, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u t-terroriżmu. IS-SIS tappoġġa l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE u ssaħħaħ is-sigurtà interna.

L-għoti ta' appoġġ għal Ewropa sigura u mingħajr fruntieri għal 30 sena

Standard aġġornat għall-iskambju tad-*data* tal-Uffiċċji SIRENE

Funzjonalità bijometrika, sistema, u prestazzjoni ta' tfittxijiet imtejba

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija żgurat l-**operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tas-SIS, inkluża l-funzjonalità bijometrika tagħha (AFIS – sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'), li tipprovdi **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja lill-utenti finali (jiġifieri l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE).

L-Aġenzija **tejbet il-funzjonalità bijometrika, il-prestazzjoni u l-effiċjenza tat-tfittxija fis-sistema ċentrali**.

AĠĠORNAMENTI U EVOLUZZJONI

L-eu-LISA ddefiniet il-proċessi tan-negozju, il-funzjonalitajiet u l-arkitettura ġenerali tal-evoluzzjonijiet li ġejjin li jappoġġaw it-**titjib kontinwu** (eż., it-twissija ta' informazzjoni u l-konnessjonijiet tal-interoperabbiltà) u bdiet tiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi fil-livell tal-komponenti.

Sabiex timmodernizza l-infrastruttura, tnaqqas il-kostijiet futuri tal-manutenzjoni, ittejjeb il-prestazzjoni u l-kontinwità tal-operat, l-Aġenzija **għamlet il-migrazzjoni tal-bażi tad-*data* ewlenija tas-SIS għal pjattaforma ġdida**.

L-Aġenzija kkoordinat ukoll l-**aġġornament tal-istandard għall-iskambju tad-*data* tal-Uffiċċji SIRENE** għall-utenti finali (l-Istati Membri u l-Europol).

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99,92 %
DISPONIBBILTÀ
l-ebda inċident kritiku, nuqqas ta' disponibbiltà minħabba manutenzjoni

99,50 %
ŻMIEN TA' RISPONS
devjazzjonijiet minuri tal-prestazzjoni

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi, rapport dwar id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali

DATA MAĦŻUNA U OPERAT

94,6 miljun
TWISSIJA FIL-BAŻI TAD-*DATA*
▲2 % vs 2024
2 miljun twissija dwar persuni
92,6 miljun twissija dwar oġġetti

17,7 biljun
TFITTXIJA
▲18 % vs 2024
99,93% tfittxijiet alfanumerċi
0,07 % tfittxijiet bijometriċi

[4] Nota dwar l-istruttura: Ir-raggruppament tematiku tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE huwa maħsub biex jappoġġa fluss narrattiv koerenti u jipprovdi ċarezza għall-qarrejja. Madankollu, dan ma jirriflettix bis-sħiħ ir-relazzjonijiet kumplessi bejn dawn is-sistemi jew il-kontributi tagħhom f'diversi oqsma ta' politika. Ħafna sistemi jappoġġaw diversi domini operazzjonali fl-istess ħin, u l-impatt tagħhom spiss jestedi lil hinn mill-fruntieri ta' kapitlu wieħed (eż., is-SIS tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni, ir-router API-PNR għall-ġestjoni tal-fruntieri, u l-Eurodac tappoġġa wkoll il-ġestjoni tal-fruntieri). Għalhekk, din l-istruttura sservi prinċipalment bħala għajnuna narrattiva aktar milli bħala klassifikazzjoni stretta tar-rwoli tas-sistema.

PRONTEZZA GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

L-Aġenzija kompliet tistabbilixxi l-**konnessjoni mal-ETIAS** sabiex tippermetti tfittxijiet awtomatizzati għall-valutazzjoni tad-dritt ta' dħul tal-applikant, kif ukoll servizzi oħra lill-utenti finali. B'mod partikolari, l-Aġenzija lestiet l-ittestjar iżolat tal-komponent interkonness relatat, u kkonfermat skambju ta' notifiki b'suċċess.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali (inkluża l-AFIS), id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, il-prestazzjoni effiċjenti u l-appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali	
Manutenzjoni tas-SIS u tal-AFIS iż-żamma tal-istatus quo	— it-twassil ta' rilaxxi ta' manutenzjoni — it-tiġdid tal-komponenti tal-hardware u tas-software tat-tmiem tal-appoġġ — It-twettiq ta' kontrolli tal-konsistenza tad-*data*
Appoġġ tas-SIS lill-utenti finali iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ operazzjonali matul l-iskjerament ta' rilaxxi ġodda — l-għoti ta' appoġġ lill-kampanji ta' kwalifika u testijiet
Aġġornamenti u evoluzzjonijiet	
It-twassil ta' evoluzzjonijiet tas-sistema li jappoġġaw it-titjib kontinwu	
Għodda għall-ġestjoni u l-analiżi tal-applikazzjonijiet tas-SIS proġett: 2026 (inkluża l-FSA)	— it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli[5] — it-tnedija ta' tfassil ta' livell baxx
Migrazzjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS għas-CSP proġett: 2026 (FSA 2027) [**deċiżjoni finanzjarja pendenti**]	— it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — studju ta' fattibilità u każ tan-negozju finalizzati — **il-posponiment tal-finalizzazzjoni** minħabba r-restrizzjonijiet tar-riżorsi
Kontinwazzjoni tar-Riformulazzjoni tas-SIS proġett: [**baži ġuridika pendenti**]	— l-għoti ta' appoġġ lit-tħejjija ta' leġiżlazzjoni sekondarja għal oġġetti ta' valur għoli — il-kontribut għar-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-Rikonoxximent tal-Immaġni tal-Wiċċ — il-**posponiment** tal-finalizzazzjoni minħabba l-adozzjoni pendenti tal-baži ġuridika
Żieda fil-kapaċità tas-SIS proġett: 2027 (FSA 2028) [**deċiżjoni finanzjarja pendenti**[6]]	— it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — **il-finalizzazzjoni posposta** minħabba r-restrizzjonijiet tar-riżorsi
Evoluzzjonijiet tas-SIS proġett: 2025–2026[7]	— il-finalizzazzjoni tal-migrazzjoni tal-baži tad-*data* ewlenija tas-SIS (Jannar 2026) — l-iskrinjar: it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti dwar l-aċċess dirett għall-awtoritajiet ta' skrinjar, għadha għaddejja l-analiżi għal aċċess fakultattiv permezz tal-ESP — it-twissija ta' informazzjoni: it-tlestija tal-attivitajiet ta' tfassil u t-tnedija ta' attivitajiet tal-ittestjar
Prontezza għall-interoperabbiltà	
Konnessjoni mal-ETIAS, il-VIS u l-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, MID, sBMS) u mas-CRRS	
Konnessjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà proġett: 2027 (FSA 2028)	— it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — it-tfassil ta' livell baxx li għadu għaddej

[5] It-tfassil ta' livell għoli jiddetermina l-proċessi tan-negozju u l-arkitettura ġenerali; it-tfassil ta' livell baxx jispeċifika d-dettalji tekniċi fil-livell tal-komponenti u l-implimentazzjoni.

[6] Inkluż it-titjib tal-operat tal-immaniġġjar tad-*data*. L-Aġenzija amalgamat iż-żieda fil-prestazzjoni binarja mal-integrazzjoni tas-SIS mal-sBMS.

[7] Id-data tat-twassil għat-twissija ta' informazzjoni hija l-2026 (FSA 2027) u għar-rekwiżiti tal-iskrinjar tal-2026 (inkluża l-FSA).

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Konnessjoni tas-SIS mal-ETIAS proġett: 2026 (FSA 2027)	— it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti, it-tfassil ta' livell għoli u baxx — it-trasferiment tal-komponent tal-interkonnessjoni għas-CSP. — it-tlestija tall-ittestjar iżolat, il-bidu tal-ittestjar parzjali tan-negozju mal-Istati Membri
Konnessjoni tas-SIS mal-VIS Riveduta proġett: 2027 (FSA 2028) **data ġdida: 2028 (fażi 1, FSA 2029)**	— it-tlestija tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — it-tnedija ta' tfassil ta' livell baxx

SKAMBJU AWTOMATIZZAT TA' *DATA* GĦALL-KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA (ROUTER TA' PRÜM).

Ir-router ċentrali il-ġdid se jimmodernizza u jsaħħaħ il-qafas eżistenti ta' Prüm billi jippermetti l-iskambju aktar rapidu u aktar sistematiku tad-*data* bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol, u b'hekk itejjeb il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera. Dan se jissostitwixxi l-konnessjonijiet bilaterali attwali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali b'router ċentrali, u jipprovdi l-pedament għal arkitettura ġdida biex jiġu estiżi l-iskambji tal-profili tad-DNA, tal-marki tas-swaba', u tal-immaġnijiet tal-wiċċ.



It-tnedija tal-iżvilupp tar-router



It-twassil tal-ewwel verżjoni tal-arkitettura kunċettwali

IMPLIMENTAZZJONI

L-eu-LISA bdiet it-tfassil tas-software u ħolqot l-**ewwel verżjoni tal-arkitettura kunċettwali tar-router**, u wriet il-komponenti funzjonali ewlenin tagħha u l-interazzjonijiet tagħhom mal-Istati Membri. F'Settembru, l-Aġenzija bdiet l-**iżvilupp iterattiv aġli tal-ewwel prodott minimu vijabbli** li jkun fih funzjonalità ta' routing bażiku mingħajr l-ipproċessar tal-bijometrija.[8]

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT



KOST
l-ebda devjazzjoni



SKEDA
l-ebda devjazzjoni



KAMP TA' APPLIKAZZJONI
l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti tal-proġetti ta' kull xahar

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Implimentazzjoni	
Implimentazzjoni tar-router ta' Prüm	
Implimentazzjoni tar-router ta' Prüm proġett: 2027 (inkluża l-FSA)	— il-kontinwazzjoni tal-analiżi tat-tfassil ta' livell għoli u tar-rekwiżiti, il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti għat-tqabbil bijometriku mill-ġdid, it-twassil tal-ewwel verżjoni tal-arkitettura kunċettwali — it-tnedija tal-iżvilupp tal-ewwel prodott minimu vijabbli — il-kontribut għat-tħejjija tal-leġiżlazzjoni sekondarja

INFORMAZZJONI ANTIĊIPATA DWAR IL-PASSIĠĠIERI U R-REĠISTRU TAL-

[8] L-MVP jew il-prodott minimu vijabbli huwa verżjoni ta' prodott b'karatteristiċi minimi li jkun jista' jintuża mill-ewwel klijenti li mbagħad ikunu jistgħu jipprovdu feedback għall-iżvilupp tal-prodott futur.

ISMIJIET TAL-PASSIĠĠIERI (ROUTER API-PNR)

Ir-router API-PNR se jappoġġa l-identifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-kontrolli fil-fruntieri u jsaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprevjenu, jidentifikaw, jinvestigaw u jħarrku reati terroristiċi u kriminalità serja. Dan se jservi bħala punt uniku ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi bl-ajru għat-trasferiment tad-*data* API u PNR qabel it-titjira, u jnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità tat-trasportaturi u żbalji, u b'hekk jappoġġa ġestjoni aktar effettiva tal-fruntieri u infurzar tal-liġi.

It-tnedija tal-iżvilupp tar-router

IMPLIMENTAZZJONI

L-Aġenzija bdiet bit-**tfassil inizjali** tar-router API-PNR flimkien mal-**analiżi ta' livell għoli** tal-ħtiġijiet. Sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni u tiżgura konsistenza bejn is-sistemi, l-Aġenzija se tuża mill-ġdid komponenti tal-EES u tal-ETIAS, b'mod partikolari, is-servizzi web, il-pjattaforma taż-Żona tal-Internet u l-Għodda ta' Onboarding u ta' Appoġġ għall-Ħruġ tal-Biljetti tat-Trasportaturi.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST
l-ebda devjazzjoni

SKEDA
l-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONI
l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti tal-proġetti ta' kull xahar

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Implimentazzjoni	
Implimentazzjoni tar-router API-PNR u interfaċċa estiża tat-trasportaturi	
Implimentazzjoni ta' API-PNR proġett: 2028 **data ġdida: 2029 (inkluża l-FSA)**	— il-kontinwazzjoni tat-tfassil ta' livell għoli u analiżi tar-rekwiżiti — l-iskambji tekniċi mal-EUROCONTROL u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti mill-industrija tal-ivvjaġġar bl-ajru — il-kontribut għat-tħejjija tal-leġiżlazzjoni sekondarja

1.2. SCHENGEN, FRUNTIERI U VIŻA

SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-VIŻA (VIS)

Il-VIS tappoġġa lill-awtoritajiet tal-viża tal-Ue fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u fil-ġestjoni tal-viżi għal soġġorni qosra għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha. L-identifikazzjoni bijometrika fil-fruntieri tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tidentifika persuni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul jew tas-soġġorn, u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sigurtà interna. Il-VIS tappoġġa wkoll id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għall-ażil.

It-tnedija tal-konnessjoni tal-VIS mal-EES u l-sBMS.

It-tfassil ta' dokumenti inizjali tat-tfassil għall-proċess ta' skrinjar u għall-konnessjoni mal-ETIAS.

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija żgurat l-**operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tal-VIS, inkluża s-sistema ta' tqabbil bijometriku tagħha[9], li tipprovdi **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja lill-utenti finali (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE).

AĠĠORNAMENTI U EVOLUZZJONI

L-integrazzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda li jirriżultaw mir-Regolament Rivedut dwar il-VIS, inklużi, fost oħrajn, viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza għat-titjib tal-kontrolli tas-sigurtà fuq l-applikanti għall-viża, teħtieġ aġġornament sinifikanti tas-sistema ċentrali u t-tfassil mill-ġdid tal-proċessi tan-negozju. Minkejja r-rekwiżiti tekniċi kumplessi u l-finalizzazzjoni li għadha għaddejja tal-leġiżlazzjoni sekondarja, l-eu-LISA kompliet **taġġorna l-arkitettura ġenerali u l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali**, inklużi **r-rekwiżiti ta' skrinjar** u l-**konnessjoni mal-ETIAS**.

PRONTEZZA GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

L-Aġenzija għamlet progress sinifikanti lejn skambju aktar stabbli u skalabbli tad-*data* dwar il-viża fiż-Żona Schengen billi **għaqqdet il-VIS mal-sBMS f'Mejju 2025.** Dan tal-aħħar jippermetti l-konnessjoni mal-EES, u jippermetti li l-konsulati jikkonsultaw l-EES qabel ma joħorġu Viża ta' Schengen, u b'hekk jippermetti pproċessar sigur u effiċjenti tal-viża. L-integrazzjoni tal-bażi tad-*data* tal-marki tas-swaba' tal-VIS ma' servizz ġdid ta' tqabbil bijometriku tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku żżid ir-reżiljenza permezz ta' kapaċità u preċiżjoni ta' tqabbil aħjar . Evoluzzjoni ġdida timminimizza wkoll il-perjodu ta' qtugħ tas-sistema matul aġġornamenti futuri.

L-Aġenzija attivat l-aħħar element – **il-konnessjoni mal-EES** – fit-12 ta' Ottubru 2025 biex tirkupra *data* relatata mal-viżi mill-VIS għall-verifika preċiża tal-identità u għall-kontrolli tal-validità tal-viża matul il-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99,78 %

DISPONIBBILTÀ

l-ebda inċident kritiku, nuqqas ta' disponibiltà minħabba manutenzjoni

99,92 %

ŻMIEN TA' RISPONS

devjazzjoni żgħira minħabba l-VIS għad-dħul fis-seħħ tal-EES

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi, rapport dwar id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali

[9] Sad-19 u l-20 ta' Mejju 2025, il-VIS tuża l-sBMS bħala s-sistema ta' tqabbil bijometriku tagħha. Il-manutenzjoni tal-BMS intemmet fl-20 ta' Ġunju 2025 (xahar wara li tlestiet il-migrazzjoni tad-*data* u d-dħul fis-seħħ tal-sBMS).

DATA MAĦŻUNA U OPERAT

49,7 miljun

APPLIKAZZJONI GĦAL VIŻA MAĦŻUNA

▲8,7 % vs 2024

45,7 miljun sett ta' marki tas-swaba' (+9,5 %)

49,6 miljun immaġni tal-wiċċ (+8,7 %)

278 miljun

OPERAT ĠENERALI

▲7,3 % vs 2024

12-il miljun applikazzjoni għall-viża maħluqa (0 %)

29 miljun tfittxija alfanumerika (-9,4 %)

8 miljun tfittxija bijometrika (+8,3 %)

7,5 miljun awtentikazzjoni

bijometrika (+7,8 %)

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali (inkluża l-BMS), id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, il-prestazzjoni effiċjenti, u l-appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali	
Manutenzjoni tal-VIS iż-żamma tal-istatus quo	— it-twassil ta' rilaxxi ta' manutenzjoni — it-tnedija tad-dekummissjonar tal-BMS
Aġġornamenti u evoluzzjonijiet	
It-twassil tal-evoluzzjonijiet tas-sistema li jappoġġaw it-titjib kontinwu, inklużi funzjonalitajiet ġodda tal-VIS riveduta.	
Implimentazzjoni tal-VIS riveduta proġett: 2027 (inkluża l-FSA) **data ġdida: 2028 (fażi 1, FSA 2029), 2029 (fażi 2, FSA 2029–2030)**	— il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli, inklużi r-rekwiżiti tal-iskrinjar — l-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni fil-finalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja
Prontezza għall-interoperabbiltà	
Konnessjonijiet mal-EES, l-ETIAS u l-komponenti tal-interoperabbiltà (l-ESP u l-MID)	
Konnessjoni tal-VIS mal-ETIAS u l-komponenti tal-interoperabbiltà proġett: 2026 (ETIAS, FSA 2027), 2027 (IO, FSA 2028) **data ġdida: 2028 (IO, FSA 2029)**	— il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' żvilupp u ttestjar għall-konnessjoni mal-ETIAS — il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli għall-konnessjoni mal-ESP u mal-MID
Konnessjoni tal-VIS mal-EES proġett: 2025 (inkluża l-FSA)	— it-tlestija tal-konnessjoni tal-VIS mal-EES u l-sBMS, inkluża l-FSA — l-attivazzjoni tal-interkonnessjoni mal-EES — it-tlestija tal-migrazzjoni tal-funzjonalità ta' tfittxija bijometrika tal-VIS (BMS) għall-sBMS

IS-SISTEMA TA' DĦUL/ĦRUĠ (EES)

L-EES timmodernizza l-immaniġġjar tal-fruntieri esterni tal-UE billi tissostitwixxi l-istampar manwali tal-passaporti bir-reġistrazzjoni elettronika ta' nazzjonali mhux tal-UE li jaqsmu l-fruntieri ta' Schengen għal soġġorn qasir u tirreġistra r-rifjuti tad-dħul. L-EES tippermetti wkoll il-monitoraġġ tas-soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, issaħħaħ is-sigurtà interna ta' Schengen u tgħin tipprevjeni l-migrazzjoni irregolari. Il-kontrolli awtomatizzati se jgħinu lill-Istati Membri jimmaniġġjaw il-flussi tal-vjaġġaturi u jottimizzaw il-proċeduri fil-punti ta' qsim.

Id-dħul fis-seħħ progressiv tal-EES

L-iskjerament tal-parti statika tas-sit web Ivvjaġġa lejn l-Ewropa.

DĦUL FIS-SEĦĦ

L-Aġenzija żviluppat **pjan ta' tnedija ta' livell għoli**[10] li jkopri provi u dipendenzi ma' sistemi oħrajn (jiġifieri l-VIS għall-EES u l-sBMS) sabiex jiggwida lill-utenti finali (jiġifieri l-Istati Membri u l-Europol) kif ukoll biex

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST

filwaqt li l-Aġenzija qabżet il-baġit ippjanat għall-2025, il-kostijiet ġenerali tal-implimentazzjoni tal-EES huma f'konformità mal-LFS.

[10] Ir-Regolament 2025/1534

jappoġġa l-funzjonament effettiv billi jikkonferma l-miri tal-prestazzjoni u tad-disponibbiltà u l-proċeduri ta' appoġġ. Barra minn hekk, l-Aġenzija wettqet **tliet provi fuq skala kbira** biex tittestja s-sistema ċentrali, l-għodod, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, u tikkonferma l-prontezza għad-dħul fis-seħħ.

Id-[11]**dħul fis-seħħ progressive tal-EES fit-12 ta' Ottubru** 2025 immarka stadju importanti sinifikanti ħafna għall-eu-LISA, għaż-żona Schengen u għall-UE. L-EES se tkun skjerata b'mod sħiħ f'kull punt ta' qsim tal-fruntieri esterni mill-10 ta' April 2026.

L-EES hija pass lejn l-għeluq ta' lakuna li ilha teżisti fil-kontroll tal-fruntieri tal-UE[12] — il-kapaċità li b'mod affidabbli tittraċċa min jidħol u min joħroġ miż-Żona Schengen — essenzjali għall-infurzar tar-regola ta' 90/180 jum[13] u għall-indirizzar ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Flimkien mad-dħul fis-seħħ tal-sBMS, dan huwa pass importanti lejn il-ġestjoni diġitali integrata tal-fruntieri, u jistabbilixxi pedament b'saħħtu għall-eżekuzzjoni tal-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà.

TMEXXIJA OPERATTIVA

Minn Ottubru 2025, l-Aġenzija bdiet tiżgura **l-operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tal-EES, u pprovdiet **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja lill-utenti finali (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE).

PRONTEZZA GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

L-Aġenzija kompliet tistabbilixxi **konnessjoni mal-VIS** għall-irkupru awtomatizzat ta' *data* relatata mal-viża biex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri. F'Mejju 2025, l-eu-LISA skjerat b'suċċess **is-software tas-saff ta' integrazzjoni** li jippermetti l-interoperabbiltà ma' sistemi oħra (inklużi l-VIS u l-sBMS).

SKEDA

l-ittardjar tat-twassil meta mqabbel mal-mira inizjali stabbilita mir-regolament, iżda f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ta' Marzu 2025

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti tal-proġetti ta' kull xahar

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

98,13 %

DISPONIBBILTÀ

tliet inċidenti kritiċi

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi, rapport dwar id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali

limitazzjoni teknika ma ppermettietx il-kejl tal-ħin ta' rispons fl-2025.

OPERAT TAL-EES

8180

DĦUL MIĊĦUD TA' NAZZJONALI TA' PAJJIŻI TERZI

31 % tal-iskop u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn mhumiex iġġustifikati, 25 % tal-persuni baqgħu >3 xhur f'perjodu ta' 6 xhur

283

REVOKA TA' AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAS-SOĠĠORN

479

AWTORIZZAZZJONI ESTIŻA GĦAL SOĠĠORN

[11] Il-bidu progressiv jagħti lill-awtoritajiet tal-fruntieri tal-Istati Membri u lit-trasportaturi żmien biex jadattaw għall-proċeduri l-ġodda. Skont il-linji gwida prattiċi maħruġa mill-Kummissjoni, id-dħul fis-seħħ beda meta kull Stat Membru kien meħtieġ li jibda jirreġistra l-qsim tal-fruntieri fl-EES f'mill-inqas punt wieħed ta' qsim tal-fruntiera tiegħu. Sal-jum 60, il-funzjonalitajiet bijometriċi għandhom ikunu disponibbli f'dawk il-punti kollha ta' qsim tal-fruntiera fejn tiġi skjerata l-EES. Sal-jum 90, l-Istati Membri kollha huma meħtieġa joperaw l-EES bil-funzjonalitajiet bijometriċi kollha f'mill-inqas nofs il-punti ta' qsim tal-fruntiera tagħhom. Mill-10 ta' April 2026, l-EES se tkun kompletament operattiva bil-funzjonalitajiet bijometriċi kollha fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni kollha tad-29 pajjiż li jużaw is-sistema.

[12] Il-lakuna se tingħalaq bid-dħul fis-seħħ tal-EES.

[13] Ir-regola ta' 90/180 jum tippermetti lill-vjaġġaturi mingħajr viża jibqgħu fiż-Żona Schengen għal mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 180 jum.

SERVIZZI WEB

Għall-ipproċessar simplifikat tal-vjaġġaturi li jkunu se jidħlu, l-EES u l-ETIAS għandhom servizzi web konġunti għat-trasportaturi u għall-vjaġġaturi, li jippermettu l-kontroll tal-validità tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar qabel l-imbarkazzjoni.

F'Lulju 2025, f'kollaborazzjoni mal-Frontex u mal-Kummissjoni, l-eu-LISA skjerat il-parti statika tas-**sit web pubbliku tal-EES u tal-ETIAS – *L-ivvjaġġar lejn l-Ewropa***, li jipprovdi informazzjoni utli dwar ir-regoli l-ġodda għall-vjaġġaturi internazzjonali mmexxija lejn l-Ewropa – stadju importanti fl-implimentazzjoni tal-EES u tal-ETIAS.

Bl-informazzjoni ewlenija f'27 lingwa għall-EES u fi 30 lingwa għall-ETIAS, u bi kliem ewlieni ottimizzati għat-tiftix, is-sit web jiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni preċiża.

F'Diċembru 2025, l-Aġenzija ffinalizzat l-ittestjar tal-**applikazzjoni tas-servizz web** u għamlet disponibbli l-**għodda online għall-onboarding u l-appoġġ għat-trasportaturi** (COBST, soluzzjoni skalabbli għar-reġistrazzjoni, l-onboarding, ir-rapportar ta' kwistjonijiet u t-tfittxija ta' għajnuna fl-użu tal-EES) lit-trasportaturi tal-passiġġieri.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali (inklużi s-servizzi tal-web), id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, il-prestazzjoni effiċjenti, u l-appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali u għat-trasportaturi	
Żvilupp u manutenzjoni tal-EES Iż-żamma tal-istatus quo (dħul fis-seħħ f'Ottubru 2025, FSA 2026)	— il-bidu tal-perjodu ta' tranżizzjoni progressiva — il-kontinwazzjoni tal-aċċettazzjoni tas-sistema finali.
Manutenzjoni tas-servizzi tal-web iż-żamma tal-istatus quo	**il-bidu tal-attività wara d-dħul fis-seħħ fl-2026**
Manutenzjoni tal-hardware u tal-appoġġ u l-liċenzja ta' COTS iż-żamma tal-istatus quo	— it-tiġdid u l-appoġġ tal-liċenzji tal-EES — il-konfigurazzjoni tal-hardware u s-software kummerċjalment disponibbli (COTS) għall-EES, il-VIS u l-sBMS
Tranżizzjoni tal-EES għat-TEF/TOF proġett: 2025	— it-trasferiment tal-infrastruttura u tal-pjattaforma lill-kuntrattur tat-TOF tal-Lott 2 u l-kuntratt ta' appoġġ iffirmat għall-2026 — it-trasferiment tal-attivitajiet ta' żvilupp mistennija skont il-mudell tad-DPS fl-2026
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-EES u s-servizzi web	
Tranżizzjoni tal-EES għall-operat proġett: 2025	— id-dħul fis-seħħ tal-provi (Lulju, Settembru, Ottubru) — il-konfigurazzjoni tal-għodod u l-kanali ta' komunikazzjoni mal-utenti finali
Tranżizzjoni għall-operat tas-servizzi web proġett: 2025 **data ġdida: 2026 (inkluża l-FSA)**	— il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' tranżizzjoni, inkluż ir-reġistrazzjoni tat-trasportaturi, u l-onboarding — il-kontinwazzjoni tal-operat tas-sigurtà u s-servizz ta' appoġġ għall-ittestjar tat-trasportaturi
Servizzi ta' appoġġ tat-TEF proġett: 2027	— l-għoti ta' appoġġ lill-kuntrattur fl-analiżi tan-negozju u fl-assigurazzjoni tal-kwalità.
Prontezza għall-interoperabbiltà	
Konnessjoni mal-VIS Riveduta u l-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP)	
Servizz Web għall-VIS Riveduta proġett: 2026 (FSA 2027) **data ġdida: 2027 (FSA 2028)**	**l-attività tibda wara l-2026**
Konnessjoni tal-EES mal-komponenti tal-Interoperabbiltà (inkluż l-iskrinjar) proġett: 2027 (IO, FSA 2027), fl-2027 (il-VIS riveduta, FSA 2028)	— il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-kwalità ta' marki latenti u tal-pala tal-id, għall-EES, il-VIS, l-ECRIS-TCN u s-SIS; — Il-ħidma fuq il-funzjonalità awtonoma ta' rapportar għall-perjodu qabel l-integrazzjoni mas-CRRS, il-valutazzjoni tal-impatt għall-komponenti tas-CRRS

SISTEMA EWROPEA TA' INFORMAZZJONI U TA' AWTORIZZAZZJONI GĦALL-IVVJAĠĠAR (ETIAS)

L-ETIAS se tiffaċilita il-qsim tal-fruntieri permezz ta' awtorizzazzjoni online ta' qabel l-ivvjaġġar għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen għal soġġorn qasir. It-trasportaturi se jivverifikaw il-validità tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi qabel l-imbarkazzjoni, filwaqt li l-gwardji tal-fruntiera se jivverifikawha fil-fruntieri esterni. It-tqabbil tal-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI u l-bażi tad-*data* tal-Europol se jippermetti l-identifikazzjoni avvanzata tar-riskji potenzjali għas-sigurtà, għall-migrazzjoni illegali, jew għall-epidemija.

Simulatur aġġornat u mudelli ta' software

It-tnedija tal-ittestjar tal-konformità għall-validazzjoni tal-funzjonalitajiet ewlenin

It-tnedija tal-iżvilupp ta' chatbot u ta' għodda ta' appoġġ għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi

IMPLIMENTAZZJONI

L-eu-LISA lestiet it-tfassil tas-sistema ċentrali (inklużi r-rekwiżiti mill-integrazzjoni mal-Eurodac il-ġdida u mal-proċess ta' skrinjar) u l-iżvilupp iterattiv kontinwu. Minn Mejju 2025, l-Istati Membri għandhom **aċċess għall-funzjonalitajiet ewlenin kollha** – operat minn sistema għal sistema, inklużi callbacks, notifiki, u tfittxijiet fl-ESP. L-Aġenzija **nediet ittestjar tal-konformità** għall-Istati Membri biex tivverifika l-konformità tas-sistema mar-rekwiżiti definiti fil-livell nazzjonali.

F'Ġunju 2025, l-eu-LISA skjerat **simulatur aġġornat tas-sistema ċentrali** biex tappoġġa aktar lill-Istati Membri u lill-Europol fit-tħejjija tas-sistemi tagħhom stess. L-Aġenzija kkondividiet ukoll **mudelli ta' software aġġornati** li jkopru aċċess dirett għad-*data* tar-riżultati tas-SIS, l-EES u l-VIS, biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiddeterminaw il-proċessi tan-negozju meħtieġa.

L-Aġenzija bdiet ukoll tiżviluppa l-għodod relatati – **chatbot u l-għodda ta' appoġġ għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi**.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

KOST

l-ebda devjazzjoni

SKEDA

l-ittardjar tat-twassil meta mqabbel mal-mira inizjali stabbilita mir-regolament, iżda f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ta' Marzu 2025

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

devjazzjoni żgħira minħabba r-rekwiżiti ta' skrinjar u CSLR

Sors: L-FLS u r-rapporti dwar il-proġetti

Il-KPI dwar id-disponibbiltà u l-ħin tar-rispons tal-ETIAS se jkun disponibbli wara d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2026.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-ETIAS	
Tranżizzjoni tal-ETIAS għall-operat proġett: 2026 (FSA 2027)	— il-konklużjoni tat-tfassil, inklużi r-rekwiżiti tal-Eurodac il-ġdida u tal-iskrinjar — il-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-sistema ċentrali u tal-ittestjar tal-konformità — il-kollaborazzjoni mal-Frontex (mudell ta' appoġġ operazzjonali) u l-Europol (konnessjoni tal-bażijiet tad-*data*) — l-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni fil-finalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja
Prontezza għall-interoperabbiltà	
Konnessjonijiet mal-EES, is-SIS, il-VIS, il-komponenti tal-interoperabbiltà (l-ESP, is-CIR) u s-CRRS	
Konnessjoni tal-ETIAS mal-komponenti tal-interoperabbiltà	— il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli, — l-ittestjar ta' integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà (l-ESP, is-CIR) u

Kompitu: data tat-twassil proġett: 2026 (FSA 2027)

Riżultati ewlenin s-CRRS

1.3. MIGRAZZJONI U AŻIL

BAŻI TAD-*DATA* EWROPEA GĦAT-TQABBIL TA' *DATA* DATTILOSKOPIKA TA' PERSUNI LI JFITTXU L-AŻIL

L-Eurodac hija s-sistema tal-UE għall-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni, użata biex tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil. Din tgħin ukoll biex tistabbilixxi l-identità ta' persuni maqbuda għal qsim illegali tal-fruntieri u moviment mhux awtorizzat fiż-żona Schengen. Taħt kundizzjonijiet stretti u bħala l-aħħar rimedju, l-awtoritajiet nazzjonali għall-infurzar tal-liġi u l-Europol jistgħu jaċċessaw l-Eurodac biex jipprevjenu, jidentifikaw jew jinvestigaw reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra.

It-twassil ta' rilaxxi tas-sistema ċentrali u l-interfaċċa tal-utent fuq il-web.

Il-forniment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-Istati Membri

It-twassil tal-ewwel rilaxx għat-tfassil mill-ġdid ta' DubliNet.

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija żgurat l-**operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali, inkluż DubliNet, li tipprovdi **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja għall-utenti finali (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE).

IMPLIMENTAZZJONI: IL-EURODAC IL-ĠDIDA

It-trasformazzjoni tal-Eurodac eżistenti f'bażi tad-*data* komprensiva dwar l-ażil u l-migrazzjoni hija **prekondizzjoni kritika** għall-implimentazzjoni tal-elementi tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Il-**Eurodac il-ġdida** se tintroduċi *data* alfanumerika u bijometrika tal-wiċċ biex tħaffef u ttejjeb il-proċess tal-applikazzjoni għall-ażil, filwaqt li tappoġġa s-sistema tal-ażil u d-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati fiż-żona Schengen. L-integrazzjoni mal-arkitettura tal-interoperabbiltà se tippermetti tfittxijiet u kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi rilevanti kollha tal-ĠAI.

Biex tiżgura d-dħul fis-seħħ f'waqtu tagħha sat-12 ta' Ġunju 2026, l-eu-LISA ppilotat

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99,97 %

DISPONIBBILTÀ

2 inċidenti kritiċi, inkluż nuqqas ta' disponibbiltà minħabba manutenzjoni

99,99 %

ŻMIEN TA' RISPONS

l-ebda devjazzjoni fil-prestazzjoni

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi, rapport dwar id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali

DATA MAĦŻUNA U OPERAT

7,2 miljun

SETT TA' MARKI TAS-SWABA' MAĦŻUNA[14]

▼6 % vs 2024

6,9 miljun applikant għall-ażil (-6 %)

0,3 miljun qsim irregolari tal-fruntieri (-24 %)

1,1 miljun

***DATA* TRAŻMESSA**

▼18 % vs 2024

0,69 miljun applikant għall-ażil (-17 %)

0,17 miljun qsim irregolari tal-fruntieri (-20 %)

[14] *Data* tal-marki tas-swaba' trażmessa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lis-sistema ċentrali għall-finijiet tal-ħżin u tat-tiftix.

approċċ ta' żvilupp intern aġli u iterattiv, filwaqt li ħadet vantaġġ mill-kapaċitajiet tal-kontejners u tal-cloud biex taċċellera t-twassil. L-Aġenzija pprovdiet l-**ewwel erba' rilaxxi intermedji tas-sistema ċentrali u l-interfaċċa tal-utent tal-web**, kif ukoll l-**ispeċifikazzjonijiet tekniċi** biex tibda l-konnessjoni formali u l-attivitajiet ta' ttestjar fl-ambjenti ta' ttestjar assoċjati. Dawk il-funzjonalitajiet ippermettew simulazzjonijiet b'komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, CIR u sBMS) bl-użu ta' *data* ta' mudell.

Barra minn hekk, l-Aġenzija **wasslet l-ewwel rilaxx tat-tfassil mill-ġdid ta' DubliNet,** li jkopri l-forma inizjali u l-funzjonalitajiet pilota għall-interfaċċa tal-utent tal-web.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Progress u riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali (inkluż DubliNet), disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, prestazzjoni effiċjenti, u appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali	
Manutenzjoni ta' Eurodac u DubliNet żamma tal-istatus quo	— it-twassil ta' rilaxxi ta' manutenzjoni, żewġ inċidenti kritiċi — it-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni li għadu għaddej mal-ħames Stati Membri li fadal
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-Eurodac il-ġdida u r-rekwiżiti ta' skrinjar	
Il-Eurodac il-ġdida u l-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà proġett: 2026 (FSA 2027)[15]	— it-twassil ta' erba' rilaxxi tas-sistema ċentrali, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi — l-attivar tas-simulazzjoni bl-ESP, bis-CIR u bl-sBMS
Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Iskrinjar[16] proġett: 2026 (FSA 2027)	— il-konklużjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli, l-analiżi tal-każijiet ta' użu
Aġġornamenti u evoluzzjonijiet	
It-twassil tas-sistema u l-evoluzzjonijiet ta' DubliNet li jappoġġaw it-titjib kontinwu	
Aġġornamenti tal-Eurodac proġett: 2026	**attività kkanċellata:** l-ebda aġġornament jew evoluzzjoni mmexxija għas-sistema miruta Eurodac
Tfassil mill-ġdid/aġġornament ta' DubliNet wara l-Eurodac il-ġdida proġett: 2027 **data ġdida: 2026 (inkluża l-FSA)**	— il-konklużjoni ta' tfassil ta' livell għoli — il-kontinwazzjoni tal-iżvilupp bit-twassil tal-ewwel rilaxx

1.4. KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA

SISTEMA EWROPEA TA' INFORMAZZJONI TA' REKORDS KRIMINALI –

[15] Id-dħul fis-seħħ se jsir f'żewġ fażijiet: l-ewwel pakkett ta' funzjonalitajiet li twassal f'Ġunju 2026 (inkluża l-konnessjoni mal-ESP, l-sBMS, is-CIR), u l-funzjonalitajiet li jifdal f'Diċembru 2026, jiġifieri, il-konnessjoni mal-VIS, l-ETIAS, l-MID, is-CRRS.

[16] Il-proċedura ta' skrinjar fil-fruntieri esterni tapplika għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul skont il-*Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*. Tinkludi kontroll preliminari tas-saħħa, valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, tfittxijiet fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (eż., il-VIS u l-EES), reġistrazzjoni bijometrika fil-Eurodac, kontroll tas-sigurtà, tlestija ta' formola ta' skrinjar, u referenza għall-proċedura xierqa—kemm jekk għall-ażil kif ukoll għar-ritorn.

ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI (ECRIS-TCN)

L-ECRIS-TCN se tikkumplimenta l-implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS[17] b'informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi kkundannati fl-UE, biex tipprovdi lill-awtoritajiet rilevanti informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali, u b'hekk tappoġġa l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-UE kollha.

It-twassil ta' aġġornament kbir tal-ECRIS RI

It-tnedija tal-ittestjar tal-konformità tal-ECRIS-TCN mal-Istati Membri

L-integrazzjoni mas-CIR, l-ESP u l-sBMS

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija żgurat l-**operat effettiv u kontinwu** tal-ECRIS RI, u pprovdiet **disponibbiltà bla interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja lill-utenti finali (awtoritajiet ġudizzjarji fl-UE kollha).

IMPLIMENTAZZJONI

Filwaqt li l-prontezza teknika tal-ECRIS-TCN ma ntlaħqitx fl-2025, l-eu-LISA għamlet progress fl-iżvilupp iterattiv, wasslet żewġ rilaxxi li jkopru funzjonalitajiet kritiċi, u ppermettiet il-**bidu tal-ittestjar tal-konformità** tas-sistemi nazzjonali.

F'Novembru 2025, l-Aġenzija lestiet **aġġornament kbir tal-ECRIS RI**, u pprovdiet lill-utenti finali l-aħħar verżjoni tas-software għall-konnessjoni sigura tan-network. L-aġġornament jippermetti wkoll l-integrazzjoni mal-ECRIS-TCN fil-futur u huwa prekondizzjoni biex tinbeda t-tagħbija tad-*data*.

PRONTEZZA GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

Sabiex l-ETIAS u l-VIS ikunu jistgħu jfittxu fl-ECRIS-TCN, l-eu-LISA kompliet **tistabbilixxi l-konnessjoni** mal-komponenti tal-interoperabbiltà meħtieġa, b'enfasi fuq l-**ittestjar integrat mal-ESP, mas-CIR, mal-sBMS**, u mas-**CRRS**.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

100 %

KONFORMITÀ MAL-FLS

prestazzjoni, inkluż il-ġestjoni tal-biljetti fi ħdan il-miri stabbiliti

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi

Id-disponibbiltà u l-ħin ta' rispons tal-ECRIS-TCN se jkunu disponibbli wara d-dħul fis-seħħ tagħha fl-2026

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST

devjazzjoni żgħira taħt il-5 % minħabba evoluzzjonijiet (allinjament tal-interoperabbiltà, rekwiżiti ta' skrinjar)

SKEDA

dewmien estensiv

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi u rapporti dwar il-proġetti

[17] L-ECRIS RI tippermetti l-komunikazzjoni bejn ir-reġistri tar-rekords kriminali tal-Istati Membri tal-UE biex jiġu kkunsidrati kundanni preċedenti taċ-ċittadini tal-UE meta jingħataw sentenzi kriminali.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Progress u riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tal-ECRIS RI, disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, prestazzjoni effiċjenti, appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali	
Manutenzjoni tal-ECRIS RI iż-żamma tal-istatus quo	— it-twassil ta' rilaxxi ta' manutenzjoni
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (inklużi r-rekwiżiti ta' skrinjar) u t-twassil ta' evoluzzjonijiet li jappoġġaw it-titjib kontinwu, inkluża t-tiġdid tal-ECRIS RI	
Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN proġett: 2026 (inkluża l-FSA) **data ġdida: [valutazzjoni pendenti]**	— il-kontinwazzjoni tal-assigurazzjoni u tal-ittestjar tal-kwalità fil-livelli ċentrali u nazzjonali — it-twassil ta' żewġ rilaxxi u t-titjib tar-RI għall-integrazzjoni
Tranżizzjoni tal-ECRIS-TCN għall-operat proġett: 2026 **data ġdida: [valutazzjoni pendenti]**	— il-kontinwazzjoni ta' tħejjijiet biex titkompla t-tranżizzjoni għall-operat
Regolament dwar l-Iskrinjar tal-ECRIS-TCN proġett: 2025 **data ġdida: 2026 (inkluża l-FSA)**	— il-finalizzazzjoni tal-parti kritika tal-analiżi għar-rekwiżiti tal-iskrinjar
Riformulazzjoni tal-ECRIS RI proġett: 2025 **data ġdida: [deċiżjoni finanzjarja pendenti]**	**attività sospiża** minħabba r-restrizzjonijiet tar-riżorsi
Prontezza għall-interoperabbiltà	
Il-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, CIR) u CRRS.	
Konnessjoni tal-ECRIS-TCN mal-komponenti tal-interoperabbiltà proġett: 2026 (FSA 2027) data ġdida: **[valutazzjoni pendenti]**	— l-ittestjar fil-livell ċentrali u nazzjonali, inkluż l-ittestjar tal-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà l-ESP, is-CIR (mal-sBMS) u s-CRRS — it-tfassil ta' mekkaniżmi u proċeduri għall-ġestjoni tal-kwalità tad-*data*

KOMUNIKAZZJONI FIL-QASAM TAL-e-ĠUSTIZZJA PERMEZZ TAL-ISKAMBJU TA' *DATA* ONLINE (e-CODEX)

Is-sistema e-CODEX hija soluzzjoni għall-iffaċilitar tal-komunikazzjoni elettronika sigura bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-professjonisti legali u ċ-ċittadini fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera f'materji ċivili u kriminali, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u għan-negozji fl-Ewropa kollha.

It-twassil tas-sett tal-konnetturi tal-e-CODEX rifatturat

L-onboarding tal-utenti biex jiġu implimentati l-ewwel każijiet ta' użu ġodda obbligatorji

It-twassil tal-istandard proċedurali diġitali għall-każ tal-użu tal-UPPE

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija żgurat l-**operat effettiv u kontinwu** tal-e-CODEX, u pprovdiet **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja matul

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99.90%

DISPONIBBILTÀ (għodda għall-ġestjoni tal-konfigurazzjoni)

il-ħinijiet tan-negozju tal-EET lill-utenti finali (jiġifieri, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji).

L-eu-LISA **għamlet onboarding ta' utenti ġodda**: Id-Danimarka, l-Irlanda, u esperti mill-Kunsill tan-Notarjati tal-UE (CNUE).

l-ebda inċident kritiku

Sors: SLR u rapporti trimestrali dwar l-inċidenti

STANDARDS PROĊEDURALI DIĠITALI

L-Aġenzija żżomm u tiżviluppa **standards proċedurali diġitali** – speċifikazzjonijiet tekniċi għal mudelli tal-proċessi tan-negozju u skemi tad-*data* li jittraduċu strumenti legali f'karatteristiċi diġitali tas-sistema. Fl-2025, l-eu-LISA **abbozzat skemi tad-*data*** għall-ordni ta' ħlas Ewropea, għall-mandat ta' arrest Ewropew, għall-pretensjonijiet żgħar, għall-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Barra minn hekk, l-eu-LISA wasslet pakkett standard proċedurali diġitali ġdid għas-sottomissjoni diġitalizzata tar-**rapporti dwar il-kriminalità** tal-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** (UPPE) mill-Istati Membri.

Sabiex timplimenta **l-ewwel żewġ każijiet ta' użu obbligatorji** għas-servizz ta' dokumenti u l-ġbir ta' evidenza, l-eu-LISA għamlet onboarding ta' **utenti ġudizzjarji ġodda** (jiġifieri, qrati, nutara, aġenti tal-infurzar).

AGĠORNAMENTI U EVOLUZZJONIJIET

Sabiex ittejjeb il-prestazzjoni futura, l-Aġenzija **iffatturat mill-ġdid is-sett tal-konnetturi tal-e-CODEX** (kodiċi tas-sors), bl-applikazzjoni tal-approċċ DevSecOps, biex tiżgura allinjament mat-teknoloġiji moderni u tneħħi d-dejn tekniku għall-iterazzjonijiet futuri.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu, id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, il-prestazzjoni effiċjenti u l-appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali L-iżvilupp, l-iskjerament u l-ġestjoni tal-istandards proċedurali diġitali u vokabularju bażi tal-e-Ġustizzja tal-UE	
Manutenzjoni tal-e-CODEX iż-żamma tal-istatus quo	— it-twassil ta' rilaxxi ta' manutenzjoni, l-onboarding ta' utenti ġodda. — it-twassil tas-sett tal-konnetturi tal-e-CODEX rifatturat — it-titjib tal-interfaċċi tal-utenti fil-komponenti kollha
Ġestjoni tal-istandards proċedurali diġitali tal-e-CODEX iż-żamma tal-istatus quo	— l-analiżi u l-forniment ta' appoġġ tekniku għad-diġitalizzazzjoni tal-istrumenti l-ġodda tal-ġustizzja f'diversi fora — it-twassil tal-istandard proċedurali diġitali għall-każ tal-użu tal-UPPE

PJATTAFORMA TA' KOLLABORAZZJONI TAL-ISKWADRI TA' INVESTIGAZZJONI KONĠUNTA (PK TAS-SIK)

Il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, u l-aġenziji (Europol u Eurojust) u l-korpi rilevanti tal-UE – l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), – u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera.

L-għażla ta' soluzzjonijiet Ewropej ta' software b'sors miftuħ bħala bażi

Il-preżentazzjoni tal-ewwel verżjoni tal-pjattaforma lill-partijiet ikkonċernati

IMPLIMENTAZZJONI

L-eu-LISA irfinat ir-rekwiżiti tas-sistema u t-tfassil tas-sistema ċentrali u tal-applikazzjoni għall-komunikazzjoni. B'mod partikolari, l-Aġenzija **għażlet soluzzjoni Ewropea ta' software b'sors miftuħ bħala bażi għall-pjattaforma** u ipprovdiet iterazzjonijiet aġġornati ta' **mudelli tal-pjattaforma** (eż., funzjonalitajiet tal-bord ta' amministrazzjoni) bħala viżwalizzazzjoni preliminari tal-karatteristiċi ċentrali u tal-interfaċċa tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA wriet **verżjoni bikrija** tal-**pjattaforma** għall-partijiet ikkonċernati, u għamlet progress fl-għażla tal-app tal-komunikazzjoni, u identifikat soluzzjoni legalment konformi.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST

l-ebda devjazzjoni

SKEDA

dewmien estensiv peress li d-dħul fis-seħħ tas-7 ta' Diċembru 2025 ma ġiex milħuq minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet meħtieġa ta' sigurtà u kwalità

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi u rapporti dwar il-proġetti

Id-disponibbiltà tal-PK tas-SIK se tkun disponibbli wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK	
Implimentazzjoni tal-PK tas-SIK proġett: 2025 **data ġdida: [valutazzjoni pendenti]**	— il-finalizzazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli, inklużi stejjer tal-utent — it-twassil ta' pjattaforma għall-attivitajiet ta' ttestjar — il-personalizzazzjoni tas-software Ewropew b'sors miftuħ, inkluża l-konnessjoni mal-Eurojust — il-konklużjoni tar-riċerka tas-suq għall-applikazzjoni għall-komunikazzjoni — l-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni fil-finalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja

1.5. INTEROPERABBILTÀ


Il-ġestjoni effiċjenti tas-sigurtà interna u tal-fruntieri esterni tal-Ewropa tiddependi fuq il-kapaċità tas-sistemi tal-IT li jagħmlu skambju ta' *data* u informazzjoni. Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-Ewropa kollha, l-eu-LISA qed timplimenta l-arkitettura globali tal-interoperabbiltà għas-sistemi kollha tal-ĠAI li jaqgħu taħt il-ġestjoni tagħha: SIS, VIS, Eurodac, EES, ETIAS, u ECRIS-TCN. Meta tibda tintuża, din l-interoperabbiltà tas-sistemi se tippermetti forniment aktar aġli u effiċjenti ta' servizzi lill-komunità tal-ĠAI, filwaqt li ssaħħaħ ukoll is-sigurtà interna tal-UE.

L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE se tinkludi l-komponenti li ġejjin:

- il-**portal Ewropew tat-tfittxija** (ESP) li jippermetti lill-utenti awtorizzati jwettqu tfittxijiet singoli u jirċievu r-riżultati mis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI li huma awtorizzati jaċċessaw,
- is-**servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku** (sBMS) għal tqabbil trażversali ta' *data* tal-identità ma' identifikaturi bijometriċi fis-sistemi kollha tal-ĠAI,
- ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità** (CIR), repożitorju ta' informazzjoni bijografika u bijometrika dwar nazzjonali ta' pajjiżi terzi biex tiġi żgurata identifikazzjoni affidabbli,
- id-**detettur ta' identitajiet multipli** (MID) għall-iżgurar tal-identifikazzjoni korretta ta' vjaġġaturi *bona fide*, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-frodi tal-identità,

L-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll ir-**repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika** (CRRS) biex tipprovdi *data* statistika intersistemika u r-rapportar analitiku dwar is-sistemi kollha tal-ĠAI għal skopijiet ta' politika, tal-operat u ta' kwalità tad-*data*.

▲Illustrazzjoni 1. Arkitettura tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI



SERVIZZ KONDIVIŻ TA' TQABBIL BIJOMETRIKU (sBMS)

L-sBMS huwa wieħed mill-komponenti ċentrali tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE. Jaħżen mudelli bijometriċi ġġenerati minn *data* maħżuna fis-SIS u fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR). L-sBMS ilu minn Mejju 2025 jiffaċilita tfittxijiet dwar *data* bijometrika fis-sistemi rilevanti kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, u b'hekk jagħmilha waħda mill-akbar sistemi bijometriċi fid-dinja.

Id-dħul fis-seħħ tal-sBMS għall-VIS

Id-dħul fis-seħħ tal-sBMS għall-EES

DĦUL FIS-SEĦĦ

L-eu-LISA laħqet stadju importanti bid-**dħul fis-seħħ tal-sBMS għall-VIS f'Mejju 2025, u għall-EES f'Ottubru 2025.** Barra minn hekk, l-Aġenzija ffinalizzat il-migrazzjoni ta' 45 miljun *data* bijometrika storika mill-VIS BMS. Permezz tal-sBMS, l-eu-LISA wasslet l-ewwel komponent definit fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, stadju importanti għat-titjib tas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE.

Billi jiċċentralizza t-tqabbil bijometriku, l-sBMS jirrappreżenta żvilupp sinifikanti fl-approċċ tal-UE għall-ġestjoni tad-*data* bijometrika, u jtejjeb il-kontrolli tal-identità bejn il-fruntieri.

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-eu-LISA ilha minn Mejju tiżgura l-**operat effettiv u kontinwu** tal-sBMS, u tipprovdi **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja lill-utenti finali (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE).

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST

l-ebda devjazzjoni

SKEDA

l-ittardjar tat-twassil meta mqabbel mal-mira inizjali stabbilita mir-regolament, iżda f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ta' Marzu 2025

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

100 %
DISPONIBBILTÀ

l-ebda inċident kritiku

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar il-proġetti u s-servizzi

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tal-sBMS, disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, prestazzjoni effiċjenti, u appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti finali Iż-żieda fil-kwalità ġenerali tas-soluzzjonijiet bijometriċi u fl-għarfien espert intern dwar il-bijometrika u l-ġestjoni tal-identità	
Manutenzjoni tal-sBMS iż-żamma tal-istatus quo	— il-bidu tal-manutenzjoni, l-ebda inċident kritiku — il-konklużjoni tal-aċċettazzjoni tas-sistema finali
Portafoll tal-bijometrika iż-żamma tal-istatus quo	— it-tfassil ta' livell għoli tal-għodda ta' kejl tal-preċiżjoni futura għall-operat bijometriku bejn is-sistemi u intrasistemiċi
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-sBMS, inkluż it-tlestija tal-migrazzjoni tad-*data* bijometrika mill-VIS BMS għall-sBMS	
Implimentazzjoni tal-sBMS proġett: 2025 (inkluża l-FSA)	— it-tlestija tal-attivitajiet ta' tranżizzjoni, inkluża l-prova, id-dħul fis-seħħ fid-19 u fl-20 ta' Mejju — it-tħejjija għall-ittestjar tal-integrazzjoni mal-ECRIS-TCN, mal-Eurodac il-ġdida, mas-CIR u mas-SIS, it-twettiq ta' ttestjar iżolat bl-ECRIS-TCN u bis-SIS — il-kontinwazzjoni tal-analiżi tal-impatt tal-MID, inkluża l-preċiżjoni tal-operat bijometriku
Aġġornamenti u evoluzzjonijiet	
It-twassil ta' evoluzzjonijiet tas-sistema li jappoġġaw titjib kontinwu, inkluża l-konnessjoni mal-Eurodac il-ġdida u mal-ECRIS-TCN	
Żieda fil-Kapaċità tal-sBMS proġett: 2026 (inkluża l-FSA)	— il-kontinwazzjoni tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli
sBMS għall-Eurodac proġett: 2027 **data ġdida: 2026 (FSA 2027)**	— il-bidu tal-valutazzjoni għall-migrazzjoni tad-*data* tal-Eurodac u tas-SIS — il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti bijometriċi u t-tfassil ta' livell għoli għall-konnessjoni mal-Eurodac il-ġdida u l-ECRIS-TCN

KOMPONENTI OĦRA TAL-INTEROPERABBILTÀ

Minbarra l-sBMS, l-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE se tkun attivata minn tliet komponenti addizzjonali: il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID).



Il-finalizzazzjoni tal-integrazzjoni mas-sistemi ġodda



Il-bidu tal-ittestjar integrat ma' sistemi ġodda

IMPLIMENTAZZJONI

L-eu-LISA kompliet timplimenta l-komponenti tal-interoperabbiltà li fadal, u pprovdiet diversi **verżjonijiet tal-ESP u tas-CIR biex tiġi ffinalizzata l-integrazzjoni** u **jinbeda l-ittestjar integrat** ma'sistemi ġodda li se jidħlu fis-seħħ fl-2026 – l-ETIAS, il-Eurodac il-ġdida u l-ECRIS-TCN.

Sabiex l-Istati Membri jingħataw appoġġ fil-ġestjoni tal-links MID, ġiet introdotta s-Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni dwar il-Link Safra (CSLR) biex jiġu stabbiliti proċessi uniformi ta' ġestjoni tal-links għall-awtoritajiet kollha. Fl-2025, l-eu-LISA għamlet progress bid-**definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CSLR** flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST

l-ebda devjazzjoni

SKEDA

l-ittardjar tat-twassil meta mqabbel mal-mira inizjali stabbilita mir-regolament, iżda f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ta' Marzu 2025

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti tal-proġetti ta' kull xahar

Il-disponibbiltà u l-prestazzjoni se jkunu disponibbli ladarba l-komponenti jkunu qed

joperaw

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, CIR, MID)	
Implimentazzjoni tal-ESP proġett: 2025 **data ġdida: 2026 (inkluża l-FSA)**	— it-twassil tal-verżjoni li tappoġġa l-ECRIS-TCN — il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — il-kontinwazzjoni tal-ittestjar iżolat tat-tfittxija tal-Europol permezz tal-ESP — il-kontinwazzjoni tal-ittestjar iżolat u ta' integrazzjoni li għadu għaddej bis-CIR, l-sBMS, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN
Implimentazzjoni tas-CIR proġett: 2025 **data ġdida: 2026 (inkluża l-FSA)**	— it-twassil tal-verżjoni li tappoġġa l-ECRIS-TCN — il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli — il-kontinwazzjoni tal-ittestjar iżolat u ta' integrazzjoni li għadu għaddej bl-ESP, l-sBMS, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN
Implimentazzjoni tal-MID proġett: 2027 **data ġdida: 2028 (inkluża l-FSA)**	— il-kontinwazzjoni tal-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli, l-aġġornament tad-dokumenti ta' tfassil
Implimentazzjoni tas-CSLR[18] proġett: faża 1 2027 (inkluża l-FSA), faża 2 2028 (inkluża l-FSA)	— il-progress bid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni — il-kontinwazzjoni tal-laqgħat tal-Forum għall-Ġestjoni tal-Proġetti sabiex jiġu rfinati r-rekwiżiti

REPOŻITORJU ĊENTRALI GĦAR-RAPPORTAR U GĦALL-ISTATISTIKA (CRRS)

L-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll is-CRRS biex tipprovdi *data* statistika intersistemika u rapportar analitiku dwar is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI.

Il-finalizzazzjoni tal-integrazzjoni mas-sistemi ġodda

Il-bidu tal-ittestjar integrat

IMPLIMENTAZZJONI

L-eu-LISA kompliet timplimenta s-CRRS, **iffinalizzat l-integrazzjoni u bdiet l-ittestjar** tal-integrazzjoni b'sistemi ġodda li daħlu fis-seħħ fl-2026 – l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

KOST

l-ebda devjazzjoni

SKEDA

l-ittardjar tat-twassil meta mqabbel mal-mira inizjali stabbilita mir-regolament, iżda f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ta' Marzu 2025

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni

Sors: FLS u rapporti tal-proġetti ta' kull xahar

Il-disponibbiltà u l-prestazzjoni se jkunu disponibbli ladarba l-komponenti jkunu qed joperaw

[18] Soluzzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir limitata għal twissijiet sensittivi tas-SIS (CSLR SIRENE) matul il-faża 1 tal-perjodu tranżitorju tal-MID, u l-prodott fuq perjodu ta' żmien twil, li tippermetti l-użu ta' router API-PNR li se jippermetti l-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali u interfaċċa grafika tal-utent.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Implimentazzjoni	
L-implimentazzjoni tas-CRRS	
Implimentazzjoni tas-CRRS proġett: 2026 (inkluża l-FSA)	— it-twassil tal-verżjoni li tappoġġa l-ECRIS-TCN u l-ETIAS — il-kontinwazzjoni tal-ittestjar iżolat u ta' integrazzjoni mal-sBMS, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN

1.6. INFRASTRUTTURA U NETWORKS

INFRASTRUTTURA TA' SISTEMA KONDIVIŻA

L-effiċjenza operazzjonali, il-prestazzjoni u d-disponibbiltà għolja jirrikjedu infrastruttura reżiljenti biex tospita s-sistemi tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA. L-Aġenzija tipprovdi servizz ta' infrastruttura komuni ċentralizzata (CSI) ibbażat fuq komponenti standardizzati ta' hardware u software kondiviżi, li jippermetti ġestjoni tal-infrastruttura flessibbli, ottimizzata u kosteffettiva.

Infrastruttura b'disponibbiltà għolja

Servizzi ta' hosting għal sistemi eżistenti u ġodda

Servizzi ta' hosting għall-EUAA u l-Frontex

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija pprovdiet **infrastruttura sottostanti disponibbli ħafna**, u żgurat **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u kontinwità tas-soluzzjonijiet tal-infrastruttura, kif ukoll appoġġ operazzjonali proattiv u ta' kwalità għolja lill-utenti finali, bil-kwistjonijiet kollha riżolti minnufih.

SERVIZZI TA' HOSTING

L-Aġenzija pprovdiet **servizzi ta' hosting** għas-sistemi ta' *backup* tal-Frontex u tal-Aġenzija tal-UE għall-Asil (EUAA).

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99,53 %
RIKONOXXIMENT TA' INĊIDENTI
milħuqa parzjalment minħabba volum irduppjat

98,36 %
ŻMIEN GĦAR-RIŻOLUZZJONI TAL-INĊIDENTI
milħuqa parzjalment minħabba volum irduppjat

99,06 % / 100 %
DISPONIBBILTÀ TAS-CSI
ambjent ta' qabel il-produzzjoni u ambjent / ambjent tal-produzzjoni ieħor.
id-disponibbiltà ta' qabel il-produzzjoni affettwata mill-ittestjar tas-sistema
Sors: SM9 u rapporti ta' kull xahar, portal Azure

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tas-CSI, id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, il-prestazzjoni effiċjenti, u s-servizzi u s-soluzzjonijiet ta' kwalità għolja It-twassil tal-evoluzzjonijiet meħtieġa u l-allinjament teknoloġiku li jtejbu l-prestazzjoni, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà u s-sigurtà	
Tmexxija operattiva tas-CSI iż-żamma tal-istatus quo	— it-tmexxija operattiva, inkluż il-monitoraġġ tal-infrastruttura 24/7, il-ġestjoni tal-aċċess permezz ta' network ta' ġestjoni sigur

Kompitu: data tat-twassil	Riżultati ewlenin
Manutenzjoni adattiva tas-CSI iż-żamma tal-istatus quo	— il-manutenzjoni f'rilaxxi ċikliċi, is-sostituzzjoni ta' komponenti tal-infrastruttura fit-tmiem ta' ħajjithom
Servizzi ta' hosting għall-Frontex u l-EUAA iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ 24/7 u l-koordinazzjoni fuq il-post ta' inċidenti u kwistjonijiet, il-komunikazzjoni regolari u l-aġġornamenti dwar l-istatus

PJATTAFORMI TA' HOSTING INTELLIĠENTI

It-tkabbir kontinwu u l-kostruzzjoni, it-twassil u l-operat l-aktar effiċjenti jeħtieġu soluzzjonijiet ta' infrastruttura intelliġenti u moderni. Billi tapplika l-prinċipji tal-5S (l-iskalabbiltà, is-sostenibbiltà, l-istabbiltà, is-sigurtà u s-sovranità), l-eu-LISA tintroduċi kunċetti u teknoloġiji ġodda għall-ospitar ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. L-Aġenzija tipprovdi servizzi ta' hosting permezz ta' żewġ pjattaformi siguri u skalabbli:

- **pjattaforma kondiviża komuni** (CSP): pjattaforma standardizzata fuq il-post, li toffri ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi u pipelines ta' skjerament orjentati lejn DevSecOps bi grad għoli ta' awtomatizzazzjoni,
- **pjattaforma komprensiva tal-cloud** (CCP): pjattaforma tal-cloud li tippermetti stabbiliment aktar mgħaġġel u skalabbiltà aktar faċli ta' ambjenti ta' applikazzjonijiet mingħajr l-akkwist jew it-twassil ta' hardware.



L-adozzjoni tal-ewwel strateġija ibrida multicloud



L-istabbiliment ta' ambjent ta' qabel il-produzzjoni fuq is-CSP biex jospita sistemi ġodda

TKABBIR TAL-PJATTAFORMI

L-Aġenzija żgurat l-istabbiltà tal-pjattaformi, u pprovdiet servizz affidabbli u kontinwu għall-Istati Membri. L-eu-LISA stabbiliet **ambjent ta' qabel il-produzzjoni** dwar is-CSP biex tospita sistemi ġodda tal-ĠAI, u tippermetti ttestjar, validazzjoni u skjerament aktar rapidi u aktar allinjati. Il-konnessjoni mal-ambjent ta' oħrajn tippermetti l-iskjerament minn repożitorju ċentrali, u tissimplifika l-proċess tat-twassil.

L-Aġenzija nediet **Approċċ Intern ta' Ppjanar** biex tindirizza attivitajiet interkonnessi kumplessi, b'enfasi fuq it-titjib tal-allinjament dwar l-objettivi u l-prijoritizzazzjoni tar-riżultati tanġibbli kritiċi, kif ukoll l-identifikazzjoni preċedenti tar-riskji u d-dipendenzi.

AWTOMATIZZAZZJONI

L-eu-LISA nediet il-**Komunità ta' Prattika għall-Awtomatizzazzjoni** biex iżżid u trawwem bidla kulturali u ssaħħaħ il-kapaċitajiet interni, tipprovdi lill-inġiniera qafas ta' kollaborazzjoni ddedikat għall-innovazzjoni u timplimenta soluzzjonijiet ta' awtomatizzazzjoni.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI



99,98 %

ĦIN OPERAZZJONALI TAS-CCP

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz, portal tal-Cloud

Il-ħin operazzjonali tas-CSP se jkun disponibbli ladarba l-pjattaforma tal-produzzjoni tkun kompletament disponibbli.

STRATEĠIJA TAL-CLOUD

F'Jannar 2025, il-Bord tat-Tmexxija adotta **l-ewwel *strateġija ibrida multicloud*** tal-eu-LISA biex jindirizza l-limiti tal-elettriku, tat-tkessiħ u tal-ispazju – l-ospitar ta' ambjenti mhux ta' produzzjoni fil-cloud itaffi l-kapaċità, jaċċellera t-twassil u jtejjeb l-iskalabbiltà. Madankollu, il-komponenti ewlenin tal-produzzjoni li fihom *data* personali se jibqgħu f'ambjenti siguri fuq il-post.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
L-operat effettiv u kontinwu tal-pjattaformi, id-disponibbiltà bla interruzzjoni, il-prestazzjoni effiċjenti, u s-servizzi u s-soluzzjonijiet ta' kwalità għolja It-twassil tal-evoluzzjonijiet meħtieġa u l-allinjament teknoloġiku li jtejbu l-prestazzjoni, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà u s-sigurtà	
Manutenzjoni tas-CCP iż-żamma tal-istatus quo	— l-iskjerament tal-ambjent awtomatizzat ta' test tal-e-CODEX fuq is-CCP. — l-iskjerament ta' ambjenti ta' żvilupp għall-Eurodac il-ġdida, il-VIS għall-ETIAS u l-PK tas-SIK — l-iskjerament ta' ambjenti ta' qabel il-produzzjoni għall-ETIAS, l-ESP, is-CIR, il-MID, is-CRRS, is-CRRD (repożitorju komuni għad-*data* ta' referenza), l-ECRIS-TCN — il-kontinwazzjoni ta' inizjattivi ta' awtomatizzazzjoni u l-prattiki tad-DevOps, l-ittestjar u l-verifika tat-teknoloġiji tal-cloud — l-istabbiliment ta' konnessjoni bejn is-CCP u t-TESTA EuroDomain għall-ittestjar tal-Eurodac il-ġdida
Manutenzjoni tas-CSP iż-żamma tal-istatus quo	— l-ambjenti iżolati u integrati għall-ETIAS, l-ESP, is-CIR, il-MID, is-CRRS, is-CRRD u l-ECRIS-TCN — l-ambjent ta' qabel il-produzzjoni għall-ETIAS, l-ESP, is-CIR, il-MID, is-CRRS, is-CRRD, l-ECRIS-TCN, il-Eurodac il-ġdida — l-interkonnessjoni ma' TESTA EuroDomain għall-ittestjar tal-ECRIS-TCN — il-kontinwazzjoni ta' inizjattivi ta' awtomatizzazzjoni u l-prattiki ta' DevOps

NETWORKS U KOMUNIKAZZJONIJIET

It-trasferiment sigur tad-*data* jirrikjedi infrastruttura ta' komunikazzjoni reżiljenti li tgħaqqad is-sistemi tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA mal-utenti finali tagħhom. Konnessjoni ddedikata minn punt għal punt bejn is-sit operazzjonali fi Franza u l-*backup* fl-Awstrija tiżgura l-operat kontinwu u perjodu minimu ta' qtugħ, filwaqt li tissalvagwardja l-kontinwità tal-operat tas-sistemi kritiċi tal-UE. L-eu-LISA tuża t-tliet dominji (dominji tas-SIS u tal-VIS u l-EuroDomain[19]) fuq in-network TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida) separati mill-internet pubbliku.

Infrastruttura ta' komunikazzjoni affidabbli u sigura

Il-konnessjoni bejn is-CCP u l-EuroDomain

Il-konsolidazzjoni ta' konnessjonijiet minn punt għal ieħor ta' TESTA-ng

TMEXXIJA OPERATTIVA

L-Aġenzija żgurat servizzi ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni **disponibbli ħafna u siguri** (inkluż iż-żamma ta' riżorsi essenzjali tal-internet), l-għoti ta' **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja lill-utenti finali (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE).

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99,99 %

DISPONIBBILTÀ TA' NETWORK FUQ ŻONA WIESGĦA[20]

l-ebda inċident kritiku

Sors: Rapport dwar id-disponibbiltà ta' TESTA-ng

AĠĠORNAMENTI U EVOLUZZJONIJIET

Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tad-*data*, minbarra l-kriptaġġ ipprovdut min-network TESTA-ng, l-eu-LISA tiġġestixxi t-

MIGRAZZJONI GĦAL TESTA-EIRIS

B'rispons għall-istandards tekniċi u l-ħtiġijiet operattivi li qed jevolvu, id-DĠ DIGIT tal-Kummissjoni u l-eu-LISA komplew bit-**tfassil u l-iżvilupp tan-network trans-**

[19] L-utenti finali jikkonnettjaw ma' kull dominju separatament (fiżikament separati fil-bini tagħhom), normalment permezz ta' żewġ punti ta' aċċess iddedikati.

[20] Għad-dominju tas-SIS u tal-VIS biss; l-indikatur EuroDomain issorveljat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Servizzi Diġitali (DIGIT).

tieni saff ta' kriptaġġ għas-SIS biex tipprevjeni l-aċċess estern u l-użu mhux awtorizzat ta' *data* personali matul it-trasferimenti.

Skont l-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida, l-eu-LISA laħqet stadju importanti sinifikanti bil-konnessjoni tal-**EuroDomain u s-CCP**, billi pprovdiet lill-utenti tal-EuroDomain aċċess għall-ambjent tal-ittestjar ibbażat fuq il-cloud, li jippermetti stabbiliment ambjentali aktar mgħaġġel, u t-tibdil tal-fokus mill-konfigurazzjoni tal-hardware għall-ittestjar tal-karatteristiċi tal-applikazzjoni.

Biex timmodernizza l-infrastruttura tan-network tagħha u tappoġġa aħjar is-sistemi eżistenti u ġodda, l-eu-LISA **kkonsolidat il-konnessjonijiet minn punt għal ieħor ta' TESTA-ng** bejn is-CU u l-BCU, u tejbet il-konnettività, il-prestazzjoni u l-iskalabbiltà, filwaqt li naqqset il-kost u ż-żmien tal-manutenzjoni, u żgurat konsum sostenibbli ta' enerġija u naqset l-impronta ambjentali.

Ewropew ġdid, TESTA EIRIS (pjattaforma ta' interkonnettività u skambju għall-UE), biex sa tmiem l-2027 jiġi sostitwit in-network TESTA-ng attwali. Fl-2025, ġie stabbilit mudell ta' governanza u ġie ffirmat ftehim dwar ir-rekwiżiti tekniċi, filwaqt li bdiet il-komunikazzjoni mal-Istati Membri.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tmexxija operattiva	
Servizzi ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni b'disponibbiltà għolja u siguri, inklużi soluzzjonijiet ta' saff sekondarju ta' kriptaġġ u riżorsi essenzjali tal-Internet	
Tmexxija operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni iż-żamma tal-istatus quo	— il-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura tas-sistemi tal-ĠAI u appoġġ għall-utenti finali — it-twettiq ta' manutenzjoni, inklużi soluzzjonijiet għal saff sekondarju ta' kriptaġġ — il-ġestjoni tal-bidliet fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni, u l-iżviluppi tan-network TESTA għall-EES, l-sBMS u l-interoperabbiltà
Aġġornamenti u evoluzzjonijiet	
L-aġġornament tas-saffi ta' kriptaġġ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS u tan-network TESTA-ng	
Evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni proġett: 2027	— l-aġġornament tas-saffi ta' kriptaġġ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni — l-implimentazzjoni tal-komponenti, il-konfigurazzjonijiet tal-infrastruttura tal-EES, tal-VIS u tal-sBMS, inklużi l-NUIs u ż-żona tal-internet — it-tħejjijiet għall-migrazzjoni għal TESTA-EIRIS

1.7. RIĊERKA, INNOVAZZJONI U BINI TAL-KAPAĊITAJIET

MONITORAĠĠ TAR-RIĊERKA U TAT-TEKNOLOĠIJA

Il-monitoraġġ tal-iżviluppi fir-riċerka u t-teknoloġija fl-oqsma tan-negozju rilevanti għall-Aġenzija, jiżgura l-evoluzzjoni teknoloġika kontinwa tas-sistemi fdati lill-eu-LISA. Barra minn hekk, l-eu-LISA tinvolvi ruħha mal-industrija, mal-akkademja u ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE biex tagħmel skambju ta' informazzjoni dwar teknoloġiji emerġenti, u tappoġġa liċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna u Orizzont Ewropa.



L-organizzazzjoni ta' avveniment ta' *roundtable* industrijali



Il-pubblikazzjoni tar-rapport dwar il-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija u s-sommarju teknoloġiku



Il-konklużjoni ta' studju dwar l-IA ġenerattiva

MONITORAĠĠ TAR-RIĊERKA U TAT-TEKNOLOĠIJA

L-Aġenzija tejbet l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tagħha billi ssorveljat l-iżviluppi fir-riċerka u t-teknoloġija fl-oqsma bħall-bijometrika, l-IA, il-kriptaġġ u t-teknoloġiji tal-cloud. Fl-2025, l-eu-LISA ppubblikat **sommarju tat-teknoloġija dwar it-teknoloġiji tal-cloud**, u r-**rapport annwali dwar il-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija** fl-ivvjaġġar internazzjonali, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Barra minn hekk, l-eu-LISA ffinalizzat **rapport dwar ċentri tad-*data* effiċjenti fl-użu tal-enerġija**, li janalizza l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-aħjar prattiki biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija taċ-ċentri tad-*data* tagħha stess.

ROUNDTABLE INDUSTRIJALI

F'Ġunju 2025, l-eu-LISA organizzat flimkien mal-Presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-UE avveniment ta' roundtable biex **tesplora approċċi moderni għall-iżvilupp tas-software fis-settur pubbliku**, u attirat aktar minn 310 parteċipanti (120 b'mod preżenti, 190 online) mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-akkademja u l-industrija.

BIJOMETRIKA

L-Aġenzija kkontribwiet b'mod attiv għaċ-**Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna**. Skont ir-raggruppament tal-bijometrika, l-Aġenzija kkoordinat it-tħejjija ta' nota ta' politika dwar l-evalwazzjoni indipendenti tat-teknoloġija bijometrika fl-UE. L-eu-LISA ppartecipat ukoll fir-raggruppamenti taċ-Ċentru dwar il-prospettiva, l-IA u l-kriptaġġ.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI



1 RAPPORT DWAR IL-MONITORAĠĠ TAR-RIĊERKA U T-TEKNOLOĠIJA

"*Identity management technologies in the context of international travel and migration*"

1 NOTA TEKNOLOĠIKA

"*Sovereign Cloud Technologies – Is the cloud really just somebody else's computer*?"



1 *ROUNDTABLE* INDUSTRIJALI

"*Building Better Government Software at Scale*" (11–12 ta' Ġunju 2025 f'Varsavja, il-Polonja).

Sors: pubblikazzjonijiet, avveniment organizzat

Barra minn hekk, l-eu-LISA appoġġat lill-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sigurtà tal-Informazzjoni bil-manutenzjoni tal-għodda tal-Kwalità tal-Immaġni tal-Wiċċ b'Sors Miftuħ (OFIQ, Open-Source Face Image Quality).

INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

Fl-2025, l-eu-LISA ffinalizzat l-**Istrateġija tal-IA** tagħha għall-2025–2027 biex tottimizza l-proċessi interni u tappoġġa l-operat tagħha. L-Aġenzija avvanzat ukoll il-konformità mal-Att tal-UE dwar l-IA, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet tal-IA b'riskju għoli, u lestiet studju dwar **l-użu ta' IA ġenerattiva biex** ittejjeb il-proċessi interni (il-ġestjoni tal-kuntratti u t-tiftix ta' informazzjoni bbażat fuq iċ-chat).

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija	
L-għoti ta' appoġġ għar-riflessjoni strateġika u l-innovazzjoni dwar l-oqsma tat-teknoloġija rilevanti għall-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati tagħha (eż. teknoloġija ta' rikonoxximent bijometriku, IA) u t-tranżizzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni (eż., l-industrija u l-akkademja)	
Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija iż-żamma tal-istatus quo	— il-monitoraġġ tat-teknoloġiji, inkluż *roundtable* industrijali organizzata dwar l-industrija, rapport ippubblikat dwar il-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija u rapport qasir dwar it-teknoloġija — il-kontribut għall-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, u l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mad-DĠ JRC.
Soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għal effiċjenza mtejba iż-żamma tal-istatus quo	— il-konklużjoni ta' studju dwar għodod ta' IA enerattiva, l-immappjar ta' applikazzjonijiet eżistenti u mistennija tal-IA f'eu-LISA, il-ħidma biex tiġi implimentata l-Liġi dwar l-IA tal-UE — l-abbozzar tal-ewwel strateġija tal-IA tal-eu-LISA — il-parteċipazzjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-EUAN dwar l-IA, fin-network korrispondenti tal-EDPS għall-IA, u f'laqgħat organizzati mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni għall-IA

STATISTIKA U RAPPORTAR

L-Aġenzija tiġbor u tippubblika rapporti ta' prestazzjoni u statistika dwar l-użu u l-funzjonament tekniku tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA taġġorna u tippubblika regolarment il-listi tal-awtoritajiet maħtura li għandhom aċċess għas-sistemi tal-ĠAI.



Il-pubblikazzjoni tar-rapporti statistiċi u statutorji dwar is-sistemi tal-ĠAI



L-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen

STATISTIKA U RAPPORTAR

L-Aġenzija ppubblikat rapporti dwar il-**funzjonament tekniku tas-SIS**, statistika aggregata dwar is-**SIS u l-Eurodac**, u listi uffiċjali ta' awtoritajiet kompetenti għas-**SIS, l-N.SIS u l-Eurodac**. Id-*data* statistika dwar l-użu tas-sistemi tal-ĠAI tikkontribwixxi għall-Barometru ta' Schengen+ tal-Kummissjoni, kif ukoll għal inizjattivi simili oħra għat-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċitajiet ta' previżjoni fil-livell tal-UE.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI



PUBBLIKAZZJONI TA' 3 RAPPORTI

Il-funzjonament tekniku tas-SIS 2023–2024, l-istatistika tas-*SIS* u tal-*Eurodac* tal-2024

PUBBLIKAZZJONI TA' 3 LISTI TA' AWTORITAJIET

Is-*SIS*, l-*N.SIS* u l-lista ta' awtoritajiet tal-*Eurodac*

Sors: pubblikazzjonijiet

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Rapportar statutorju	
Il-kumpilazzjoni u t-tixrid ta' statistika regolari, rapporti dwar il-prestazzjoni u listi ta' awtoritajiet Il-forniment tal-istatistika għall-appoġġ tal-inizjattivi tal-Kummissjoni biex jiġu identifikati r-riskji fil-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil, ir-ritorn, is-sigurtà interna u l-politika dwar il-viża, (eż. il-proġett ta' għarfien tas-sitwazzjoni u previżjoni, il-Barometru ta' Schengen+, in-Network tal-Blueprint għall-ġestjoni tal-migrazzjoni)	
Rapportar tekniku u statistika aggregata iż-żamma tal-istatus quo	— il-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' statistika annwali ppubblikati (SIS, Eurodac), statistika trimestrali miġbura tas-SIS — il-pubblikazzjoni tal-listi ta' awtoritajiet (SIS, N.SIS, Eurodac), it-tħejjijiet għal-lista ta' awtoritajiet tal-EES u tal-ECRIS-TCN — it-titjib tal-għodda tal-awtomatizzazzjoni interna għall-ġbir tad-*data* tas-SIS

Kompitu: data tat-twassil	Riżultati ewlenin
Kontribut għas-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-UE u l-kapaċità ta' previżjoni relatati mal-ġestjoni tal-migrazzjoni u mas-sigurtà interna iż-żamma tal-istatus quo	— il-forniment ta' statistika ad hoc skont it-talbiet tal-Kummissjoni — il-kontribut għall-Barometru ta' Schengen+ — l-għoti ta' appoġġ lid-diskussjoni mal-Frontex fil-qafas tal-implimentazzjoni tas-CRRS

TAĦRIĠ LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-AĠENZIJI TAL-ĠAI

L-operat effiċjenti u l-użu tekniku tas-sistemi tal-ĠAI jiddependu minn taħriġ regolari għall-esperti u l-uffiċjali tal-Istati Membri, imfassal għall-ħtiġijiet emerġenti u l-lakuni identifikati fl-għarfien.

L-espansjoni tal-katalgu tat-tagħlim għal 120 riżors online

It-twassil ta' 34 attività ġdida ta' taħriġ.

Iż-żieda fir-rata ta' sodisfazzjon minn 86 % għal 89 %

TAĦRIĠ LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-AĠENZIJI TAL-ĠAI

L-eu-LISA wettqet **34 attività ġdida ta' taħriġ** (prinċipalment online), u b'hekk il-katalgu eżistenti tagħha tela' għal 120 riżors ta' tagħlim online disponibbli għall-Istati Membri fuq il-pjattaforma tat-tagħlim online. L-Aġenzija ffukat b'mod partikolari fuq it-taħriġ biex tappoġġa d-dħul fis-seħħ tal-EES kif ukoll il-bijometrika. L-Aġenzija laħqet livell għoli ta' sodisfazzjon fost **3990 parteċipant**.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

89 %

RATA TA' SODISFAZZJON FIT-TAĦRIĠ

it-trainees huma sodisfatti ħafna jew kompletament sodisfatti bit-taħriġ ipprovdut (5,34 minn 6)

▲ 3 % vs 2024

Sors: rapport dwar l-Attivitajiet ta' Taħriġ tal-eu-LISA

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	Riżultati ewlenin
Taħriġ lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI	
It-taħriġ għall-utenti finali dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi tal-ĠAI, inkluża l-kooperazzjoni mas-CEPOL sabiex jiġi pprovdut taħriġ konġunt u jiġi kondiviż l-għarfien espert f'oqsma ta' interess reċiproku	
Taħriġ għall-Istati Membri iż-żamma tal-istatus quo	— it-twassil ta' attivitajiet ta' taħriġ (inklużi taħriġ wiċċ imb wiċċ, webinar, moduli u korsijiet online) — l-għoti ta' appoġġ lil tmien attivitajiet ta' taħriġ tas-CEPOL u tal-Frontex b'għarfien espert dwar is-sistemi tal-ĠAI

EVALWAZZJONIJIET TA' SCHENGEN

Il-funzjonament effettiv taż-żona Schengen jiddependi fuq qafas regolatorju, ta' politika u ta' governanza kumpless. Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, l-eu-LISA tipprovdi l-għarfien espert tagħha għall-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen (SEMM), prinċipalment għall-evalwazzjonijiet tas-sistemi tal-ĠAI bħas-SIS/SIRENE, il-VIS u l-EES.

L-għoti ta' appoġġ lil 9 evalwazzjonijiet

Il-kontribut għat-taħriġ tal-evalwaturi

EVALWAZZJONIJIET TA' SCHENGEN

L-Aġenzija kkontribwiet għall-**analiżi tar-riskju annwali** (imwettqa sena qabel l-evalwazzjoni) biex tħejji għall-evalwazzjonijiet li ġejjin fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fil-Liechtenstein u fil-Belġju. L-Aġenzija appoġġat **5 evalwazzjonijiet fuq il-post** (inklużi webinars preparatorji), għas-SIS/SIRENE fl-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Iżvizzera, u **3 evalwazzjonijiet fuq il-post** dwar il-politika komuni dwar il-viżi (inkluża l-VIS) għal Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija appoġġat lill-Kummissjoni fl-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri (EES) fil-qafas ta' evalwazzjoni ta' Schengen, li ġie ppruvat matul l-**evalwazzjoni fuq il-post** tal-Bulgarija.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Evalwazzjonijiet ta' Schengen	
Il-kontribut għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-UE, inkluża l-parteċipazzjoni bħala osservatur u l-kontribut għar-rapporti	
Evalwazzjonijiet ta' Schengen iż-żamma tal-istatus quo	— il-kontribut għall-eżerċizzji annwali ta' analiżi tar-riskju — l-għoti ta' appoġġ għall-evalwazzjonijiet u t-taħriġ relatat

1.8. APPOĠĠ DIRETT GĦALL-OPERAT

OPERAT TAS-SISTEMA

Il-prestazzjoni kontinwa, reżiljenti u ta' kwalità għolja tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE teħtieġ tmexxija operattiva 24/7 u appoġġ għall-utenti finali, sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, riżoluzzjoni tal-inċidenti u tal-problemi biex jinżammu l-kwalità u l-kontinwità tas-servizz.

L-iżgurar ta' appoġġ operazzjonali ta' kwalità għolja 24/7

L-għoti ta' appoġġ għad-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda

ĊENTRU TAS-SERVIZZI TAL-OPERAT

Iċ-**ċentru tas-servizzi operazzjonali** tal-eu-LISA pprovda appoġġ lill-utenti finali ta' kwalità għolja (jiġifieri, l-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE, u t-trasportaturi) u ssorvelja s-sistemi kollha li jitħaddmu 24/7 (ħlief l-e-CODEX, li jirċievi appoġġ matul il-ħinijiet tax-xogħol ta' Tallinn). L-Aġenzija **tejbet il-koordinazzjoni bejn** il-kontropartijiet ċentrali u nazzjonali, u dan irriżulta f'sodisfazzjon għoli u rikonoxximent mill-Istati Membri.

L-Aġenzija kompliet it-tranżizzjoni mit-triage u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti **reattivi għal dawk proattivi**, u sfruttat l-awtomatizzazzjoni u l-għodod imsaħħa biex iżżid il-kwalità u r-rispons tas-servizz, u tiżviluppa l-

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

90 %

PRESTAZZJONI TAS-*SERVICE DESK* TAL-EU-LISA

96,40 %

SODISFAZZJON TAL-KLIJENTI

l-utenti finali sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizzi: SIS 97,5 %, VIS 92,6 %, Eurodac 99 %

Sors: rapport tal-prestazzjoni tas-*service desk*; stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti

kapaċità interna biex timplimenta **dashboards ċentralizzati** għal teħid ta' deċiżjonijiet u għarfien tas-sitwazzjoni aħjar.

OPERAT TA' SOLUZZJONIJIET U MANUTENZJONI

L-Aġenzija **saħħet ir-rapportar ta' inċidenti** billi tejbet it-traċċar u r-riżoluzzjoni. Sabiex tiżgura l-prontezza u d-dħul fis-seħħ bla xkiel ta' sistemi ġodda (eż. sBMS, EES u servizzi tal-web), l-eu-LISA ffukat fuq it-**titjib tal-kanali ta' koordinazzjoni u komunikazzjoni** għal trasparenza u rispons aħjar biex jissolvew l-isfidi tekniċi, u integrat b'mod effiċjenti t-tagħlimiet meħuda mill-provi.

INĊIDENTI U TALBIET GĦAS-SERVIZZ[21]

1911-il
INTERAZZJONI ĠESTITI
Ii minnhom 1254 inċident u 657 talba għal servizz

4404
BILJETTI ĠESTITI
Ii minnhom 29 huma kritiċi, 356 għoljin, 2503 moderati u 1513 bi prijorità baxxa

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Appoġġ operazzjonali	
It-tmexxija operattiva kontinwa tas-sistemi u l-għoti ta' appoġġ ta' kwalità għolja lill-utenti finali	
Ċentru tas-Servizzi tal-Operat iż-żamma tal-istatus quo	— il-monitoraġġ u l-osservabbiltà 24/7/365, rispons għall-ewwel inċident, *service desk* għall-utent finali, ġestjoni ta' talbiet għal servizz, inċidenti u problemi — l-aġġornament u l-istandardizzazzjoni tal-Manwali tal-Operaturi, inklużi sistemi ġodda
Operat tas-soluzzjonijiet	
L-għoti ta' servizz kontinwu, stabbli u ta' kwalità għolja ta' soluzzjonijiet, inkluża tmexxija operattiva kompleta, li jtejjeb ir-risponsività u l-monitoraġġ tal-kwalità.	
Operat ta' soluzzjonijiet u manutenzjoni iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ tekniku, il-ġestjon u r-riżoluzzjoni ta' inċidenti/problemi — l-għoti ta' appoġġ fl-implimentazzjoni u l-iskjerament ta' bidliet u rilaxxi, inkluż ir-reżami ta' sistemi ġodda l-VIS għall-EES, l-sBMS, is-servizzi web, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, l-e-CODEX, l-interoperabbiltà, il-Eurodac il-ġdida

SIGURTÀ TAS-SISTEMA, ĊIBERSIGURTÀ U KONTINWITÀ TAL-OPERAT

Is-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI kontra theddid avvanzat huma kritiċi peress li l-eu-LISA tiġġestixxi u tospita ammonti kbar ta' *data* sensittiva. L-Aġenzija tiżgura l-ogħla livell ta' konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti tas-sigurtà billi tapplika approċċ ta' "difiża fil-fond", timplimenta l-prinċipji ta' sigurtà sa mit-tfassil u ta' fiduċja żero.

L-organizzazzjoni ta' eżerċizzju dwar is-sigurtà u l-kontinwità tal-operat

L-adozzjoni ta' pjanijiet ta' sigurtà u kontinwità tal-operat

It-twassil ta' valutazzjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà u pjan dwar iċ-ċibersigurtà

[21] Iż-żieda fl-inċidenti u fit-talbiet għal servizzi kienet prinċipalment marbuta mat-tnedija ta' applikazzjonijiet ġodda u aġġornamenti wara l-iskjerament biex jiġu żgurati l-funzjonament u l-prestazzjoni tajbin tagħhom.

SIGURTÀ TAS-SISTEMA U KONTINWITÀ TAL-OPERAT

L-Aġenzija ssorveljat u mmaniġġjat kontinwament ir-riskji tas-sigurtà (inkluži s-sigurtà ċibernetika), u żgurat li l-kontrolli stabbiliti jkunu effettivi u mmaniġġjati b'mod xieraq. Sabiex tinforza l-kontrolli tal-aċċess, l-awtentikazzjoni u l-protezzjoni tad-*data* adegwati mill-bidu, l-eu-LISA ffokat fuq it-tfassil tal-arkitetturi ta' sigurtà għal **routers ċentrali tal-Eurodac il-ġdida, ta' Prüm u API-PNR**. Il-Bord tat-Tmexxija adotta **pjanijiet ta' sigurtà u kontinwità tal-operat** għall-e-CODEX, għas-sistemi l-ġodda (EES, ETIAS u ECRIS-TCN) u għall-interoperabbiltà.

L-eu-LISA saħħet is-soluzzjoni tagħha tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventi (SIEM) f'konformità mas-CERT-UE (Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni) sabiex tissorvelja aħjar u tirrispondi għall-inċidenti ta' sigurtà. L-eu-LISA organizzat ukoll **valutazzjoni tal-impatt fuq in-negozju** tas-servizzi kritiċi, sabiex ikollha stampa olistika tar-reżiljenza organizzazzjonali.

QAGĦDA TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ

L-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-cloud tirrikjedi t-tisħiħ tal-qagħda u d-difiżi taċ-ċibersigurtà. F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, l-eu-LISA wettqet **valutazzjoni tar-riskju għaċ-ċibersigurtà**, u valutazzjoni tal-maturità tas-sigurtà, iffinalizzat **pjan dwar iċ-ċibersigurtà** u tejbet il-qafas taċ-ċibersigurtà biex ittejjeb ir-reżiljenza operazzjonali tagħha. L-Aġenzija nediet rieżamijiet tas-sigurtà dwar il-fornituri terzi ewlenin tagħha sabiex tiżgura s-sigurtà u l-kontinwità tal-operat tas-servizzi pprovduti.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

100 %

TAL-OBJETTIVI TAS-SIGURTÀ IMPLIMENTATI

100 %

VALUTAZZJONIJIET TAR-RISKJU TAS-SIGURTÀ KONTRA S-SISTEMI

Sors: dashboard ta' garanzija tas-sigurtà

EŻERĊIZZJU TAS-SIGURTÀ U TAL-KONTINWITÀ TAL-OPERAT

F'Settembru 2025, flimkien mal-partijiet ikkonċernati tagħha (ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati, l-EUIBA, il-Frontex u l-ENISA), l-eu-LISA wettqet **eżerċizzju tas-sigurtà u tal-kontinwità tal-operat** għas-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES u l-e-CODEX, biex tiżgura livell adegwat ta' sigurtà u reżiljenza għas-sistemi taħt il-mandat tagħha.

L-eżerċizzju ffoka fuq l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni ta' tfixkil potenzjali fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni ta' inċidenti f'każ ta' eventi mhux mistennija u inċidenti ta' tfixkil.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Sigurtà tas-sistema	
It-titjib tal-qafas tas-sigurtà, tal-kapaċitajiet u tal-qagħda ta' sigurtà tas-sistemi u tal-infrastruttura tagħha	
Servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti iż-żamma tal-istatus quo	— il-monitoraġġ tal-infrastruttura tal-IT korporattiva, inkluż il-ġestjoni u r-rispons tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess — l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-operat taċ-ċibersigurtà, tal-monitoraġġ u tar-rispons
Sigurtà u assigurazzjoni tal-informazzjoni iż-żamma tal-istatus quo	— it-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskji, l-iskennjar tal-vulnerabbiltajiet, ir-rieżamijiet tas-sigurtà u testijiet ta' penetrazzjoni, u t-twassil ta' strateġiji ta' mitigazzjoni. — il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-qagħda tas-sigurtà tas-sistema, inkluż l-aġġornament tar-rekwiżiti tas-sigurtà aġġornati, tal-pjanijiet u tal-pjanijiet tal-kontinwità tal-operat, l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS — l-iżgurar tal-prinċipji tas-sigurtà sa mit-tfassil; il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà, inkluži arkitetturi għal sistemi ġodda fuq il-post u fuq il-cloud
Ċibersigurtà	
It-titjib tal-qagħda taċ-ċibersigurtà tas-sistemi u l-infrastruttura tagħha	
Servizzi tal-operat taċ-ċibersigurtà iż-żamma tal-istatus quo	— it-titjib tal-qagħda taċ-ċibersigurtà (gwida tas-CERT-UE, l-aħjar prattika tal-istandards internazzjonali), inkluż l-Iskwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
	Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT), approċċ ġdid għas-sigurtà bbażat fuq DevSecOps biex jiġu żgurati teknoloġiji nattivi tal-cloud
	— l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA u tal-cloud għall-monitoraġġ, id-detezzjoni u r-rispons għall-inċidenti
Kontinwità tal-operat	
Konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti tas-sigurtà	
Kontinwità tal-operat operazzjonali iż-żamma tal-istatus quo	— il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-operat u l-ġestjoni tar-riskju, inklużi pjanijiet ta' kontinwità tal-operat speċifiċi għas-sistema — l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki mal-Istati Membri, l-EUIBAs u l-JHAAN, inkluż kontribut għal diversi networks u fora
Eżerċizzju ta' kontinwità tal-operat u ta' rkupru minn diżastri proġett: 2025	— l-eżekuzzjoni ta' Eżerċizzju Annwali dwar il-Kontinwità tal-Operat f'Settembru 2025

TRANŻIZZJONI U L-AWTOMATIZZAZZJONI TAS-SERVIZZ

L-Aġenzija tipproteġi l-integrità tas-sistema tagħha u tnaqqas id-disturbu fis-servizzi eżistenti (prestazzjoni u disponibbiltà) waqt li tiskjera bidliet tekniċi u funzjonalitajiet ġodda. Sabiex tiżgura l-prontezza operazzjonali għad-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda, l-eu-LISA tikkoordina t-tranżizzjoni mill-implimentazzjoni tal-proġett sal-operat tiegħu. Sabiex ittejjeb l-effiċjenza u tottimizza l-kostijiet, l-eu-LISA tawtomatizza kompiti ripetittivi, li jirrikjedu ħafna ħaddiema u li jieħdu ħafna ħin.

L-għoti ta' appoġġ għad-dħul fis-seħħ tal-VIS għall-EES, l-sBMS u l-EES

L-avvanz bl-implimentazzjoni ta' għodda ġdida tal-ITSM

L-integrazzjoni ta' *data* ta' monitoraġġ u osservabbiltà mill-VIS

TRANŻIZZJONI TAS-SERVIZZI

L-Aġenzija kkoordinat il-provi u żgurat il-koordinazzjoni kompleta għad-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda: Il-**VIS għall-EES u l-sBMS** f'Mejju, u l-bidu progressiv tal-**EES** f'Ottubru.

Sabiex tipprovdi koordinazzjoni aktar simplifikata tal-attivitajiet ta' tranżizzjoni lill-partijiet ikkonċernati tagħha, l-Aġenzija stabbiliet il-**grupp ta' attivitajiet ta' tranżizzjoni** għall-komunità tal-utenti finali tal-ECRIS-TCN. L-eu-LISA kompliet tadotta approċċ aktar aġili għall-ġestjoni tar-rilaxx u tat-tibdil operazzjonali, għat-titjib tal-effiċjenza, u għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-ippjanar tat-tibdil.

GĦODOD TAS-SERVIZZI OPERAZZJONALI

Biex timxi lejn ekosistema komprensiva tal-IT – billi tieħu vantaġġ mill-kapaċitajiet tal-cloud, tal-IA u tat-tagħlim awtomatiku – l-eu-LISA kompliet timplimenta **sistema ġdida ta' ġestjoni tal-avvenimenti** għall-monitoraġġ u l-ġestjoni f'ħin reali tal-avvenimenti fis-sistemi u fl-infrastruttura kollha, bl-għan li tnaqqas il-ħin ta' rispons u tiffaċilita riżoluzzjoni aktar rapida tal-inċidenti.

L-Aġenzija **integrat id-*data* tal-monitoraġġ u tal-osservabbiltà tal-VIS** biex tibda tiżviluppa d-

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

96 %

KOPERTURA TAR-REKWIŻITI OPERAZZJONALI U TA' TRANŻIZZJONI

76 %

BIDLIET OPERAZZJONALI IMPLIMENTATI

24 % tal-bidliet ġew ikkanċellati skont il-politika taż-żamma tal-biljetti: l-attivitajiet fuq perjodu ta' żmien twil huma maqsuma f'kompiti maniġġabbli u rreġistrati mill-ġdid fl-għodda għall-ħruġ tal-biljetti

Sors: Rapporti interni

B'mod parallel, l-eu-LISA kompliet timplimenta **għodda tal-ITSM** biex iżżid l-effiċjenza permezz ta' flussi tax-xogħol ottimizzati u awtomatizzati, ittejjeb il-kollaborazzjoni u l-esperjenza tal-klijenti għal twassil imtejjeb tas-servizzi.

L-Aġenzija kkonnettjat l-ewwel utenti finali mal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni biex jibdew l-attivitajiet ta' ttestjar u integrazzjoni, u integrat il-proċess ta' ġestjoni tal-għarfien operazzjonali.

dashboards meħtieġa għall-monitoraġġ.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Tranżizzjoni tas-servizzi	
L-għoti ta' appoġġ għall-manutenzjoni operazzjonali, inklużi aġġornamenti u bidliet tekniċi Il-prontezza operazzjonali għas-sistemi ġodda permezz tal-koordinazzjoni tat-tranżizzjoni tas-servizz	
Ġestjoni tat-tibdil operattiv iż-żamma tal-istatus quo	— ir-rieżami tal-kwalifikazzjoni, tal-ippjanar, tal-implimentazzjoni, ta' wara l-implimentazzjoni — it-tħejjija tal-onboarding tal-komponenti CSP u CCP fl-għodda ITSM. — il-konklużjoni tal-allinjament tal-proċess ma' ITIL4 u l-adattament għall-għodda l-ġdida ITSM
Ġestjoni tar-rilaxx u tal-iskjerament iż-żamma tal-istatus quo	— l-implimentazzjoni tar-rilaxxi, jiġifieri, l-aħħar funzjonalitajiet u patches — l-implimentazzjoni ta' approċċ aġli għall-ġestjoni tar-rilaxx
Tranżizzjoni għad-dħul fis-seħħ iż-żamma tal-istatus quo	— il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' tranżizzjoni (inklużi gruppi ta' tranżizzjoni u provi) — il-koordinazzjoni tat-tranżizzjoni u l-prontezza operazzjonali, id-dħul fis-seħħ tal-VIS għall-EES, l-sBMS u l-EES
Għodod tas-servizzi operazzjonali	
L-implementazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Eventi, inkluża l-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti u ġodda kollha L-effiċjenza, ir-rispons u l-kwalità tal-monitoraġġ, tal-operat u tal-prestazzjoni	
Għodod ta' servizzi operazzjonali trażversali iż-żamma tal-istatus quo	— il-ġestjoni u l-personalizzazzjoni tal-għodod, inkluża l-amministrazzjoni teknika, u l-ġestjoni tal-liċenzji — l-għoti ta' appoġġ u l-għoti ta' taħriġ lill-utenti l-ġodda (l-EES, it-trasportaturi u l-ECRIS-TCN) — l-għoti ta' appoġġ mill-bejjiegħa lill-amministraturi għall-implimentazzjoni ta' bidliet
Implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti proġett: 2026 (fażi 1: implimentazzjoni); fażi 2 (titjib): 2027	— il-konnessjoni tal-VIS, u l-integrazzjoni tal-logs u l-metriċi rilevanti għall-iżvilupp ta' dashboards ta' monitoraġġ.
Sostituzzjoni tal-għodda tal-ITSM proġett: 2025 **data ġdida: 2026**	— l-implimentazzjoni kontinwa, inklużi l-analiżi u l-integrazzjoni tal-proċessi ITSM eżistenti, u l-onboarding ta' komunitajiet ta' utenti

INĠINERIJA TAT-TEKNOLOĠIJA U TAS-SOFTWARE

L-Aġenzija ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha biex tissimplifika l-produzzjoni, tħaffef il-kunsinna ta' soluzzjonijiet ġodda, u żżid is-sjieda tas-software żviluppat. Sabiex tiżgura l-effiċjenza, il-konsistenza, l-iskalabbiltà u l-kwalità, l-eu-LISA tapplika żvilupp aġli u iterattiv appoġġat minn għodod u prattiki li jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-iżvilupp. L-ittestjar komprensiv tas-soluzzjonijiet u s-servizzi ta' integrazzjoni se jiżguraw li soluzzjonijiet ġodda jkunu adattati għall-iskop tagħhom u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità.

L-ittestjar tal-iżvilupp tas-software bil-Eurodac il-ġdida

L-istabbiliment ta' kumitat tat-teknoloġija

Il-ħatra ta' Uffiċjal Kap tat-Teknoloġija

ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ U TTESTJAR

L-eu-LISA tuża għodod ta' ttestjar ibbażati fuq il-cloud u prinċipji agili biex ittejjeb l-assigurazzjoni tal-kwalità. L-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida diġà wriet effiċjenza u

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

88 %

TAT-TALBIET GĦALL-APPOĠĠ LILL-UTENTI FINALI MATUL L-ITTESTJAR

titjib ġenerali fil-kwalità.

L-Aġenzija stabbiliet **Grupp ta' Esperti għall-Ittestjar tal-Eurodac il-ġdida** biex tiżgura fokus u allinjament aħjar dwar l-attivitajiet ta' ttestjar permezz ta' involviment aktar bikri mal-Istati Membri u feedback iterattiv li jippermetti riżoluzzjoni aktar rapida tal-kwistjonijiet u tnaqqis tal-piż fuq il-fażi finali tal-ittestjar.

INĠINERIJA TAS-SOFTWARE

L-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-kapaċitajiet interni permezz tal-ġestjoni tal-pipelines tal-bini u tal-iskjerament bl-għodod DevSecOps, li jiffokaw fuq l-awtomatizzazzjoni tas-CI/CD (integrazzjoni, twassil u skjerament kontinwi) biex jiġu minimizzati l-iżbalji, titjieb l-effiċjenza u jitnaqqas il-ħin tal-iskjerament għal applikazzjonijiet ġodda.

Wara l-adozzjoni tal-**Istrateġija għall-Fabbrika tas-Software** f'Marzu 2025, l-eu-LISA kompliet iżżid l-**inizjattiva għall-Fabbrika tas-Software** tagħha biex ittejjeb it-twettiq tal-proġett, tadotta teknoloġiji ġodda, tistandardizza l-metodoloġiji, taċċellera l-prattiki aġli, ittejjeb l-għarfien espert tekniku intern u tibni kultura ta' titjib kontinwu. Fl-2025, l-enfasi kienet fuq it-tkabbir tal-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida u fuq il-bidu ta' proġett pilota ieħor bir-router ta' Prüm.

SOLUZZJONIJIET U ARKITETTURA

Sabiex tiżgura l-kwalità għolja tas-soluzzjonijiet u l-applikazzjonijiet żviluppati, l-eu-LISA tallinja t-tfassil arkitettoniku tal-inizjattivi kollha ta' żvilupp mal-**istrateġija teknoloġika** tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija stabbiliet **Kumitat tat-Teknoloġija** ġdid u ħatret **Uffiċjal Kap tat-Teknoloġija** biex jipprovdi gwida strateġika għat-tisħiħ tal-ġestjoni tat-teknoloġija għal għażla mtejba tat-teknoloġija, f'konformità mal-istrateġija tat-teknoloġija u r-rekwiżiti regolatorji (eż., il-protezzjoni tad-*data*, l-Att dwar l-IA, l-istandards taċ-ċibersigurtà) dwar l-adozzjoni tat-teknoloġija xierqa.

twieġbu f'konformità mal-miri tal-FLS. Parzjalment kif ippjanat minħabba l-volum għoli ta' talbiet (l-ECRIS-TCN, l-ETIAS u l-Eurodac il-ġdida)

99 %

TA' DISPONIBBILTÀ TAL-GĦODDA DEVOPS

devjazzjonijiet żgħar fil-prestazzjoni

Sors: Rapporti SM9 u JIRA

l-indikaturi għall-kampanji tal-ittestjar u l-kopertura għar-rekwiżiti li jistgħu jiġu ttestjati huma skaduti peress li mill-2025 ma ġewx traċċati fil-livell tas-sistema

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Assigurazzjoni tal-kwalità u ttestjar	
L-assigurazzjoni komprensiva tal-kwalità u appoġġ għall-attivitajiet tal-ittestjar Il-konsolidazzjoni ta' għodod u proċessi, inkluż it-titjib tal-għodod tal-Ċiklu tal-Ħajja tal-Iżvilupp tas-Sistemi (SDLC)	
Ġestjoni tat-testijiet iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' ttestjar għas-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES, l-sBMS, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, il-komponenti tal-interoperabbiltà, l-e-CODEX u l-PK tas-SIK — l-għoti ta' appoġġ għall-operat għall-VIS, l-sBMS, l-EES u s-servizzi web — laqgħat ta' koordinazzjoni, inklużi gruppi ta' esperti għall-ittestjar (EES-VIS, ETIAS, interoperabbiltà, ECRIS-TCN u Eurodac) — il-ġestjoni tal-għodod tal-ittestjar, inklużi għodod ibbażati fuq il-cloud għas-simplifikazzjoni tar-rapportar u l-immaniġġjar ta' difetti u kwistjonijiet relatati mas-software
Inġinerija tas-software	
L-iskjerament effiċjenti u aktar mgħaġġel ta' applikazzjonijiet ġodda, bl-ingranaġġ ta' CI/CD	

Kompitu: data tat-twassil	Riżultati ewlenin
Inġinerija tas-software iż-żamma tal-istatus quo	— it-tkabbir tal-approċċ għall-fabbrika tas-software permezz ta' proġett pilota bil-Eurodac il-ġdida u bi Prüm
Soluzzjonijiet u arkitettura	
L-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-intrapriża, inkluż l-allinjament tal-inizjattivi arkitettoniċi u teknoloġiċi	
Kontinwità tal-Arkitettura tal-Intrapriża iż-żamma tal-istatus quo	— l-istabbiliment tal-Kumitat għat-Teknoloġija — l-organizzazzjoni ta' Laqgħat Tattiċi tal-Arkitettura

GRUPPI KONSULTATTIVI U BORDIJIET TAT-TMEXXIJA TAL-PROGRAMMI

L-Aġenzija tappoġġa l-korpi ta' governanza tal-eu-LISA billi torganizza laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi, tal-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programm, kif ukoll ta' diversi gruppi ta' kooperazzjoni u ta' ħidma oħra, biex tikkoordina l-ħidma ta' kuljum tagħhom, id-diskussjonijiet u tiżgura l-allinjament mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati.

L-ilħuq ta' rata ta' sodisfazzjon ta' 99,4 % fost il-partijiet ikkonċernati.

L-istabbiliment ta' korpi ta' governanza għar-router ta' Prüm, għar-router API-PNR u għall-EU VAP

APPOĠĠ TA' KWALITÀ GĦOLJA LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

L-eu-LISA organizzat u wettqet kważi **130 laqgħa**, 90 workshop tekniku, u sessjonijiet *ad hoc* iddedikati mal-Istati Membri, li jkopru **20 korp ta' governanza**, inklużi **korpi ta' governanza ġodda għar-router ta' Prüm**, **ir-router API-PNR** u **l-EU VAP**.

L-Aġenzija presediet 44 laqgħa (EES-ETIAS, ECRIS-TCN, il-PK tas-SIK, API-PNR u l-AGs dwar l-Interoperabbiltà). F'Ottubru, wara d-dħul fis-seħħ tal-EES, l-eu-LISA tat il-presidenza tal-parti tal-EES tal-AG tal-EES-ETIAS lil Stat Membru.

L-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati kkonferma l-kwalità għolja tal-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati, u laħaq **rata ta' sodisfazzjon ta' 99,4 %,** u mmarka komunikazzjoni, kooperazzjoni u effiċjenza tajbin tal-appoġġ.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

99,4 %

SODISFAZZJON TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

sodisfazzjon bl-appoġġ organizzazzjonali u segretarjali

Sors: stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	Riżultati ewlenin
Gruppi Konsultattivi	
L-għoti ta' appoġġ ta' kwalità għolja lill-Gruppi Konsultattivi, il-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programm, inklużi l-gruppi ta' ħidma u l-workshops tekniċi	
Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi iż-żamma tal-istatus quo	— l-organizzazzjoni ta' u l-għoti ta' appoġġ għal-laqgħat, inklużi gruppi ta' ħidma u ta' kooperazzjoni, workshops tekniċi u avvenimenti ad hoc — il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-eżiti tal-laqgħat — l-istabbiliment ta' korpi ġodda ta' governanza għar-router ta' Prüm u r-router API-PNR u l-EU VAP
Appoġġ amministrattiv għal laqgħat u missjonijiet oħra iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ lill-missjonijiet tal-persunal, inklużi konferenzi, avvenimenti, laqgħat ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Evalwazzjoni	
Implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni li jindirizza s-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija	
Pjan ta' Azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija iż-żamma tal-istatus quo	**l-attività ma bdietx** fl-2025 peress li r-rapport ta' evalwazzjoni esterna ġie adottat f'Jannar 2026

1.9. ATTIVITAJIET KORPORATTIVI

GOVERNANZA

Governanza u konformità

L-ilħuq tal-objettivi strateġiċi tagħha u l-aspettattivi tal-partijiet interessati, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-qafas regolatorju tal-UE, teħtieġ governanza trasparenti u effettiva, allinjament effiċjenti tar-riżorsi u ġestjoni strateġika tal-kapaċitajiet, u teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq id-*data*.

L-adozzjoni ta' KPIs korporattivi riveduti

L-implimentazzjoni ta' 98 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu

L-għeluq ta' rakkomandazzjoni waħda pendenti tal-awditu

PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Sabiex tiżgura protezzjoni ta' livell għoli tad-*data* f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sistema, l-eu-LISA iffokat fuq l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* relatati mad-dħul fis-seħħ tal-operat tal-VIS għall-EES, l-sBMS u mal-bidu progressiv tal-EES. Barra minn hekk, l-Aġenzija rrieżaminat abbozzi ta' leġiżlazzjoni sekondarja dwar l-EU VAP u l-API-PNR, u żdiedet il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Kunsill tal-UE.

L-Aġenzija fasslet ukoll **rekwiżiti tal-privatezza tad-*data* u tal-Att dwar l-IA** dwar każijiet ta' użu ġenerattiv tal-IA possibbli li qed jiġu kkunsidrati biex jissaħħu l-ġestjoni tal-kuntratti, l-akkwist u l-appoġġ legali.

KAPAĊITÀ TAL-AWDITJAR INTERN

L-eu-LISA kompliet il-valutazzjoni sistematika tal-effettività tal-proċessi tagħha ta' governanza, ġestjoni tar-riskju u l-kontroll, u**laħqet rata ta' implimentazzjoni ta' 98 %** tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu, u riinfurzat approċċ orjentat lejn it-titjib fl-eu-LISA kollha. Teknikament, l-Aġenzija **għalqet ukoll rakkomandazzjoni waħda tal-awditu pendenti** dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista tar-riżorsi umani. L-eu-LISA wasslet ukoll b'suċċess il-pjan tal-awditu intern tagħha (**94 %**).

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

100 %
TAT-TALBIET GĦALL-APPOĠĠ GĦALL-AWDITU TAL-EDPS
u l-konsultazzjonijiet ġestiti

72 %
TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EDPS IMPLIMENTATI
l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ġenerali tal-EDPS

4
RAKKOMANDAZZJONIJIET PENDENTI TAL-EDPS
l-ebda rakkomandazzjoni pendenti tal-EPDS m'ilha aktar minn sena

98 %
TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET IMPLIMENTATI
rakkomandazzjoni pendenti waħda ngħalqet bl-adozzjoni tal-istrateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-Aġenzija f'Diċembru 2025. L-Aġenzija kienet qed tagħmel progress b'rakkomandazzjoni pendenti oħra dwar l-għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti

Sors: Rapporti annwali tal-UPD u tal-IAC

L-Aġenzija implimentat **soluzzjoni ġdida għall-ġestjoni tal-awditu** biex iżżid l-effiċjenza permezz ta' ġestjoni kompleta tal-attivitajiet ta' awditu għal konformità mtejba mal-Istandards tal-awditu u biex tiżgura l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni pproċessata.

GOVERNANZA U KONFORMITÀ

L-eu-LISA kompliet issaħħaħ is-sistema ta' kontroll intern tagħha, timplimenta l-**pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija ta' Kontroll Intern** tagħha, tiffoka fuq it-titjib tal-ġestjoni tal-kuntratti, tivvaluta l-**qafas ta' kontroll intern** tagħha, u tissorvelja r-riskji u l-kwistjonijiet korporattivi.

L-eu-LISA rrevediet u aġġornat ukoll il-**KPIs korporattivi** tagħha biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u ttejjeb il-ġestjoni tal-prestazzjoni, u għamlet progress bl-**inizjattiva tat-Tabella ta' Valutazzjoni Bbilanċjata**.

Sabiex ittejjeb l-iżvilupp organizzazzjonali, il-prestazzjoni u l-kwalità tal-governanza, l-eu-LISA implimentat **pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni strateġika** biex issaħħaħ il-ġestjoni u t-twassil tas-sistemi tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha, tinkorpora avvanzi teknoloġiċi ġodda (cloud sovran, IA), ittejjeb l-attrazzjoni tat-talenti u r-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

RAPPORTAR DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ

L-Aġenzija ppubblikat ir-**Rapport annwali tagħha dwar is-Sostenibbiltà 2024** li jenfasizza l-progress li sar fl-oqsma ambjentali, soċjali u ekonomiċi kollha. Jenfasizza wkoll l-azzjonijiet meħuda, ir-riżultati milħuqa, u l-passi ppjanati biex is-sostenibbiltà tiġi inkorporata aktar fl-operat ta' kuljum.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Protezzjoni tad-*data*	
Il-konformità mal-istandards, ir-rekwiżiti u r-regolamenti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sistema.	
Protezzjoni tad-*data* iż-żamma tal-istatus quo	— il-monitoraġġ u t-tisħiħ tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data*, inkluża l-valutazzjoni tal-proċessi u l-kontrolli tal-protezzjoni tad-*data*, ir-rakkomandazzjonijiet implimentati, ir-reġistri ġestiti tal-protezzjoni tad-*data*, ir-rapporti tal-istatus imwettqa — l-għoti ta' appoġġ lill-awditi, inklużi l-konsultazzjoni u r-rispons għat-talbiet tal-EDPS — il-parteċipazzjoni f'fora rilevanti, jiġifieri n-networks, EUIBA — it-trawwim ta' kultura ta' protezzjoni tad-*data*
Ġestjoni tal-proġett	
Il-kapaċitajiet effettivi ta' ġestjoni tal-proġetti, prestazzjoni u użu effiċjenti tar-riżorsi	
Ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti[22] iż-żamma tal-istatus quo	— il-koordinazzjoni tal-inputs għar-rapporti tal-PMB ta' kull xahar u għar-rapporti ta' progress biannwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — l-istabbiliment ta' prattika ġdida fl-IT, inkluż l-appoġġ għall-governanza tal-proġett. — l-għoti ta' appoġġ għall-proċess ta' ppjanar integrat u l-għodod relatati
Kapaċità tal-awditjar intern	
Il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' kontroll intern	
Awditu intern iż-żamma tal-istatus quo	— il-forniment ta' assigurazzjoni, pariri u għarfien ibbażati fuq ir-riskju u l-objettivi, aġġornamenti dwar il-konklużjonijiet tal-awditu u dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-IAS, l-ECA, l-OLAF u l-IAC, inkluż ir-rapport annwali tal-IAC tal-2025, — il-koordinazzjoni ta' awditi interni u esterni — l-iskjerament ta' għodda ta' ġestjoni tal-awditi — l-adozzjoni ta' strateġija ġdida kontra l-frodi għall-2025–2027 — il-valutazzjoni tal-proċessi ta' kontroll intern, il-kontrolli u r-riskji relatati, inkluża l-istrateġija kontra l-frodi, il-proċess ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, ir-reġistru ta' trasparenza

[22] Peress li l-valur tal-indikatur ta' valutazzjoni tal-proġett huwa espress bħala l-perċentwal medju tad-devjazzjonijiet (f'termini ta' kostijiet, skeda u kamp ta' applikazzjoni), u hemm biss proġett standard wieħed fil-kamp ta' applikazzjoni (implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ), il-kalkolu għas-sena 2025 ma kienx applikabbli. Barra minn hekk, bl-introduzzjoni ta' prinċipji aġli għall-ġestjoni tal-proġetti, l-indikatur relatat mal-konformità tal-proġetti li tlestew bl-użu tal-artefatti tal-Prince 2 matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom ma baqax jgħodd u se jiġi sostitwit minn KPIs ġodda fl-2026.

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Governanza	
Il-kontroll intern b'saħħtu u ġestjoni tal-kwalità u konformità mar-rekwiżiti applikabbli u governanza tajba	
Governanza korporattiva, konformità u ġestjoni tal-kwalità iż-żamma tal-istatus quo	— il-valutazzjoni tal-QKI, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Kontroll Intern, l-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità rreġistrati, il-monitoraġġ tar-riskji korporattivi — is-segwitu tal-attivitajiet tal-ġestjoni tal-kwalità, it-titjib tal-effettività u ċ-ċarezza tal-governanza, inklużi l-karti interni għas-subdiviżjonijiet — il-koordinazzjoni ta' pjan ta' azzjoni strateġiku, dokumenti statutorji ppreparati (SPD, CAAR), KPIs korporattivi aġġornati
Qafas ta' servizzi u proċessi tal-eu-LISA iż-żamma tal-istatus quo	— il-ġestjoni u l-aġġornament tal-katalgu tal-prodotti, tas-servizzi u tal-proċessi — it-twassil ta' rapport annwali dwar il-KPIs tal-proċess, — it-tisħiħ ta' proċess ta' ġestjoni tal-għarfien b'għodda ddedikata — proġett pilota għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi
Titjib kontinwu tas-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA proġett: 2026	— ir-rieżami u l-aġġornament ta' servizzi u proċessi, inklużi l-KPI relatati, b'fokus fuq il-proċessi kritiċi (eż., il-ġestjoni tal-kuntratti, il-ġestjoni tal-assi) — iż-żamma ta' reġistru għat-titjib kontinwu tas-servizz
Kompiti orizzontali korporattivi iż-żamma tal-istatus quo	— il-koordinazzjoni, l-għoti ta' appoġġ u l-ġestjoni ta' dipartimenti u unitajiet

Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati

Iż-żamma u t-tisħiħ tal-immaġni tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u affidabbli fl-oqsma ta' għarfien espert tagħha, tirrikjedi komunikazzjoni effettiva u kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati – l-Istati Membri, il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u l-industrija (inklużi t-trasportaturi tal-passiġġieri). L-eu-LISA tipprovdi għarfien espert fi kwistjonijiet tekniċi għall-inizjattivi leġiżlattivi rilevanti, filwaqt li tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati fil-ġestjoni tat-talbiet u fit-twettiq ta' analiżi tan-negozju.

L-organizzazzjoni ta' konferenza ta' livell għoli dwar l-awtonomija strateġika tal-UE

It-tnedija ta' sit web ġdid b'karatteristika ta' bullettin

KONFERENZA TA' LIVELL GĦOLI

Fl-1 ta' Ottubru 2025, l-eu-LISA organizzat **konferenza ta' livell għoli** dwar ir-rwol tat-teknoloġiji sovrani fis-sigurtà tal-UE (***"Strategic Autonomy in Action: Keeping Europe and its Borders Secure with Trusted Technology"***). L-avveniment ġabar flimkien l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, l-industrija u l-akkademja biex jiddiskutu l-interazzjoni bejn it-teknoloġija, l-istat tad-dritt, l-awtonomija u l-ħiliet diġitali essenzjali għas-sigurtà u s-sovranità tal-UE, u enfasizza r-rwol tal-eu-LISA fil-kuntest tat-tfittxija tal-UE għal awtonomija strateġika.

INVOLVIMENT U VIŻIBBILTÀ PROFESSJONALI

Bl-użu ta' media u pjattaformi online u offline, l-eu-LISA ppromwoviet ir-rwol u l-kisbiet tagħha bħala faċilitatur ewlieni tal-politiki tal-ĠAI tal-UE, inklużi kampanji ta' viżibbiltà għal 30 sena ta' SIS, l-40 sena ta' Schengen,

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

185 968
VIŻITATUR TAS-SIT WEB
▲ 3 % viżitaturi uniċi
118 % ħin medju fuq is-sit web
▼ Tnaqqis ta' 28 % fir-rata ta' bbawnsjar (38 % vs 53 % fl-2024)

129
ABBONAT TAL-BULLETTIN
għall-karatteristika l-ġdida tal-bullettin

+4199
SEGWAĊI FUQ LINKEDIN

+609
SEGWAĊI FUQ FACEBOOK

YouTube (+89 segwaċi ġodda) u X (-19-il segwaċi) mhumiex kanali tal-media soċjali attivi

u **kampanja ddedikata għad-dħul fis-seħħ tal-EES**.

L-eu-LISA skjerat sit web **korporattiv ġdid** biex ittejjeb il-kwalità tal-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u l-involviment tal-partijiet interessati, u ppreparat **bullettini diġitali u fuljetti promozzjonali ġodda** ("*Making Europe Safer and Secure through Technology*") biex tissensibilizza dwar ir-rwol tal-eu-LISA. L-Aġenzija nediet serje "*Behind the Systems*" biex tenfasizza l-kisbiet fl-iżvilupp u fl-operat tas-sistemi tal-ĠAI, u l-kollaborazzjoni bejn it-timijiet fl-appoġġ tat-twassil ta' stadji importanti ewlenin.

ĠESTJONI TAR-RELAZZJONIJIET KUMMERĊJALI

L-Aġenzija rawmet **relazzjonijiet kummerċjali** kostruttivi mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-aġenziji tal-UE, mal-industrija u mal-akkademja, filwaqt li involviet ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi, analizzat u vvalutat it-talbiet kummerċjali u, meta ntalbet, ipprovdiet l-għarfien espert u l-appoġġ tagħha għall-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI.

SĦUBIJA MAL-ISTATI MEMBRI, MAL-ISTITUZZJONIJIET U MAL-AĠENZIJI TAL-UE

L-eu-LISA kkooperat mal-Istati Membri, mal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen, mal-aġenziji u l-istituzzjonijiet tal-UE b'mod bilaterali u permezz tan-networks (JHAAN u EUAN), sabiex tikkondividi l-għarfien espert tekniku tagħha, ittejjeb l-effiċjenza u s-sinergiji. L-Aġenzija ħadmet fuq it-tiġdid tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Aġenziji rilevanti u żammet kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri li għandhom il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE – **il-Polonja** u **d-Danimarka**.

231
POST FUQ IL-MEDIA SOĊJALI
medja ta' posts għal kull pjattaforma li jilħqu udjenza potenzjali ta' aktar minn 1.2 miljun spettaturi u jirreġistraw 27 194 interazzjoni

80 %
RATA TA' PARTEĊIPAZZJONI
għall-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-komunikazzjoni

93 %
RATA TA' SODISFAZZJON
bil-kanali u bl-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna

Sors: analitika tal-web u tal-media soċjali; Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati	
Il-kollaborazzjoni trasparenti u kostruttiva mal-Bord tat-Tmexxija u mal-Kumitat tal-Awditu, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tiegħu.	
Appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija iż-żamma tal-istatus quo	— l-organizzazzjoni ta' laqgħat u l-għoti ta' appoġġ għalihom, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet — l-organizzazzjoni ta' ħames laqgħat tal-Bord (waħda straordinarja), sitt laqgħat tal-ACFC (waħda straordinarja)
Monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politiki	
L-għoti ta' appoġġ proattiv għal diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi, il-proċess leġiżlattiv u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE	
Attivitajiet ta' kollegament iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ lid-Direttur Eżekuttiv u l-operat, iż-żamma tar-repożitorju leġiżlattiv — ir-rappreżentazzjoni tal-qagħda tal-eu-LISA fil-laqgħat fil-livell tal-UE, il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati
Monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politiki iż-żamma tal-istatus quo	— il-monitoraġġ tal-iżviluppi ta' politika, strateġiċi u leġiżlattivi rilevanti, inkluża l-politika interna, leġiżlattiva, u l-analiżi tal-impatt — ir-reviżjoni tal-pjanijiet ta' kooperazzjoni mal-ENISA, l-Eurojust u s-CEPOL — l-ospitar ta' diversi żjarat, laqgħat informattivi u l-organizzazzjoni tal-konferenza ta' livell għoli tagħha

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali	
Ir-relazzjonijiet produttivi mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-ġestjoni tad-talbiet, l-analiżi tan-negozju u l-valutazzjoni tar-rekwiżiti	
Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali iż-żamma tal-istatus quo	— il-ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali, inkluż *business to build* (B2B), il-valutazzjoni tal-impatt ta' inizjattivi ġodda — il-ġabra u l-analiżi tat-talbiet u r-rekwiżiti tan-negozju (inkluża l-konverżjoni ta' talbiet approvati f'rekwiżiti għall-iżvilupp) — ir-rappreżentazzjoni tal-eu-LISA f'kull livell ta' governanza (AGs, PMBs, MB), fl-istituzzjonijiet tal-UE u fl-industrija, inkluż il-presidenza tal-AGs u l-gruppi ta' ħidma
Komunikazzjoni	
It-titjib tar-reputazzjoni professjonali tal-eu-LISA u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, u l-effiċjenza tal-komunikazzjoni	
Komunikazzjoni iż-żamma tal-istatus quo	— l-iżgurar tal-komunikazzjoni regolari permezz ta' diversi kanali, inkluż iż-żieda fil-preżenza online u fuq il-media soċjali — is-sensibilizzazzjoni dwar il-prijoritajiet annwali, inklużi ċ-ċertifikat tal-EMAS, il-promozzjoni tal-avvenimenti ewlenin ta' viżibbiltà (*roundtable* industrijali, konferenza) — l-enfasizzar tal-progress bl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT
L-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri	
L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-UE fl-iżvilupp u l-ġestjoni tas-sistemi	
Appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ad hoc, kif mitlub	**l-ebda talba** mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri skont l-Artikoli 9 u 16 tar-Regolament fundatur

APPOĠĠ KORPORATTIV

Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat

L-Aġenzija żżomm u ttejjeb il-livell għoli ta' sigurtà fiżika fil-faċilitajiet tagħha u madwarhom b'reazzjoni għall-ħtiġijiet tan-negozju li qed jinbidlu, u tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-kontinwità tal-operat tagħha.

Il-protezzjoni tal-assi fiżiċi kollha, il-faċilitajiet u l-persunal

L-organizzazzjoni ta' żewġ eżerċizzji ta' sigurtà

It-tlestija ta' kultura ta' sigurtà u qafas ta' taħriġ

SIGURTÀ FIŻIKA

L-eu-LISA pproteġiet l-assi fiżiċi tagħha permezz ta' **miżuri ta' sigurtà u ġestjoni ppjanati**, inklużi servizzi ta' għassa effettivi, u organizzat żewġ eżerċizzji ta' sigurtà biex tivvaluta l-preparatezza, tivvalida l-proċeduri ta' rispons u ssaħħaħ ir-reżiljenza kontra l-inċidenti.

KULTURA TAS-SIGURTÀ U ĊIBERSIGURTÀ

L-Aġenzija nediet **Qafas ta' Kultura u Taħriġ tas-Sigurtà** biex tindirizza l-fattur uman fis-sigurtà u tiffaċilita l-involviment u l-impenn fost in-numru dejjem jikber ta' persunal u ssaħħaħ is-sigurtà organizzazzjonali u l-kultura ta' sikurezza. Il-qafas jiffoka fuq l-imġiba ewlenija

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

2
EŻERĊIZZJI TA' SIGURTÀ U KONTINWITÀ TAL-OPERAT
f'Tallinn u fi Strażburgu

100 %
KOPERTURA TAL-KONTROLLI TAL-KONTINWITÀ TAL-OPERAT

100 %
TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET IMPLIMENTATI

Sors: dashboard tal-assigurazzjoni tas-sigurtà; rapporti ta' implimentazzjoni.

permezz ta' serje ta' kampanji ta' *phishing*, taħriġ ibbażat fuq ir-rwoli, u l-inizjattiva *Capture the Flag*.

Bil-migrazzjoni kontinwa tas-servizzi korporattivi tal-IT għal fuq il-cloud, l-eu-LISA tiffoka fuq it-titjib tal-qagħda taċ-ċibersigurtà u fuq is-sensibilizzazzjoni tagħha, u tkopri diversi temi minn preġudizzju fl-IA sa counter-intelligence.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Sigurtà korporattiva	
Is-sigurtà fiżika ta' livell għoli tal-faċilitajiet, tal-assi u tal-persunal tal-eu-LISA	
Sigurtà protettiva iż-żamma tal-istatus quo	— is-servizz ta' sigurtà protettiva 24/7 fil-bini kollu — il-manutenzjoni tas-sistemi ta' sigurtà u tal-infrastruttura, inklużi l-monitoraġġ tal-pajsaġġ tas-sigurtà u l-allinjament tal-miżuri ta' sigurtà
Governanza tas-sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità iż-żamma tal-istatus quo	— il-governanza tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-kontinwità, inklużi l-avvenimenti ta' kooperazzjoni, ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies u ta' sensibilizzazzjoni.
Kontinwità tal-operat	
It-titjib kontinwu tal-proċessi tal-kontinwità tal-operat u tas-sigurtà	
Ġestjoni tal-kontinwità tal-operat iż-żamma tal-istatus quo	— l-aġġornament u l-istandardizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' sigurtà inkluża l-kontinwità tal-operat
Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà u l-kontinwità tal-operat iż-żamma tal-istatus quo	— l-aġġornament tal-proċessi tas-sigurtà u tal-kontinwità tal-operat abbażi tar-rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi.

Ġestjoni tar-riżorsi umani

L-ilħuq ta' objettivi strateġiċi tirrikjedi ġestjoni effettiva tar-riżorsi umani bbażata fuq approċċ ibbażat fuq il-kompetenzi, li tattira talent varjat u żvilupp professjonali mmirat.

L-adozzjoni tal-Istrateġija dwar it-Tiftix ta' Sorsi ta' Provvista

Iż-żieda fir-rata ta' okkupanza u l-aċċelerazzjoni tal-proċess ta' reklutaġġ

It-titjib tal-qafas tal-etika

ĠESTJONI TAR-RIŻORSI UMANI

L-Aġenzija **aġġornat l-istruttura organizzazzjonali tagħha** biex tiżgura twassil aħjar tal-mandat u tal-objettivi tagħha, trawwem l-effiċjenza u ttejjeb il-konformità.

L-eu-LISA adottat **strateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista** għal approċċ komprensiv biex tindirizza l-ħtiġijiet futuri tal-forza tax-xogħol, u għamlet progress

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

20,7 %
RIŻORSI AMMINISTRATTIVI

68,4 %
RIŻORSI OPERAZZJONALI

fid-definizzjoni tal-**istrateġija tar-riżorsi umani**, filwaqt li identifikat oqsma strateġiċi biex ikun hemm allinjament aħjar mal-ħtiġijiet tan-negozju li qed jevolvu, u pprovdiet approċċ koeżiv u li jħares 'il quddiem għall-ġestjoni u l-iżvilupp tat-talenti. L-Aġenzija **tejbet ukoll il-qafas etiku tagħha** billi adottat Kodiċi rivedut ta' Kondotta u Amministrazzjoni Tajba.

L-Aġenzija kompliet **ittejjeb ir-rata ta' okkupazzjoni tagħha** u naqqset id-durata tal-proċess tal-għażla (ara aktar taħt *Ġestjoni tar-riżorsi umani*).

L-Aġenzija wettqet stħarriġ ta' involviment b'rata ta' parteċipazzjoni ta' 76 %, li laħaq involviment ta' 3,7 minn 5. Primarjament, l-impjegati japprezzaw is-sinifikat tax-xogħol tagħhom u l-kontribut li jistgħu jagħmlu għal Ewropa aktar sikura u l-ħajja taċ-ċittadini tal-UE.

88,2 %

RATA TA' OKKUPANZA

rata ta' okkupanza mingħajr offerti ta' xogħol taħt il-mira minħabba l-karigi addizzjonali mogħtija mal-Eurodac il-ġdida u l-Iskrinjar

rata ta' okkupanza b'offerti ta' impjieg 94,5 %

4,8 %

DAWRAN TAL-PERSUNAL

Sors: eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-persunal 2025; bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti minn SYSPER

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Ġestjoni tar-riżorsi umani	
Il-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi umani u żvilupp professjonali mmirat tal-kompetenzi L-ippożizzjonar qawwi bħala impjegatur preferut fil-qasam tal-IT	
Amministrazzjoni u ppjanar tar-riżorsi umani iż-żamma tal-istatus quo	— il-ġestjoni tal-proċessi tar-riżorsi umani mill-għażla u l-onboarding sa tmiem il-kuntratt — id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi (SYSPER, pjattaformi iLearn), il-ġestjoni tal-prestazzjoni (inklużi l-monitoraġġ tal-istatistiċi tar-riżorsi umani)
Ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza iż-żamma tal-istatus quo	— l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq il-kompetenza — l-iżvilupp tal-persunal u t-titjib tat-tmexxija, inkluż it-titjib tal-akkwist tat-talenti, inizjattivi ġodda ta' premjijiet u rikonoxximent — l-iżgurar tal-benesseri u t-tisħiħ tal-kultura u l-valuri organizzazzjonali, inklużi d-diversità, l-inklużjoni, il-pjanijiet ta' azzjoni għall-involviment tal-persunal

Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti

L-akkwist u l-immaniġġjar tal-kuntratti effettivi jiżguraw l-użu trasparenti, kosteffettiv u ġust tar-riżorsi pubbliċi. Sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha, l-Aġenzija tapplika prinċipji ta' żero difetti biex timminimizza n-nuqqas ta' konformità u tiżgura l-kwalità għolja tal-kuntratti tagħha.

Il-wasla ta' opinjoni favorevoli mill-QEA dwar is-sena finanzjarja 2024

Id-definizzjoni ta' strategija ta' akkwist

It-tnedija ta' Sistema Dinamika ta' Xiri

ĠESTJONI TAL-AKKWIST U TAL-KUNTRATTI

B'riżultat ta' sforzi kontinwi biex ittejjeb il-kwalità tal-kuntratti speċifiċi għas-sistema u tal-emendi kuntrattwali, l-eu-LISA rċeviet **opinjoni favorevoli mingħand l-QEA dwar is-sena finanzjarja 2024**.

Sabiex tkompli ssaħħaħ il-proċess tal-akkwist permezz ta' strutturar strateġiku u żieda fil-kontroll, l-eu-LISA ddefinixxiet **strateġija tal-akkwist** biex ittejjeb l-eżekuzzjoni tal-ippjanar operazzjonali u tiżgura tranżizzjoni bla xkiel mill-arranġamenti kuntrattwali eżistenti. L-Aġenzija rrieżaminat il-proċess tagħha ta'

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

0 %

RATA TA' OFFERTI KKANĊELLATI WARA T-TNEDIJA

effiċjenza tal-proċess tal-akkwist

66 %

PROĠETTI TA' AKKWIST SKONT L-ISKEDA

ġestjoni tal-akkwiżizzjoni

ġestjoni kompleta tal-akkwist u tal-kuntratti biex ittejjeb il-kwalità tat-tiftix ta' sorsi ta' provvista u l-użu tar-riżorsi finanzjarji.

L-eu-LISA nediet **Sistema Dinamika ta' Xiri** għal proċess ta' akkwist aktar flessibbli u effiċjenti. L-ewwel kompetizzjoni mnedija kopriet il-manutenzjoni tal-EES u tas-servizzi tal-web u l-iżvilupp ta' API-PNR.

100 %
IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN TAL-AKKWIST

Sors: pjan u rapport tal-akkwist

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Akkwist	
Il-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti tajba, konformi u trasparenti	
Ġestjoni tal-akkwist u tal-akkwiżizzjoni iż-żamma tal-istatus quo	— il-ġestjoni, il-koordinazzjoni, u l-monitoraġġ tal-akkwist, tal-akkwiżizzjoni u tal-kuntratt, inkluża l-għodda mġedda ta' monitoraġġ tal-kuntratti — it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-akkwist, inkluż il-konsolidazzjoni tas-servizzi u t-titjib tal-pariri dwar każijiet speċifiċi u kumplessi ħafna — l-għoti ta' appoġġ għall-awditi esterni
Ġestjoni tal-kuntratti	
It-titjib tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni kuntrattwali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-prestazzjoni	
Ġestjoni tal-kuntratti iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti qafas trażversali (TEF/TOF) għas-sistemi tal-ĠAI — l-għoti ta' appoġġ għall-awditi esterni dwar il-ġestjoni tal-kuntratti
Tranżizzjoni ta' servizzi esternalizzati iż-żamma tal-istatus quo	— l-għoti ta' appoġġ u t-tħejjija ta' tranżizzjoni għal qafas ta' akkwist ġdid

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja u kontabbiltà

Il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tajba, appoġġata minn kapaċitajiet effettivi ta' rapportar u analitiċi, tiżgura użu trasparenti u kosteffiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. L-eu-LISA żżomm ukoll kontrolli tal-kontabbiltà tajbin biex tiżgura l-preżentazzjoni xierqa tal-qagħda finanzjarja tagħha.

L-ilħuq ta' rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %

L-ilħuq tar-rata ta' kanċellazzjoni ta' riport l-aktar baxxa

ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Fl-2025, l-eu-LISA kkonsmat il-baġit assenjat tagħha, inkluż iż-żieda minħabba l-emenda tal-baġit fl-aħħar tas-sena, **u laħqet rata ta' eżekuzzjoni ta' 100 % kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti** (bi 2 % ta' riporti). L-Aġenzija laħqet ir-**rata ta' kanċellazzjoni l-iktar baxxa** tagħha għall-allokazzjonijiet mhux differenzjati.

L-Aġenzija fasslet mill-ġdid **iċ-ċirkwiti finanzjarji tagħha** biex tispeċifika kontrolli ta' konformità u tispjega r-rwoli involuti fit-tranżazzjonijiet baġitarji u finanzjarji. Sabiex ittejjeb ir-rapportar finanzjarju u l-ġestjoni tar-riskju għall-investimenti kritiċi, l-eu-LISA introduċiet **dashboards u analitika mfassla apposta**, u bdiet tibni **għodda tal-IT iddedikata** biex iżżid l-effiċjenza tal-proċess tal-iskedar baġitarju, il-kontroll tal-baġit u l-

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

100 %
RATA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN

100 %
RATA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENTI
inkluż 2 % tar-riport għall-2026

4 %
RATA TA' KANĊELLAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT RIPORTATI

kwalità tad-*data*.

L-Aġenzija lestiet ukoll it-tranżizzjoni tal-ġestjoni baġitarja tagħha mis-sistema tal-kontabbiltà attwali fuq il-bażi tad-dovuti **ABAC għall-**pjattaforma finanzjarja korporattiva ġdida tal-UE **SUMMA**, li se toffri ekosistema integrata għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja finanzjarja, u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza, il-kontroll u l-kapaċitajiet analitiċi tal-proċessi baġitarji u finanzjarji.

89 %
PAGAMENTI EŻEGWITI FI ĦDAN L-ISKADENZI STATUTORJI
ma ntlaħqux minħabba l-eżawriment tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti
Sors: Maħżen tad-*data* ABAC

KONTABBILTÀ TAJBA

L-Aġenzija wasslet **kontijiet proviżorji u finali** għall-2024 u żammet kontrolli sodi tal-kontabbiltà.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	
Il-ġestjoni finanzjarja soda u trasparenti, ġestjoni tar-riskju finanzjarju, u valutazzjoni tal-prestazzjoni baġitarja	
Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja iż-żamma tal-istatus quo	— it-tranżizzjoni minn ABAC għal SUMMA — il-ġestjoni ta' servizzi baġitarji u finanzjarji, inklużi rapporti finanzjarji — it-titjib tal-kapaċitajiet analitiċi, tal-proċessi u tal-proċeduri finanzjarji, inklużi l-previżjoni, u l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività
Kontrolli finanzjarji interni, awditi relatati mal-akkwist u mal-finanzi iż-żamma tal-istatus quo	— iż-żamma tal-listi ta' kontroll u l-flussi tax-xogħol tat-tranżazzjonijiet finanzjarji — ir-reviżjoni tal-kontrolli u l-proċeduri finanzjarji, u l-kunsiderazzjoni tas-sejbiet tal-QEA
Kontabbiltà	
Il-kontrolli tal-kontabbiltà sodi u l-preżentazzjoni xierqa tal-qagħda finanzjarja tal-eu-LISA	
Kontabbiltà iż-żamma tal-istatus quo	— iż-żamma ta' kontrolli tal-kontabbiltà effettivi u s-salvagwardja tal-assi — it-twassil ta' kontijiet proviżorji u finali — l-għoti ta' appoġġ lill-awdituri esterni u lill-QEA

Servizzi legali

L-Aġenzija topera f'konformità mar-regolamenti applikabbli u b'osservanza stretta tal-prattiki amministrattivi u ta' governanza tajba biex tiggarantixxi trasparenza u akkontabilità fl-attivitajiet, fil-proċessi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, kif ukoll biex tipproteġi l-interessi u r-reputazzjoni tagħha.

L-iżgurar ta' pariri u opinjonijiet legali ta' kwalità għolja

Ir-riżultati ta' suċċess fil-litigazzjoni u fil-proċess ta' qabel il-litigazzjoni

KONFORMITÀ LEGALI U REGOLATORJA

L-Aġenzija kompliet tibni kapaċità interna u ssaħħaħ it-tim legali tagħha biex tipprovdi valutazzjonijiet legali u pariri dwar is-sistemi tal-IT taħt il-mandat tagħha. Biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE, il-fokus ewlieni kien fuq l-għodod online tat-

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

90 %
SERVIZZI PPROVDUTI FIL-ĦIN
pariri legali, opinjoni, rappreżentanza u suġġerimenti tal-aħjar prattika pprovduti fl-iskadenzi meħtieġa

trasportaturi u ċ-chatbot tal-ETIAS, il-VIS rivedut, l-EU VAP, l-Applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-Kredenzjali tal-Ivvjaġġar Diġitali, API-PNR u l-Pjattaforma Unika tar-Rapportar tal-ENISA.

AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI

L-eu-LISA mmaniġġjat it-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti, u bbilanċjat it-trasparenza u l-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali. L-Aġenzija rċeviet **22 talba għall-aċċess għal dokumenti**, żvelat kompletament 58 dokument, żvelat parzjalment 28 dokument u ċaħdet l-aċċess għal 14-il dokument. L-eu-LISA pproċessat 4 applikazzjonijiet konfermatorji, żvelat kompletament 5 dokumenti u żvelat parzjalment 14-il dokument.

Barra minn hekk, l-Aġenzija rċeviet 17-il talba għall-konsultazzjoni, żvelat b'mod sħiħ 14-il dokument, żvelat parzjalment 10 dokumenti, u ċaħdet l-aċċess għal 2 dokumenti.

Ir-redazzjonijiet parzjali u r-rifjuti ta' aċċess kienu meħtieġa biex jipproteġu l-privatezza u l-integrità tal-individwi, jissalvagwardjaw is-sigurtà pubblika (eż. informazzjoni relatata mal-aspetti tekniċi tas-sistemi tal-ĠAI), proċessi kontinwi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u interessi kummerċjali.

72,27 %
TAL-TALBIET INIZJALI TWIEĠBU FIL-ĦIN
dewmien minħabba skadenza istituzzjonali qasira (15-il jum ta' xogħol)

70,58 %
TAL-KONSULTAZZJONIJIET TWIEĠBU FIL-ĦIN
dewmien minħabba skadenza istituzzjonali qasira (5 ijiem ta' xogħol). Diversi dokumenti jeħtieġu riežami addizzjonali minħabba l-kuntest sensittiv.

82 %
TAL-APPLIKAZZJONIJIET INIZJALI MA AVVANZAWX GĦALL-ISTADJU KONFERMATORJU
4 talbiet minn 22 avvanzaw għall-istadju konfermatorju

Sors: Rapporti trimestrali ta' Microsoft Planner

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Servizzi legali	
Parir legali affidabbli u ta' kwalità għolja, għarfien espert u opinjoni li jipprevjenu ħsara lir-reputazzjoni jew finanzjarja	
Servizzi legali iż-żamma tal-istatus quo	— il-konsulenza u l-opinjoni, jiġifieri, kwistjonijiet dwar il-persunal, l-akkwist, l-IT, il-governanza — ir-rappreżentazzjonijiet legali fil-qrati nazzjonali u tal-UE — it-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti

Servizzi ta' appoġġ korporattiv

L-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol ottimizzat u flessibbli fil-postijiet kollha jirrikjedi infrastruttura sigura, effiċjenti u funzjonali allinjata mal-ħtiġijiet tan-negozju tal-eu-LISA. L-Aġenzija hija impenjata wkoll li ssir organizzazzjoni ambjentalment sostenibbli u tilħaq newtralità karbonika sal-2030.

L-inawgurazzjoni tal-Uffiċċju ta' Kollegament u l-binja ASPIRE

L-installazzjoni ta' ċentru tad-*data* modulari installat f'kontejner

Il-wasla taċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS

IL-KAPAĊITÀ TAL-PROPRJETÀ IMMOBBLI U

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

KOST
l-ebda devjazzjoni

TAL-BINI[23]

Sabiex tiżgura r-reżiljenza u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE, l-eu-LISA kompliet ittejjeb il-**kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ** taċ-ċentru tad-*data* biex takkomoda sistemi ġodda u volumi dejjem jikbru tad-*data*. L-eu-LISA installat **ċentru tad-*data* modulari f'kontejner** (MDC2.1), soluzzjoni flessibbli u skalabbli li ma tirrikjedi l-ebda kostruzzjoni ġdida), u tejbet il-kapaċità tal-ħżin u tal-ipproċessar mingħajr ma żiedet l-impronta tal-karbonju.

L-eu-LISA **inawgurat l-uffiċċju ASPIRE fi Strażburgu** u fl-istess ħin bdiet titlaq gradwalment mill-binja Platon fid-distrett ta' Illkirch-Grafenstaden. **L-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA** fi Brussell ukoll iċċaqlaq f'bini ġdid. Il-binjiet ġodda kollha huma ċċertifikati BREAAM, u ASPIRE huwa wkoll ċċertifikat BEPOS Effinergie.

ĠESTJONI AMBJENTALI

L-Aġenzija kompliet timplimenta s-sistema ambjentali tagħha, allinjata mal-**Iskema Ewropea ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali** (EMAS). F'April, l-eu-LISA saret it-13-il aġenzija tal-UE li rċeviet **ċertifikat tal-EMAS**. L-awditu annwali ta' verifika esterna enfasizza regoli ta' akkwist pubbliku ekoloġiċi, għodda ta' ġestjoni tal-enerġija bl-IA f'Tallinn u titjib fil-ġestjoni tal-iskart.

L-eu-LISA lestiet **awditu tal-enerġija** fil-bini tagħha sabiex ittejjeb il-monitoraġġ tal-kalkolu tal-impronta tal-karbonju. Sabiex tissensibilizza u tibqa' trasparenti dwar il-prestazzjoni ambjentali tagħha, l-eu-LISA ppubblikat **l-iskeda informattiva dwar l-impronta tal-karbonju** tagħha.

IL-MODERNIZZAZZJONI TAL-POST TAX-XOGĦOL DIĠITALI

L-eu-LISA bdiet il-migrazzjoni tas-servizzi tal-IT korporattivi magħżula lejn **pjattaformi bbażati fuq il-cloud**. Fl-2025, l-Aġenzija bdiet timplimenta għodda ġdida tal-ITSM biex ittejjeb il-koordinazzjoni ta' kuljum u l-esperjenza tal-utenti fl-appoġġ korporattiv kollu.

Barra minn hekk, l-eu-LISA ħaffet it-tkabbir u l-iżgurar tal-ispazji tax-xogħol diġitali tagħha, filwaqt li tejbet il-ġestjoni tal-kontenut tal-intrapriżi. L-Aġenzija nediet **sistema ġdida ta' ġestjoni tad-dokumenti bbażata fuq il-cloud**, li tippermetti repożitorju disponibbli ħafna, skalabbli u sigur tad-dokumenti għal effiċjenza u aġilità mtejba. L-eu-LISA bdiet timplimenta wkoll il-kapaċitajiet tal-IA biex ittejjeb il-flussi tax-xogħol diġitali u tappoġġa kollaborazzjoni bla xkiel.

SKEDA

devjazzjoni taħt l-10 % minħabba dewmien fil-kostruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-MDC2.1 mingħajr impatt fuq l-iskjerament tas-sistema.

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

l-ebda devjazzjoni.

Sors: Rapport tal-bord tal-programm

+54 %

EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA

L-emissjonijiet tCO2eq żdiedu minħabba l-liċenzja u l-hardware, l-akkwiżizzjoni ta' binjiet ġodda ta' uffiċċji u l-kostruzzjoni tal-MDC2

ukoll minħabba metodoloġija ta' kalkolu aktar preċiża għall-kamp ta' applikazzjoni 3

100 %

KONFORMITÀ REGOLATORJA AMBJENTALI

Sors: dikjarazzjoni ambjentali u rapport dwar l-EMAS

99,99 %

DISPONIBBILTÀ TAS-SERVIZZ

ħin operazzjonali għall-applikazzjonijiet korporattivi.

82 %

SODISFAZZJON TAL-UTENT FINALI

Livell ta' CSAT (linja bażi tal-industrija 70).


Sors: rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi, Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-ICT

[23] L-Aġenzija stabbiliet il-Programm tal-Kapaċità tal-Propjetà Immobbli biex timmaniġġja proġetti interdipendenti u interrelatati bħall-Proġett tat-Tieni Estensjoni, iċ-Ċentru tad-*Data* Modulari 2, BCUMDC, iż-Żieda fil-Provvista tal-Enerġija u fit-Tkessiħ, u l-proġett Aspire.

PROGRESS GĦAL KULL KOMPITU U PROĠETT

Kompitu: data tat-twassil	**Riżultati ewlenin**
Programm ta' żieda fil-kapaċità (propjetà immobbli)	
L-indirizzar tat-talbiet tal-kapaċità, inkluża l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-informatika, tal-enerġija u tas-sistemi ta' tkessiħ	
Iż-żieda fil-kapaċità għaċ-ċentri tad-*data* proġett: 2030	— il-konklużjoni tal-proġett tal-enerġija u tat-tkessiħ (fażi I: ġeneratur ta' enerġija addizzjonali); il-bidu tat-tħejjija għall-fażi II — spazji ġodda ta' uffiċċji fi Strażburgu (ASPIRE) u fi Brussell — diskussjonijiet mal-Awstrija dwar kapaċità addizzjonali ta' enerġija u tkessiħ għas-sit ta' *backup*
Appoġġ ġenerali	
It-tnaqqis tal-impronta ambjentali u ċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS	
Servizzi ġenerali iż-żamma tal-istatus quo	— il-kisba taċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS f'April 2025, it-tiġdid tal-awditu f'Settembru — l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-EMAS (eż. sistema ġdida ta' ġestjoni tal-iskart), — il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ, jiġifieri ġestjoni tal-ispazju, il-missjonijiet, l-operat tal-faċilità, is-saħħa u l-benesseri
Aġġornamenti tas-servizzi ġenerali proġett: 2030	— it-titjib lokali fl-istruttura tal-kisi ta' taħt l-art fiċ-ċentru tad-*data* u l-bini terzjarju fi Strażburgu — l-ottimizzazzjoni ta' sit ta' unità ċentrali, pereżempju, triq ta' aċċess, pont fejn iżomm l-ilma, parkeġġ
ICT korporattivi	
Il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni effettivi tal-infrastruttura u l-proċessi korporattivi tal-ICT	
Servizzi tal-ICT korporattivi iż-żamma tal-istatus quo	— il-manutenzjoni ta' kuljum tal-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-ICT, inkluż l-ittestjar u l-iżvilupp ta' għodod ġodda — servizzi ta' ICT ta' kwalità għolja, inklużi l-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizz, it-titjib tal-appoġġ għall-utent finali
Inizjattivi ta' aġġornamenti u ta' titjib tal-ICT korporattiva proġett: 2030	— l-implimentazzjoni tal-prattiki tal-ITIL, inkluża l-evalwazzjoni ta' applikazzjoni ġdida tal-ITSM — il-modernizzazzjoni ta' postijiet tax-xogħol diġitali: il-migrazzjoni għall-cloud, l-istabbiliment tas-servizz ta' infrastruttura ta' desktop virtwali — il-bidu tal-iżvilupp ta' ambjenti dev/test/pre-prod — l-implimentazzjoni ta' programm tal-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi, inklużi sit web ġdid, intranet/extranet, u sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti

2 VADĪBA



2.

2.1. BORD TAT-TMEXXIJA

L-Aġenzija żammet kollaborazzjoni mill-qrib, kostruttiva u trasparenti mal-Bord tat-Tmexxija, wasslet aġġornamenti regolari dwar riskji u kwistjonijiet ewlenin, u l-miżuri ta' mitigazzjoni tagħhom, rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħ, programm ta' proprjetà immobbli, l-operat ta' sistemi u l-progress u l-ippjanar tal-iżvilupp fost l-Istati Membri, u migrazzjoni lejn TESTA EIRIS.

Il-Bord afferma mill-ġdid l-**impenn b'saħħtu tiegħu li jimplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà**, il-bidu progressiv tal-EES f'Ottubru 2025, u l-prontezza f'waqtha tal-Eurodac sa Ġunju 2026, filwaqt li jissorvelja kontinwament l-operat u l-implimentazzjoni tas-sistema.

Fl-2025, il-Bord adotta diversi deċiżjonijiet sinifikanti li jiżguraw il-kontinwità u l-governanza tal-eu-LISA:

- il-ħatra tad-**Direttur Eżekuttiv**, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà *ad interim*, u l-assistent Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*,
- il-pjan ta' implimentazzjoni ta' livell għoli għall-**bidu progressiv tal-EES**,
- il-**Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut** għall-2025–2026, u għall-2027–2028 (ħlief il-VIS riveduta u l-EU VAP),
- l-ospitar tal-għodda għall-*onboarding* u l-appoġġ għat-trasportaturi (COBST) fuq l-infrastruttura bħala servizz,
- l-**istrateġija dwar il-cloud** u l-**Istrateġija Kontra l-Frodi** għall-2025–2027,
- id-**dokumenti statutorji ta' ppjanar u rapportar**, jiġifieri dokument uniku ta' programmazzjoni, rapporti annwali *interim* u konsolidati, flimkien ma' rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u l-istatistika, u rapporti dwar il-progress għall-EES, ir-router API-PNR u r-router ta' Prüm,
- l-aġġornament u r-reviżjoni **tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattiva**
- il-**pjanijiet ta' sigurtà u kontinwità tal-operat** għall-EES, l-ETIAS, l-e-CODEX, l-ECRIS-TCN u l-komponenti tal-interoperabbiltà, **pjan ta' rkupru minn diżastri**, u regoli tas-sigurtà għas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni,
- il-**kontijiet finali** għall-2024, emenda fil-baġit tal-2025 u abbozz tal-baġit għall-2026,
- ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar **vjaġġar awtorizzat** (gwida għall-missjonijiet).

Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Awditu, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-Bord ssorvelja l-qafas ta' ġestjoni tar-riskji u ta' kontroll intern tal-eu-LISA, l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-baġit, u l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditu miftuħ.

Sabiex tiżgura t-trasparenza u tissensibilizza l-pubbliku dwar l-attivitajiet tagħha, l-Aġenzija ppubblikat s-sommarji tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija fuq is-sit web tagħha.

2.2. ŻVILUPPI EWLENIN

DĦUL FIS-SEĦĦ

Fl-2025, l-Aġenzija għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda billi nediet il-**VIS għall-sBMS u għall-EES, u l-sBMS f'Mejju** u l-bidu progressiv tal-EES f'Ottubru, u stabbiliet pedament b'saħħtu għall-eżekuzzjoni tal-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà.

REVIŻJONI TAL-PJAN DIREZZJONALI GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

F'Marzu 2025, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni approva l-**pjan direzzjonali rivedut għall-interoperabbiltà għall-2025–2026**, żviluppat f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mal-

aġenziji tal-ĠAI, biex jipprovdi triq realistika u flessibbli għat-tisħiħ tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa.

L-Aġenzija avvanzat ukoll ippjanar għall-**perjodu 2027–2028**, inkluż l-allinjament tal-EES u tas-SIS mal-interoperabbiltà, l-introduzzjoni tal-MID, id-dħul fis-seħħ tar-router ta' Prüm u l-operazzjonalizzazzjoni usa' tal-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI fl-2028. L-approvazzjoni tal-Kunsill tal-mappa tat-triq 2027–2028 f'Diċembru 2025 tipprovdi ċarezza strateġika u tiżgura li s-sistemi ta' informazzjoni tal-JHA fl-Ewropa jaħdmu b'mod koerenti, effiċjenti u li jifilħu għall-futur. L-elementi li jifdal ta' din il-fażi – **VIS riveduta** u **EU VAP** – ġew approvati mill-Kunsill ĠAI f'Marzu 2026.

PROPOSTA GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-IVVJAĠĠAR DIĠITALI TAL-UE (EU DTA)

L-Aġenzija pprovdiet l-għarfien espert tekniku u l-kontribut tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tappoġġa n-negozjati li għaddejjin tal-proposta dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-inizjattiva għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar – **EU DTA**.

MIGRAZZJONI GĦAL TESTA-EIRIS

B'rispons għall-istandards tekniċi u l-ħtiġijiet tan-negozju li qed jevolvu, id-DĠ DIGIT tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, kompliet it-tfassil u l-iżvilupp ta' network trans-Ewropew ġdid, **TESTA IRIS** (pjattaforma ta' interkonnettività u skambju għall-UE), biex sa tmiem l-2027 jiġi sostitwit in-network TESTA-ng attwali.

2.3. ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

ĠESTJONI FINANZJARJA

Il-baġit tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2025 ġie ffinanzjat minn fondi minn diversi sorsi, u d-dħul ewlieni ġie mis-**sussidju annwali** riċevut mill-baġit ġenerali tal-UE.[24] Barra minn hekk, l-eu-LISA rċeviet kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati mas-Schengen, bħala rimborż parzjali tan-nefqiet li ġarrbet l-Aġenzija, u kontribuzzjoni skont il-ftehim dwar il-kontribuzzjoni tal-PK tas-SIK (ara l-Anness VI).

Biex issaħħaħ il-kontrolli interni għall-ġestjoni finanzjarja, tal-assi u baġitarja, l-Aġenzija:

- **fasslet mill-ġdid ċirkwiti finanzjarji** biex tispeċifika aħjar il-kontrolli ta' konformità u r-rwoli tal-atturi involuti fit-tranżazzjonijiet baġitarji u finanzjarji, filwaqt li tirfina il-kontrolli ta' konformità għat-tranżazzjonijiet ta' aktar minn EUR 1,5 miljun,
- **allinjat l-operat finanzjarju u l-flussi tax-xogħol** ma' SUMMA,
- **fasslet fluss tax-xogħol unifikat għal impenn baġitarju u legali** biex tkompli tissimplifika l-proċess,
- **tejbet ir-rapportar u l-analitika** biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ġestjoni tar-riskji relatati ma' investimenti kritiċi.

IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA

Fl-2025, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' **EUR 311 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn** u ta' **EUR 338.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagamenti**, riċevuti bħala kontribuzzjoni tal-UE.

L-Aġenzija **implimentat b'mod sħiħ is-sussidju tal-UE għall-2025**, u indirizzat il-lakuni tar-riżorsi permezz tal-prijoritizzazzjoni mill-ġdid, l-użu ta' sorsi alternattivi ta' dħul, l-appoġġ miksub taħt l-eżerċizzju globali tat-trasferiment (**EUR 47 miljun f'approprjazzjonijiet addizzjonali ta' pagamenti**), u t-trasferimenti minn nefqa amministrattiva għal nefqa operazzjonali.

L-implimentazzjoni effettiva rriżultat f'**eżekuzzjoni ta' 100 % kemm tal-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti**, inkluż riport ta' 2 % tan-nefqa amministrattiva għall-2026. Fl-2025, il-Bord tat-Tmexxija approva **emenda waħda tal-baġit** (EUR 47 miljun) **biex iżid l-approprjazzjonijiet ta pagamenti għan-nefqa operazzjonali**:

[24] Ara t-taqsima III, it-titolu 11, il-kapitolu 10 "Ġestjoni tal-Fruntieri – Aġenziji Deċentralizzati". Il-kontribuzzjoni tal-UE tirreferi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti C1 (krediti vvutati tas-sena finanzjarja attwali). Ara wkoll l-Artikoli 45(5) u 46(3) tar-Regolament fundatur.

- EUR **41 miljun** minħabba d-dħul fis-seħħ progressiv tal-**EES**, inkluża l-manutenzjoni tal-liċenzji tas-software u tal-hardware,
- EUR **6 miljun** minħabba l-aġġustament tal-iskeda ta' żmien u l-istadji importanti tal-proġett tas-**SIS**.

Approprjazzjonijiet ta' impenn (C1, f'miljuni ta' EUR)

EUR 224,139 miljun

1 588 impenji totali


	Titolu 1: nefqa tal-persunal	Titolu 2: nefqa infrastrutturali u operatorja	Titolu 3: Nefqa operazzjonali	TOTAL
Eżekuzzjoni:	100 %	100 %	100 %	100 %
Vvutati:	49,814	37,030	224,139	310,982
Ikkunsmati:	49,814	37,030	224,139	310,982
Riportati:	0,294	7,770		8,064

Minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti li jappoġġaw l-operat ewlieni, **EUR 8,1 miljun** (2,4 %) tal-approprjazzjonijiet ta' impenn miftuħa previsti għall-2025 ġew riportati awtomatikament għall-2026.

L-Aġenzija kkanċellat **EUR 10,9 miljun** ta' approprjazzjonijiet ta' impenn riportati minn snin preċedenti – 2,9 % tal-approprjazzjonijiet totali riportati taħt it-Titolu 3. Il-kanċellazzjonijiet taħt appoġġ operazzjonali, fl-ammont ta' **EUR 0,48 miljun,** kienu dovuti għall-ilħuq tad-data tat-tmiem tal-kuntratt, u għalhekk ma kinux meħtieġa dispożizzjonijiet previsti kuntrattwalment.

Titolu 3 eżekuzzjoni: approprjazzjonijiet ta' impenn (miljuni ta' EUR)

EUR 224,139 miljun



Approprjazzjonijiet ta' pagamenti (C1, miljuni ta' EUR)

EUR 338,118
miljun

4 336
tranżazzjonijiet ta' pagamenti


	Titolu 1: nefqa tal-persunal	Titolu 2: nefqa infrastrutturali u operatorja	Titolu 3: nefqa operazzjonali	TOTAL
Eżekuzzjoni:	**99 %**	**79 %**	**100 %**	**98 %**
Vvutati:	49,814	37,030	251,275	**338,118**
Ikkunsmati:	**49,519**	**29,260**	**251,275**	**330,054**
Riportati:	**0,294** (1 %)	**7,770** (21 %)		**8,064** (2 %)

Taħt it-Titolu 2, l-Aġenzija kkanċellat approprjazzjonijiet ta' pagamenti għall-ammont ta' **EUR 85,46**.

Allokazzjonijiet mhux differenzjati – **EUR 0,3 miljun** ta' approprjazzjonijiet ta impenn taħt it-Titolu 1, u **EUR 7,8 miljun** taħt it-Titolu 2 – ma ġewx imħallsa fl-2025, u ġew riportati għall-2026 minħabba impenn legali eżistenti, flimkien mal-approprjazzjonijiet ta pagamenti korrispondenti. Taħt in-nefqa amministrattiva, l-Aġenzija eżegwiet 96 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti riportati mis-sena 2024 għas-sena 2025.

Titolu 3 eżekuzzjoni: approprjazzjonijiet ta' pagamenti (miljuni ta' EUR)

EUR 251,275
miljun



Żmien għall-ħlas

Il-ħlas lill-krediturі tagħha fil-ħin juri l-effiċjenza tal-prestazzjoni finanzjarja tal-eu-LISA. Iż-żmien medju għall-ħlas għat-tipi kollha ta' pagamenti baqa' ferm taħt il-limiti ta' żmien stipulati: 20 jum kalendarju għal pagamenti ta' 30 jum, u 44 jum kalendarju għal pagamenti ta' 60 jum. B'mod ġenerali, **89 % tat-tranżazzjonijiet kollha saru fi ħdan it-terminu kuntrattwali**.

Rigward id-dewmien, 468 pagament ġew imdewma prinċipalment minħabba l-eżawriment tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti f'Ottubru 2025, li ġie solvut b'emenda tal-baġit f'Novembru. 177 minn dawn il-pagamenti rriżultaw f'imgħax ta' inadempjenza, li jammonta għal **EUR 283 084** li għandhom jitħallsu lill-krediturі.

ĠESTJONI TAL-AKKWIST U TAL-KUNTRATTI

Il-volum ta' impenji legali u ta' attivitajiet ta' akkwist ġenerali kompla jiżdied b'**1 500 kuntratt** u **593 talba għal servizz** iffirmati, li jammontaw għal żieda ta' 41 % meta mqabbla mas-sena preċedenti. **Il-proċedura nnegozjata għal kuntratti ta' valur baxx ħafna** baqgħet il-proċedura ta' akkwist li tintuża l-aktar ta' spiss.

L-eu-LISA nediet is-**Sistema Dinamika ta' Xiri** – proċess elettroniku mfassal għall-akkwist flessibbli u effiċjenti ta' servizzi u provvisti professjonali, filwaqt li saħħet il-kompetizzjoni tas-suq billi ppermettiet li jingħaqdu fornituri ġodda fi kwalunkwe ħin.

▲Tabella 1. Kuntratti, emendi fil-kuntratt u talbiet għal servizzi ffirmati fl-2025

Tip ta' Kuntratt	Numru ta' kuntratti	Numru ta' emendi fil-kuntratt u terminazzjonijiet	Valur totali tal-kuntratt (miljuni ta' EUR)
kuntratt dirett	4	4	2,012
kuntratt qafas, mhux relatat mas-sistemi	23	21	241,298
kuntratt qafas, relatat mas-sistemi	0	19	0,000
ordni ta' xiri	59	19	430,433
kuntratt speċifiku/formola tal-ordni	1 044	307	304,826
li minnhom talbiet għal servizz	484	109	103,106
Total	**1 618**	**475**	**548,567**

▲Tabella 2. Perċentwal tal-proċeduri ta' akkwist skont it-tip użati fl-2025

Tip ta' proċedura u bażi legali	Numru ta' proċeduri	Perċentwal	Ammont mogħti (miljuni ta' EUR)
proċedura nnegozjata: kuntratt ta' valur medju	2	0,03 %	0,202
proċedura nnegozjata: kuntratt ta' valur baxx ħafna	59	0,06 %	0,430
proċedura nnegozjata: mingħajr pubblikazzjoni minn qabel	3	0,22 %	1,410
proċedura miftuħa	5	3,35 %	20,900
sistema dinamika ta' xiri	1	96,31 %	600,000
Total			**622,942**

L-Aġenzija ffirmat kuntratt wieħed skont il-punt 11.1(g) tal-Anness 1 għar-Regolament Finanzjarju tal-UE:

Numru tal-proċedura	Titolu	Kuntrattur	Ammont (EUR)
LISA/2023/NP/05	Kiri ta' spazju għall-uffiċċju għall-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA fi Brussell, il-Belġju	A&C Properties SA, il-ġestjoni tal-proprjetà u tal-assi ta' CBRE	900 000

2.4. ID-DELEGA U S-SUBDELEGA TAS-SETGĦAT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT LILL-PERSUNAL

L-Uffiċjal Awtorizzanti jiddelega s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lil Uffiċjali Awtorizzanti maħtura, tipikament fil-livell ta' Kap ta' Unità jew ta' Dipartiment, abbażi tal-matriċi tas-sjieda tal-baġit stabbilita bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv, li tiddefinixxi l-awtorità u r-responsabbiltà għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżorsi baġitarji fiċ-ċirkwiti finanzjarji kollha. Id-delegazzjonijiet japplikaw fil-livell tal-linja baġitarja għas-sorsi ta' finanzi kollha u jiġu assenjati formalment lill-persunal maħtur fi ħdan limitu finanzjarju definit.

Is-sistema tad-delegazzjoni:

- m'għandhiex limiti ta' żmien, sakemm ma tiġix irtirata mill-Uffiċjal Awtorizzanti,

- ma tippermettix is-sottodelegazzjonijiet,
- hija soġġett għar-rekwiżiti tal-kontrolli u tar-rapportar stabbiliti fil-Karta għall-Uffiċjali Awtorizzanti,
- hija bbażata fuq analiżi regolari tar-riskju mill-Unità tal-Baġit u tal-Finanzi.

Kull Uffiċjal Awtorizzanti maħtur huwa meħtieġ li jipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali lid-Direttur Eżekuttiv.

2.5. ĠESTJONI TAR-RIŻORSI UMANI

POLITIKI U PROĊEDURI

L-Aġenzija adottat diversi regoli ta' implimentazzjoni u aġġornamenti tal-politika, eż. **Kodiċi ta' Kondotta u Amministrazzjoni Tajba**, u indirizzat aspetti etiċi differenti għall-persuni li jaħdmu fl-eu-LISA, u aġġornat il-qafas **għax-xogħol b'xiftijiet u xogħol *stand-by*** sabiex torganizza aħjar il-modi ta' ħidma u tirrifletti l-istruttura organizzazzjonali l-ġdida. F'Lulju, l-Aġenzija adottat il-**Gwida dwar il-Missjonijiet** il-ġdida b'analoġija.

EŻERĊIZZJU TA' VALUTAZZJONI KOMPARATTIVA U TA' SKRINJAR

L-eżerċizzju ta' **valutazzjoni komparattiva annwali tal-persunal** tal-eu-LISA wera distribuzzjoni ta' 68,4 % f'termini operazzjonali, 20,7 % f'termini amministrattivi u ta' koordinazzjoni, u 10,9 % f'funzjonijiet newtrali.[25]

24 % tal-persunal tal-eu-LISA huma impjegati f'Tallinn, l-Estonja (is-sede tal-Aġenzija), 74,8 % fi Strażburgu, Franza (is-sit operazzjonali), u 1,2 % fi Brussell, il-Belġju (l-Uffiċċju ta' Kollegament). L-Aġenzija ma għandhiex persunal impjegat b'mod permanenti f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija (sit ta' *backup*).

RAPPREŻENTAZZJONI NAZZJONALI U TAL-ĠENERI

L-Aġenzija timpjega persunal minn **25 nazzjonalità**: 23 Stat Membru tal-UE, in-Norveġja u r-Renju Unit. Minħabba l-post tas-sit operazzjonali tagħha fi Franza (minbarra l-e-CODEX fl-Estonja), l-Aġenzija ma tikkunsidrax is-sehem tan-nazzjonalità Franċiża – 22,74 % – bħala distorsjoni sinifikanti tal-bilanċ ġeografiku ġenerali.

Filwaqt li n-numru dejjem jikber ta' karigi ma kienx akkumpanjat minn aktar applikazzjonijiet mill-**ġeneru sottorappreżentat**, l-eu-LISA osservat **żieda ta' 0,81 %** fir-rappreżentazzjoni tan-nisa, u b'hekk ir-rappreżentazzjoni ġenerali saret 34,96 % (143 membru tal-persunal). Madankollu, ir-rappreżentanza tan-nisa fost il-maniġers naqset b'7,27 % minħabba n-numru dejjem jikber ta' maniġers irġiel, u wasslet biex ir-rappreżentanza ssir 20 % (3 membri tal-persunal).

Sabiex tindirizza s-sottorappreżentanza, l-eu-LISA kompliet l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni (eż. fieri tal-industrija, komunitajiet STEM/IT, tixrid immirat ta' postijiet tax-xogħol vakanti, servizzi ta' reklutaġġ) u ħeġġet il-parteċipazzjoni ta' nazzjonalitajiet sottorappreżentati fil-proċessi tal-għażla (eż., Ċiprijotti, Daniżi, Lussemburgiżi, Maltin u Żvediżi). Fl-2025, l-Aġenzija approvat **Pjan ta' Azzjoni ġdid għad-Diversità, l-Ugwaljanza u l-Inklużjoni,** li jinkludi sejħiet iddedikati għal internship, intervisti obbligatorji ma' kandidati minn Stati Membri sottorappreżentati u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru f'kull stadju.

AKKWIST TA' TALENT

L-Aġenzija kompliet ir-reklutaġġ ta' pożizzjonijiet addizzjonali mogħtija mar-Regolamenti dwar l-Eurodac u l-Iskrinjar fi tmiem l-2024. Ir-rata ta' okkupazzjoni mingħajr offerti ta' xogħol kienet **88,2 %**. B'kunsiderazzjoni tal-offerti ta' impjieg, l-Aġenzija rat żieda fir-rata ta' okkupanza tagħha (94,5 %).

L-eu-LISA rreklutat **numru kbir ta' membri ġodda tal-persunal** fejn 95 offerta ta' xogħol minn 126 ġew aċċettati. 31 kandidat irrifjutaw l-offerta minħabba raġunijiet personali (42 %), limitazzjonijiet fit-telexogħol jew nuqqas ta' volontà għal rilokazzjoni (23 %), jew opportunitajiet oħra fil-karriera (19 %). L-Aġenzija rreklutat **73 membru tal-persunal ġdid,** u **22 membru tal-persunal** ġew offruti opportunitajiet ta' tkabbir tal-karriera fi ħdan l-eu-LISA.

[25] Id-distribuzzjoni ottimali tal-karigi u tal-persunal għandha tkun ta' madwar 70 % għal attivitajiet operazzjonali, 20 % għal appoġġ amministrattiv u għall-koordinazzjoni, u 10 % għal funzjonijiet newtrali.

18-il proċedura tal-għażla li tnedew wasslu għal **2 646 applikazzjoni**, b'medja ta' 132 applikazzjoni għal kull proċedura tal-għażla magħluqa. It-**tul medju ta' proċedura tal-għażla** kien **97 jum** b'**14-il għażla** konklużi fi ħdan il-mira stabbilita ta' 100 jum (bejn 55 u 98 jum). Filwaqt li 7 għażliet ma tlestewx fil-mira mistennija, l-Aġenzija tejbet l-effiċjenza tal-proċessi ta' reklutaġġ, u ħaffet l-għeluq tal-lakuni operazzjonali.

L-Aġenzija użat **servizzi esterni** għall-għażliet kollha, inkluża aġenzija tar-reklutaġġ immirata għal pożizzjonijiet għolja u maniġerjali, bl-għan li żżid in-numru ta' kandidati li kienu ilhom fuq il-lista qasira. L-eu-LISA tejbet ukoll il-ġestjoni tal-**listi ta' riżerva** tagħha, u tat prijorità lill-għażla bbażata fuq il-ħtiġijiet tan-negozju u ffukat fuq karigi kritiċi fil-ħin. Fl-2025, l-eu-LISA bdiet tibni bażi komprensiva tad-*data* dwar il-ħiliet biex issaħħaħ il-konnessjoni bejn it-talba u l-post tax-xogħol vakanti billi allinjat il-kapaċitajiet u l-kultura.

ĠESTJONI TAL-IŻVILUPP U TAL-KARRIERI

L-eu-LISA nediet żewġ **programmi interni ta' mobilità** biex trawwem żvilupp professjonali kontinwu, li wasslu għal sejħa għall-espressjoni ta' interess biex timtela pożizzjoni fis-settur tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern u għall-kariga ta' Kap tas-Settur fl-Unità tal-Operat.

Il-persunal tal-eu-LISA ħa sehem fil-**programm ta' żjarat tal-persunal JHAAN,** li ppromwova t-tagħlim u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, billi żar l-aġenziji parteċipanti għal żjarat fuq perjodu ta' żmien qasir (jiġifieri ġimgħa waħda). L-Aġenzija ospitat tmien kollegi mill-EUDA, mill-Europol u mill-Frontex, u bagħtet 10 kollegi għand il-Frontex, l-EUAA u l-Europol.

L-Aġenzija pprovdiet opportunitajiet ta' tagħlim fuq talba għall-persunal biex itejbu l-ħiliet tagħhom. B'mod partikolari, l-eu-LISA bdiet tintegra moduli tekniċi ta' e-Apprendiment, ippubblikat 35 modulu relatati mal-EES, il-VIS u l-sBMS, u l-pjattaforma SERENA. Biex tibni organizzazzjoni lesta għall-futur, l-Aġenzija nediet Workshops tat-Tmexxija biex trawwem prattiki b'saħħithom ta' tmexxija u allinjament, u tipprovdi lill-mexxejja bl-għodod meħtieġa biex jixprunaw il-prestazzjoni u l-innovazzjoni u jippromwovu kultura organizzazzjonali.

2.6. STRATEĠIJA GĦAL TITJIB FL-EFFIĊJENZA

L-Aġenzija kontinwament timmira għal aktar effiċjenza u użu mtejjeb tar-riżorsi tagħha biex tikkontribwixxi aħjar għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-ĠAI. L-eu-LISA qed tiżviluppa reġistru ta' qligħ fl-effiċjenza, ippjanat li jiġi finalizzat f'Ġunju 2026. L-ewwel kisbiet kwantifikabbli fl-effiċjenza huma mistennija li jiġu rrapportati bħala parti mill-SPD li jmiss sa tmiem l-2026.

Fl-2025, l-Aġenzija bdiet diversi inizjattivi li huma mistennija jwasslu għal titjib fl-effiċjenza mill-2026 'il quddiem:

- **Infrastruttura**: Sabiex tnaqqas il-pressjoni fuq il-kostijiet tal-infrastruttura u żżid iż-żmien għas-suq għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda, l-eu-LISA tat bidu għal attivitajiet biex tieħu vantaġġ mis-**soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-cloud** (eż. ambjent ta' ttestjar ibbażat fuq il-cloud għal stabbiliment ambjentali aktar rapidu), u metodi biex **tistandardizza u tikkonsolida** l-manutenzjoni tas-sistema.
- **Ġestjoni tal-assi tal-IT**: Sabiex tiżgura monitoraġġ xieraq u sistematiku tal-użu u t-tiġdid tal-liċenzji tal-IT, u tevita d-duplikazzjonijiet, l-eu-LISA stabbiliet politika għall-ġestjoni tal-assi tal-IT u bdiet timplimenta **reġistru tal-ġestjoni tal-assi tal-IT** relatat.
- **Żvilupp tas-software**: Minbarra l-**internalizzazzjoni tal-iżvilupp tas-software** (eż., proġett pilota għall-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida), l-Aġenzija bdiet tistabbilixxi **standard għall-iżvilupp tal-applikazzjonijiet** għall-ingranaġġ tas-servizzi ta' pjattaforma u ta' raggruppament, speċjalment għall-pipeline CI/CD (integrazzjoni kontinwa, twassil u skjerament) biex ittejjeb l-effiċjenza u l-ħin għal applikazzjonijiet ġodda.
- **Akkwist**: l-eu-LISA fasslet mudell ta' kuntratt ġdid għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-ĠAI ibbażati fuq is-Sistema Dinamika ta' Xiri innovattiva. Il-kuntratti l-ġodda għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp tas-software (Fabbrika tas-Software) u l-mod Aġli ta' xogħol billi jitnaqqas l-isforz amministrattiv permezz tas-simplifikazzjoni ta' kuntratti speċifiċi u talbiet għal servizz meħtieġa għall-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, l-eu-LISA bdiet telimina gradwalment il-metodoloġija preċedenti, tnaqqas l-ispejjeż tal-konsulenza u tħaffef il-proċess tal-għoti ta' kuntratti.
- **Sigurtà**: L-Aġenzija bdiet **tawtomatizza każijiet ta' ttestjar tas-sigurtà** kif ukoll tinternalizza l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tas-sigurtà u ta' twissija.

2.7. VALUTAZZJONI TAR-RIŻULTATI TAL-AWDITU U TAL-EVALWAZZJONI *EX*

POST

IS-SERVIZZ TAL-AWDITJAR INTERN TAL-KUMMISSJONI U L-KAPAĊITÀ TAL-AWDITJAR INTERN TAL-EU-LISA

Il-**kapaċità tal-awditjar intern** (IAC) tal-Aġenzija sservi bħala l-punt ta' kuntatt għas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS), għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) biex tiżgura tfixkil minimu fl-operat regolari tal-Aġenzija u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi.

▲Tabella 3. Sommarju tas-suġġetti tal-awditu intern koperti fl-2025

Tip: suġġett	Awditur	Objettiv u riżultati
Assigurazzjoni: valutazzjoni indipendenti tal-effettività tal-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju, ta' kontroll u ta' governanza		
Awditu tas-servizzi legali	**IAC**	**Objettiv:** l-adegwatezza tat-tfassil, effettività u effiċjenza tal-proċess tas-servizz legali. **Riżultati:** L-Aġenzija ħadet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa u stabbiliet pjan ta' azzjoni xieraq. **Status: tlesta**
Awditu tal-proċess tat-tagħlim u tal-iżvilupp	**IAC**	**Objettiv:** l-adegwatezza tat-tfassil, tal-effettività u tal-effiċjenza tal-proċessi tat-tagħlim u tal-iżvilupp. **Status: imwarrab** (kamp ta' applikazzjoni kopert mill-awditu tal-IAS dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika)
Awditu tal-ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti Dokumentazzjoni tas-sistema tal-ETIAS	**IAC**	**Objettiv:** l-adegwatezza tat-tfassil, tal-effettività u tal-effiċjenza tal-kontrolli interni fis-seħħ għat-twassil effiċjenti tal-ETIAS. **Riżultati:** L-Aġenzija ħadet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa u stabbiliet pjan ta' azzjoni xieraq. **Status: tlesta b'dewmien**
Awditu tas-Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali	**IAC**	**Objettiv:** l-iskjerament u l-konformità tas-Sistema Ambjentali tal-Aġenzija mar-rekwiżiti tal-EMAS. **Riżultati:** L-Aġenzija ħadet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa u stabbiliet pjan ta' azzjoni xieraq. **Status: tlesta**
Awditu dwar l-ippjanar baġitarju annwali u pluriennali, il-monitoraġġ u r-rapportar	**IAC**	**Objettiv:** l-adegwatezza tat-tfassil, tal-effettività u tal-effiċjenza tal-ippjanar baġitarju annwali u pluriennali, il-monitoraġġ u r-rapportar. **Riżultati:** L-Aġenzija ħadet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa u stabbiliet pjan ta' azzjoni xieraq. **Status: tlesta b'dewmien**
Proċeduri tal-awditu relatati mal-Istrateġija tal-Aġenzija Kontra l-Frodi 2025–2027	**IAC**	**Objettiv:** il-monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-istrateġija. **Riżultati:** L-IAC ivvalutat l-implimentazzjoni tal-istrateġija u rrappurtat lill-maniġment u lill-governanza. **Status: tlesta b'dewmien**
Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu	**IAC**	**Objettiv:** il-konferma indipendenti li l-Aġenzija solviet il-kwistjonijiet u implimentat it-titjib. **Riżultati:** L-awdituri kkonfermaw li 31 rakkomandazzjoni tal-awditu ġew implimentati b'mod sħiħ u għalquhom. **Status: tlesta**
Koordinazzjoni mal-awditu estern u ma' funzjonijiet oħrajn ta' kontroll intern u monitoraġġ: kopertura u assigurazzjoni li l-isforzi duplikati jiġu minimizzati fejn possibbli		
Legalità u regolarità tal-Kontijiet tal-2024 – *finali*	**QEA**	**Objettiv:** l-affidabbiltà tal-Kontijiet tal-eu-LISA għall-2024, u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. **Riżultati:** L-IAC iffaċilitat l-implimentazzjoni tal-awditu estern. Il-QEA ppubblikat ir-rapport dwar l-awditu għas-sena finanzjarja 2024. **Status: tlesta**
Valutazzjoni tar-riskju tal-awditu annwali tal-IAC	**IAC**	**Objettiv:** it-titjib tal-kisba tal-objettivi tal-Aġenzija kif stabbiliti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni. **Riżultati:** L-IAC ħejjiet il-pjan tal-awditu għall-2026. **Status: tlesta**

Tip: suġġett	Awditur	Objettiv u riżultati
Awditu dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika	**IAS**	**Objettiv:** l-adegwatezza tat-tfassil, effettività u effiċjenza tal-ġestjoni tar-riżorsi umani. **Riżultati: L-**IAC iffaċilitat il-prestazzjoni tal-awditu. L-IAS irrapportat lill-ġestjoni u l-governanza tal-eu-LISA. L-Aġenzija ddefiniet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa u stabbiliet pjan ta' azzjoni xieraq. **Status: tlesta**
Legalità u regolarità tal-Kontijiet 2025 – *interim*	**QEA**	**Objettiv:** l-affidabbiltà tal-Kontijiet tal-eu-LISA għall-2025, u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. **Riżultati:** L-IAC iffaċilitat l-implimentazzjoni tal-awditu estern. **Status: tlesta**
Servizzi ta' konsulenza: attivitajiet mitluba mill-maniġment (in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni miftiehma mad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA) sabiex jiżdied il-valur u jittejbu l-proċessi ta' governanza, ġestjoni tar-riskju u kontroll tal-eu-LISA		
Monitoraġġ u rapportar integrati dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' awditu miftuħ	**IAC**	**Objettiv:** l-iżgurar li l-Aġenzija solviet il-kwistjonijiet u implimentat it-titjib. **Riżultati: L-**IAC issorveljat u rrapportat regolarment lill-maniġment u lill-governanza tal-eu-LISA dwar il-progress tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħ. **Status: tlesta**
Valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u aġġornament tal-Istrateġija Kontra l-Frodi għall-2025-2027	**IAC**	**Objettiv:** il-ġlieda kontra l-frodi billi jitnaqqsu l-opportunitajiet għall-awturi ta' reat li jwettqu frodi. **Riżultati:** L-IAC iffaċilitat il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, u abbozzat l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni u tal-proċess ta' konsultazzjoni li wasslu għall-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija. **Status: tlesta**

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI (QEA)

Il-QEA **ffinalizzat l-awditu annwali tal-kontijiet tal-eu-LISA** għas-sena finanzjarja 2024, u awditjat l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Aġenzija (li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024), u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Fl-opinjoni tal-QEA, il-kontijiet tal-eu-LISA għall-2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024 (ir-riżultati tal-operat, il-flussi tal-flus, il-bidliet fl-assi netti) f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku. Il-QEA għamlet tliet osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, u osservazzjoni waħda dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li ma kkontestawx l-opinjonijiet ta' hawn fuq. L-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizza dawn l-osservazzjonijiet.

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-*DATA* (EDPS)

L-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha mal-EDPS. Sabiex issaħħaħ l-impenn għat-tisħiħ tas-sigurtà u l-integrità tas-sistemi taħt il-mandat tagħha, l-Aġenzija għaddiet minn **awditu tal-Eurodac** f'Diċembru 2025, u ssorveljat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet identifikati f'awditi preċedenti:

- l-**awditu tal-Eurodac, tas-SIS u tal-VIS** (imwettaq fl-2022) irriżulta f'37 rakkomandazzjoni, bi **33** magħluqa mill-EDPS,
- l-**awditu tas-SIS** (imwettaq fl-2023) irriżulta fi 22 rakkomandazzjoni, b'14 minnhom magħluqa mill-EDPS,
- l-**awditu tal-VIS** (imwettaq fl-2024, ir-rapport finali riċevut f'Ottubru 2025) irriżulta f'44 rakkomandazzjoni.

L-Aġenzija pprovdiet rapporti regolari lill-EDPS, u rapporti tal-istatus dwar rakkomandazzjonijiet pendenti lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat tal-Awditu, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tiegħu, u lill-Gruppi Konsultattivi relatati.

2.8. SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-AWDITU U L-PJANIJIET TA' AZZJONI

RELATATI

Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija ssorveljat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu, u kkompilat rapporti ta' monitoraġġ għad-Direttur Eżekuttiv u għall-Bord tat-Tmexxija. L-Aġenzija infurmat ukoll lill-awdituri dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ azzjoni rilevanti.

▲Tabella 4. L-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu mill-IAS, l-IAC, il-QEA u l-OLAF[26]

Klassifikazzjoni[27]	Total miftuħ għall-2025	Fil-proċess	Implimentati	Suppost diġà saru	Magħluqa[28]	Total miftuħ fi tmiem l-2025
Kritiċi	-	-	-	-	-	-
Importanti ħafna	23	7	15	1	9	14
Importanti	27	1	26	-	22	5
Total	**50**	**8**	**41**	**1**	**31**	**19**

Fl-2025, l-eu-LISA implimentat rakkomandazzjoni pendenti waħda bl-adozzjoni tal-istrateġija dwar it-tiftix ta’ sorsi ta’ provvista tagħha f’Diċembru 2025 u għamlet progress b’subrakkomandazzjoni pendenti oħra dwar l-għodda ta’ monitoraġġ tal-kuntratti u laħqet rata ta’ implimentazzjoni ta’ 98 %. Madankollu, filwaqt li r-rakkomandazzjoni pendenti dwar l-istrateġija dwar it-tiftix ta’ sorsi ta’ provvista kienet teknikament magħluqa, l-IAS ħareġ rakkomandazzjoni ġdida dwar l-istess riskju.

AZZJONIJIET TA’ SEGWITU RELATATI MAL-INVESTIGAZZJONIJIET IMWETTQA MILL-OLAF

Fl-2025, l-Aġenzija bdiet timplimenta r-rakkomandazzjonijiet mill-investigazzjonijiet tal-OLAF relatati mal-każijiet OC/2022/0866/A2 u OC/2023/0886/A2. L-Aġenzija se tipprovdi informazzjoni dwar żewġ investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin (kunflitt ta’ interess u inkjesti dwar l-akkwist) fir-rapport annwali tagħha wara t-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-kunfidenzjalità u f’konformità mal-kunsiderazzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà.

2.9. SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJIET MILL-AWTORITÀ TAL-KWITTANZA

Fl-2025, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tal-Parlament Ewropew nieda l-proċess tal-kwittanza annwali tal-attivitajiet tal-aġenziji tal-UE u tal-impriżi konġunti mwettqa fis-sena finanzjarja 2024. Dan il-proċess jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti legali u regolatorji rilevanti, u l-applikazzjoni ta’ prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja tajba, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

Fid-29 ta’ April 2026, il-Parlament Ewropew ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija fl-2024, approva l-kontijiet tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2024, u kkondivida l-***osservazzjonijiet*** tiegħu f’riżoluzzjoni.

L-osservazzjonijiet ewlenin kienu jikkonċernaw:

- **Bilanċ bejn il-ġeneri u distribuzzjoni nazzjonali fost il-persunal (osservazzjoni 14)**: l-eu-LISA tiżgura proċeduri ta' reklutaġġ u promozzjoni oġġettivi, trasparenti u bbażati fuq il-mertu, filwaqt li kontinwament tqis l-aspetti tad-distribuzzjoni bejn il-ġeneri u nazzjonali fejn possibbli. L-eu-LISA tkompli bl-isforzi tagħha biex tħeġġeġ l-applikazzjoni tan-nazzjonalitajiet sottorappreżentati fil-proċess ta' għażla, kif ukoll biex tattira aktar applikanti nisa u tiżviluppa tmexxija mmirata biex ittejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet maniġerjali. L-azzjonijiet strateġiċi relatati se jiġu inklużi wkoll fl-istrateġija l-ġdida tar-riżorsi umani tal-eu-LISA.

[26] **Għaddejjin bħalissa**: l-implimentazzjoni qed tipproċedi skont il-pjan jew l-iskadenza l-ġdida, il-pjan ta’ azzjoni li sar qbil dwaru mill-awditur, **Implimentati**: ikkonfermati mis-sid tar-rakkomandazzjoni u lesti għas-segwitu mill-awditur. **Suppost diġà saru**: l-implimentazzjoni għadha għaddejja iżda ma ntlaħqitx l-iskadenza li sar qbil dwarha. Magħluqa: l-awditur għalaq formalment il-kwistjoni.

[27] **Kritiċi**: dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi ta’ detriment fil-livell ta’ entità. **Importanti ħafna**: dgħufija fundamentali li hija ta’ detriment għall-proċess kollu (ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-QEA). **Importanti**: dgħufija sinifikanti fil-proċess sħiħ jew dgħufija fundamentali għal parti sinifikanti tal-proċess awditjat.

[28] Biex jikkonfermaw l-għeluq tar-rakkomandazzjonijiet iddikjarati “implimentati” mill-eu-LISA (entrati taħt “magħluqa”), l-IAS u l-IAC wettqu segwitu annwali tal-pjanijiet ta’ azzjoni u għalqu 31 rakkomandazzjoni tal-awditu. Il-QEA segwiet ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu tagħha mis-snin preċedenti.

- **Rata ta’ dawran tal-persunal (osservazzjoni 15)**: L-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tipprevjeni rati għoljin ta' dawran tal-persunal, u tiffoka fuq il-provvista ta' żvilupp professjonali kontinwu u opportunitajiet ta' tkabbir fil-karriera fi ħdan l-Aġenzija.
- **Investigazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-OLAF (osservazzjoni 21)**: l-eu-LISA hija impenjata li tipprovdi appoġġ sħiħ għal kull inkjesta u investigazzjoni tal-OLAF. L-Aġenzija se tipprovdi informazzjoni dwar żewġ investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin (kunflitt ta’ interess u inkjesti dwar l-akkwist) fir-rapport annwali tagħha wara t-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-kunfidenzjalità u f’konformità mal-kunsiderazzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà.
- **Monitoraġġ tal-osservazzjonijiet tal-QEA (osservazzjoni 60)**: L-Aġenzija stabbiliet azzjonijiet skedati għal kull osservazzjoni maħruġa mill-QEA u tissorvelja b'mod regolari l-implimentazzjoni tagħhom u tipprovdi rapporti trimestrali dwar l-istatus lill-Bord tat-Tmexxija tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA tissorvelja wkoll l-osservazzjonijiet kollha mir-rapporti ta’ kwittanza, filwaqt li tipprovdi tweġibiet għat-talbiet kollha għal kjarifiki li jiġu mill-Parlament Ewropew u tinsab f’kuntatt mill-qrib mal-QEA dwar l-istatus tal-osservazzjonijiet.
- **Irregolaritajiet fl-akkwist li jirriżultaw f’pagamenti irregolari (osservazzjonijiet 71 u 72, inklużi r-rakkomandazzjonijiet 87 u 88)**: L-Aġenzija rrikonoxxiet u ħadet il-miżuri meħtieġa biex issaħħaħ il-proċeduri tal-ġestjoni tal-kuntratti tagħha u timmitiga d-dgħufijiet identifikati mill-awdituri u biex tipproteġi aħjar l-interessi finanzjarji tagħha. Barra minn hekk, il-mudelli u l-linji gwida tal-proċessi tal-akkwist ġew rieżaminati sabiex jiġu evitati irregolaritajiet simili fil-futur.

2.10. ĠESTJONI AMBJENTALI

L-Aġenzija kompliet timplimenta s-sistema ta’ ġestjoni ambjentali tagħha abbażi tal-prinċipji tal-**Iskema ta’ Ġestjoni u Verifika Ambjentali** (EMAS) tal-UE u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, u rċeviet iċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS f’April 2025. L-Aġenzija ppubblikat ukoll id-***dikjarazzjoni ambjentali annwali tagħha għall-2024***, ir-*rapport annwali dwar is-sostenibbiltà*, u l-**iskeda informattiva interna dwar ir-riżultati tal-impronta tal-karbonju**.

Fl-2025, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra żdiedu b'54 %, u laħqu 7 761 tCO_2e, prinċipalment minħabba l-akkwist ta' liċenzji u hardware tal-IT, l-iżvilupp ta' binjiet ġodda tal-uffiċċji ta’ Aspire u Brussell (eż., għamara, tagħmir tal-ICT u ta' sigurtà, xogħlijiet ta' titjib). Barra minn hekk, l-eu-LISA implimentat Ċentru tad-*Data* Modulari ġdid u espandiet il-kapaċità eżistenti tal-parkeġġ. Iċ-Ċentru tad-*Data* Modulari 1 intuża wkoll b’mod aktar estensiv, flimkien max-xiri u l-użu ta’ diversi servers għall-attivitajiet ta’ qabel il-produzzjoni. L-iskjerament ta’ sistemi ġodda tal-ĠAI (sBMS, VIS, u EES) kellu wkoll impatt sinifikanti fuq l-impronta tal-karbonju tal-eu-LISA. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' strateġija ġdida tal-ICT ibbażata fuq l-adozzjoni tal-cloud u l-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi kkontribwiet ukoll għal żieda fl-emissjonijiet tal-Kamp ta’ Applikazzjoni 3 (software, materjali tal-ICT u assi fissi oħra).

2.11. VALUTAZZJONI MILL-MANIĠMENT

Il-maniġment tal-Aġenzija huwa kunfidenti b’mod raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u li dawn qed jiffunzjonaw kif maħsub, bir-riskji li huma ssorveljati u mitigati b’mod xieraq, u li diversi titjib u rinfurzar qed jiġu ssorveljati u implimentati. Fl-2025, il-maniġment iffoka fuq it-titjib tas-sistemi ta’ kontroll tal-ġestjoni, il-ġestjoni baġitarja, tal-akkwist u tal-kuntratti u mmaniġġja r-riskji ewlenin kollha. L-Aġenzija għalqet rakkomandazzjoni pendenti tal-awditu dwar l-istrateġija dwar it-tiftix ta’ sorsi ta’ provvista, fasslet pjanijiet ta’ azzjoni u bdiet timplimenta l-azzjonijiet meħtieġa biex tindirizza l-osservazzjonijiet mill-awditi u l-proċedura ta’ kwittanza.

2.12. EVALWAZZJONI ESTERNA


Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament fundatur tal-eu-LISA, il-Kummissjoni Ewropea tevalwa l-prestazzjoni tal-Aġenzija kull ħames snin. L-evalwazzjoni ġiet iffinalizzata fl-2025, u ffokat fuq il-prestazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-objettivi, il-mandat u l-kompiti tagħha. Ir-***rapport ta’ evalwazzjoni*** estern ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea f’Jannar 2026.

L-eu-LISA ħejjiet Pjan ta' Azzjoni sabiex tindirizza l-11-il rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li jirriżultaw minn din l-evalwazzjoni u tiżgura segwitu adegwat. Il-pjan ta' azzjoni propost jikkonsolida l-azzjonijiet li għaddejjin u dawk ippjanati f'diversi oqsma, inklużi l-governanza, il-mudell operatorju, l-ippjanar tal-forza tax-xogħol u l-attivitajiet tal-pjan direzzjonali tat-teknoloġija f'konformità mal-awditi eżistenti u mal-inizjattivi ta' titjib organizzazzjonali.

Rakkomandazzjonijiet	Azzjoni proposta mill-eu-LISA u l-istatus tagħha	Data tat-twassil
1. L-iżvilupp ta' mudell operatorju fil-mira sabiex jgħin lill-eu-LISA topera b'mod effettiv filwaqt li tiġġestixxi r-riskji, tieħu deċiżjonijiet malajr, u tiżgura ċarezza fir-responsabbiltajiet, b'mod partikolari, f'każ ta' inċidenti u emerġenzi.	**Għadhom għaddejja:** Il-proġett pilota għall-mudell operatorju fil-mira beda għall-VIS u għall-EES fl-2026 (inkluż tim ta' soluzzjoni orizzontali u mudell ta' appoġġ) – se jiġi estiż gradwalment għas-sistemi kollha biex jipprovdi ħarsa ċara lejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet għas-sistemi kompleti. Il-mudell operatorju fil-mira se jkopri wkoll il-ġestjoni ta' inċidenti u emerġenzi.	Q1 2027
2. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija komprensiva tar-riżorsi umani fuq perjodu ta' żmien medju	**Għadhom għaddejja:** Strateġija tar-riżorsi umani għandha tiġi finalizzata.	Q1 2027
3. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' strateġija teknoloġika fuq perjodu ta' żmien medju sa twil	**Qed jiġu ffinalizzati:** Qed jiġu żviluppati u għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija l-Pjan Direzzjonali għat-Teknoloġija u d-Direzzjonijiet tal-eu-LISA 2026–2031.	Q4 2026
4. L-implimentazzjoni ta' approċċ ta' ġestjoni tal-portafoll pluriennali	**Għadhom għaddejja:** Il-ġestjoni tal-portafoll għandha tiġi rieżaminata sal-aħħar tal-2026 għall-implimentazzjoni fl-2027.	Q4 2026
5. It-titjib tal-funzjonalitajiet tal-ippjanar tar-riżorsi, eż. permezz tal-istabbiliment ta' proċessi u l-użu ta' għodod xierqa biex tiġi indirizzata ħarsa mhux kompluta tal-allokazzjoni u l-gwida tal-persunal	**Għadhom għaddejja:** It-tfassil mill-ġdid tad-deskrizzjoni tal-proċess tal-ippjanar, bi rwoli u responsabbiltajiet ċari, skedi ta' żmien, kanali ta' komunikazzjoni u proċess ta' approvazzjoni. L-użu tal-għodda ta' ppjanar Anaplan u tar-rapporti Power BI, inkluż għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol. L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kontroll għat-tħejjija u l-approvazzjoni tal-investimenti.	Q4 2026
6. L-iskjerament ta' għodda integrata għaċ-ċiklu ta' żvilupp fl-eu-LISA kollha u l-kuntratturi biex jiġu ssimplifikati l-immaniġġjar tal-proġett u l-kollaborazzjoni, jitnaqqsu d-disturbi, jiġu ottimizzati l-flussi tax-xogħol, u tiġi żgurata r-rilevanza.	**Għadhom għaddejja:** Għodda li ilha topera mill-2024 bħala istanzi awtonomi għal sistemi differenti (EES, ETIAS) se tkompli tiġi skjerata bħala għodda ċentrali għall-Aġenzija.	Q4 2026
7. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' strateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista u esternalizzazzjoni fuq perjodu ta' żmien medju.	**Għadhom għaddejja:** It-tlestija tal-istrateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista – it-tfassil u l-approvazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni. L-implimentazzjoni għadha għaddejja b'punt ta' kontroll sal-aħħar tal-2026.	Q4 2026
8. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet eżistenti li jirrigwardaw is-servizzi legali interni	**Għadhom għaddejja:** 100 % tat-tabella tal-persunal tas-settur legali (7 FTEs). L-istabbiliment ta' unità legali ddedikata fl-2026.	Q4 2026
9. L-aġġornament tal-katalgu tas-servizz b'deskrizzjonijiet sħaħ tas-servizzi u d-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ċari għas-sidien tas-servizzi u l-maniġers.	**Għadhom għaddejja:** Ir-reviżjoni tal-katalgu tas-servizzi għadha għaddejja fl-2026 – għandha titlesta bid-deskrizzjoni sħiħa tas-servizzi, tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tas-sidien tas-servizzi u l-maniġers.	Q4 2026
10. It-titjib tal-viżibbiltà dwar l-allokazzjoni attwali tar-riżorsi, l-istatus tal-proġetti, il-proċessi, l-ostakli, in-nuqqasijiet, sabiex tkun tista' ssir diskussjoni aktar infurmata dwar il-prijoritizzazzjoni tal-proġetti, anke fil-livell politiku	**Għadhom għaddejja:** L-aġġornament ulterjuri tal-programm u tal-prattika tal-proġett. Id-definizzjoni ta' metodu effiċjenti għar-riżorsi umani kkunsmati vs ippjanati fi ħdan Programm. Il-qbil dwar mudell standard ta' rapportar għas-sistemi u l-forniment ta' rapporti regolari dwar il-baġit u l-konsum attwali lill-PMB u lill-MB.	Q1 2027

	Ir-rabta tal-konsum tal-baġit mal-istadji importanti tal-proġett.	
11. It-tnaqqis tad-dipendenza minn kuntratturi esterni, filwaqt li jkun hemm żieda fis-sjieda tal-proġett u ż-żamma tal-għarfien.	**Għadhom għaddejja:** L-implimentazzjoni tal-fabbrika tas-software sa mill-2024. L-operat attwalment tal-proġett pilota għall-Eurodac u Prüm u l-implimentazzjoni gradwali għall-iżvilupp tas-sistemi ġodda kollha. Is-Sistemi Dinamiċi tax-Xiri (DPS) ġew implimentati gradwalment (EES, sBMS, VIS sa Q4 2026).	Q4 2027

3 IKS EFEKTIVITĀTES NOVĒRTĒJUMS



3.

3.1. EFFETTIVITÀ TAL-QAFAS TA' KONTROLL INTERN

Il-proċess ta' kontroll intern jgħin lill-organizzazzjonijiet jilħqu l-objettivi u jżommu l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja, filwaqt li jirrispettaw ir-regoli u r-regolamenti. Dan jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet tajjeb, inaqqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli u jippermetti lill-maniġment jiffoka fuq objettivi operazzjonali u finanzjarji filwaqt li juża riżorsi finanzjarji f'konformità mar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, ir-regolamenti applikabbli, u l-istandards internazzjonali.

L-iżgurar tal-effettività, l-effiċjenza, l-ekonomija tal-operat, l-affidabbiltà tar-rapportar, is-salvagwardja tal-assi u l-informazzjoni, il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu ta' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet, u l-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, l-Aġenzija twettaq **il-valutazzjoni annwali tal-effiċjenza tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA** (QKI). L-Aġenzija ssorveljat b'mod diligenti l-azzjonijiet korrettivi matul is-sena kollha.

Il-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Interni (MRMIC) jappoġġa lid-Direttur Eżekuttiv fl-istabbiliment, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u r-rapportar tal-QKI. Fl-2025, ir-rwol tal-MRMIC kien f'idejn il-Kap tal-Unità għall-Istrateġija, il-Kapaċitajiet u l-Koordinazzjoni (CCU), is-Sur Philippe Harant.

3.2. KONKLUŻJONIJIET TAL-VALUTAZZJONI



Ir-riżultati tal-valutazzjoni ġenerali juru li s-sistema ta' kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, tiffunzjona u hi effettiva iżda hemm bżonn ta' xi titjib (Kategorija 2).

KRITERJI TAL-MONITORAĠĠ TAL-KONTROLL INTERN

L-awtovalutazzjoni mwettqa fl-2026 irriżultat f'94 % tal-kriterji ta' monitoraġġ tal-kontroll intern milħuqa jew parzjalment milħuqa fl-2025.

▲Tabella 5. Ħarsa ġenerali lejn l-awtovalutazzjoni tal-kriterji ta' monitoraġġ tal-kontroll intern

Kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern	2022	2023	2024	2025
Numru totali ta' indikaturi	79	79	79	79
milħuqa	56 (71 %)	62 (78 %)	68 (86 %)	69 (88 %)
milħuqa parzjalment	8 (10 %)	8 (10 %)	2 (3 %)	5 (6 %)
mhux milħuqa	15 (19 %)	9 (10 %)	9 (11 %)	5 (6 %)
mhux disponibbli	0 (0 %)	1 (1 %)	0 (0 %)	0 (0 %)

IL-PUNTI B'SAĦĦITHOM U N-NUQQASIJIET TAL-KONTROLL INTERN

Il-valutazzjoni identifikat 16-il nuqqas fil-kontroll intern: l-ebda nuqqas kbir, 7 nuqqasijiet moderati u 9 nuqqasijiet minuri (meta mqabbla ma' 11-il nuqqas fil-kontroll intern fl-2024). Matul il-valutazzjoni tal-2025, ingħalqu 6 nuqqasijiet, u ġew identifikati 10 nuqqasijiet ġodda (6 moderati u 4 minuri).

Ir-riżultati tal-valutazzjoni ġenerali tal-2025 juru li s-sistema ta' kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, tiffunzjona u hija effettiva iżda hemm bżonn ta' xi titjib (Kategorija 2).

▲Tabella 6. Valutazzjoni ġenerali tal-ħames komponenti tal-QKI

Komponent tal-kontroll intern	Riżultat għall-2026	
I Ambjent ta' kontroll	preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib	Kategorija 2
II Valutazzjoni tar-riskju	preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib	Kategorija 2
III Attivitajiet ta' kontroll	preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib	Kategorija 2
IV Informazzjoni u komunikazzjoni	preżenti u jiffunzjona tajjeb	Kategorija 1
V Attivitajiet ta' monitoraġġ	preżenti u jiffunzjona tajjeb	Kategorija 1

▲Tabella 7. Valutazzjoni dettaljata tal-komponenti tal-QKI

Komponent tal-kontroll intern	
I Ambjent ta' kontroll	
Punti b'saħħithom	**Nuqqasijiet**
— is-sorveljanza tal-maniġment, tal-MB u tal-ACFC dwar il-kontrolli interni — il-kontinwità tal-operat u s-segregazzjoni tad-dmirijiet — l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Kontroll Intern	— l-iżgurar tal-parteċipazzjoni/attendenza fil-kapaċitajiet/fis-sessjonijiet ta' taħriġ tal-etika u l-integrità — l-Istħarriġ tal-Persunal ikun ta' benefiċċju kieku kellu jitwettaq kull sena mill-perspettiva tal-QKI — l-iżvilupp ta' Mudell Operatorju ta' Mira tal-Aġenzija — id-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-forniturі ta' servizzi strutturali. — l-istabbiliment ta' rapportar trasparenti u konsistenti tal-baġit tal-programmi u l-konsum finanzjarju attwali — il-finalizzazzjoni tal-istrateġija tar-riżorsi umani
II Valutazzjoni tar-riskju	
— l-adozzjoni ta' Strateġija ta' Kontroll Intern, Strateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista, Strateġija tal-cloud, Strateġija tal-akkwist — id-disponibbiltà tar-reġistri tar-riskju fil-livell korporattiv u fl-Unitajiet kollha u s-segwitu regolari tagħhom. — l-abbozzar u l-kondiviżjoni tal-prattika tal-ġestjoni tal-proġetti mal-persunal kollu — l-istabbiliment tar-Reġistru Ċentrali tan-Nuqqasijiet u l-monitoraġġ u s-segwitu tad-difetti mill-MRMIC	— it-tisħiħ tal-kontrolli interni bl-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Frodi
III Attivitajiet ta' kontroll	
— l-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet ta' rimedju u l-għeluq ta' rakkomandazzjonijiet kritiċi tal-awditu (rata ta' implimentazzjoni ta' 100 %) — l-iżgurar tal-objettivi tas-sigurtà, tal-kontinwità tal-operat u tal-iskens tal-vulnerabbiltà tal-prestazzjoni — il-monitoraġġ, is-segwitu u r-rapportar dwar devjazzjonijiet (rapporti dwar eċċezzjonijiet u nuqqas ta' konformità) — l-adozzjoni tal-politika tal-assi tal-IT, u l-inizjazzjoni tar-reġistru tal-assi tal-IT	— id-definizzjoni tal-proċessi u tal-għodod ta' monitoraġġ/superviżjoni u rapportar tal-proġetti u tal-programmi — il-monitoraġġ tal-kost tal-kontrolli u n-nuqqas ta' monitoraġġ tal-kosteffettività tal-kontrolli — l-iffinalizzar tal-awtomatizzazzjoni sħiħa tal-Għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti — l-iffinalizzar tar-Reġistru tal-Assi tal-IT. — it-titjib tad-deskrizzjoni, tal-linji gwida, tal-istruzzjonijiet u tal-għarfien dwar il-proċess tal-ippjanar finanzjarju. — l-għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-ħtiġijiet tar-riżorsi meħtieġa għat-tiġdid tal-hardware
IV Informazzjoni u komunikazzjoni	
— ir-rieżami annwali tal-kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern — l-ittestjar ta' għodda integrata (CENTRICS) għall-kontroll intern, implimentata għall-ġestjoni tar-riskju — il-ħatra annwali ta' Persuni ta' kuntatt għall-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti (PAD) — il-mezzi ta' komunikazzjoni interni u esterni huma stabbiliti u jiffunzjonaw tajjeb	l-ebda nuqqas mhu identifikat
V Attivitajiet ta' monitoraġġ	
— ir-Reġistru Ċentrali tan-Nuqqasijiet u l-monitoraġġ sistematiku u s-segwitu regolari tal-azzjonijiet ta' rimedju.	l-ebda nuqqas mhu identifikat

- il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-materjalità tan-nuqqasijiet tlestiet u ġiet adottata formalment mill-MRMIC.
- il-konferma tal-prestazzjoni u l-affidabbiltà tal-proċessi tal-QKI tal-valutazzjoni tal-QKI kkonfermata minn awditu intern.

STRATEĠIJA KONTRA L-FRODI

F'Settembru 2025, l-eu-LISA adottat l-***Istrateġija Kontra l-Frodi 2025–2027***, u stabbiliet tliet objettivi ewlenin:

- iż-żamma ta' livell għoli ta' etika u kultura kontra l-frodi,
- it-tisħiħ tal-kapaċità biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji ta' frodi, u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi għad-detezzjoni bikrija, partikolarment fl-informazzjoni, fl-akkwist u fil-ġestjoni tal-kuntratti,
- l-iżgurar ta' integrazzjoni aħjar tal-ġestjoni tar-riskju ta' frodi fil-ġestjoni ġenerali tar-riskji tal-Aġenzija, biex jittejbu l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, id-detezzjoni bikrija tal-frodi u r-rispons.

Il-pjan ta' azzjoni għaċ-ċiklu li jmiss jiffoka fuq iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-etika, l-integrità u l-ġlieda kontra l-frodi, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-Gwida għall-Missjonijiet adottati mill-Aġenzija, il-provvista ta' garanzija dwar l-ilħuq tal-kriterji u l-indikaturi tal-kwalità fl-oqsma operazzjonali ewlenin, ir-rieżamijiet kontinwi tal-kontijiet tal-persunal u tal-utenti esterni, u l-approvazzjoni formali tal-Istrateġija ta' Kontroll. L-Aġenzija rrieżaminat u rrapportat regolarment dwar ir-riżultati lid-Direttur Eżekuttiv, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-persunal. Sal-aħħar tal-2025, l-Aġenzija kienet fit-triq it-tajba biex timplimenta l-attivitajiet ippjanati.

Sabiex il-monitoraġġ ikun aktar effiċjenti, il-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi 2025–2027 ġie integrat fis-sistema ta' monitoraġġ tal-Aġenzija għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu.

3.3. DIKJARAZZJONI TAL-MANIĠER RESPONSABBLI GĦALL-ĠESTJONI TAR-RISKJU U L-KONTROLL INTERN

Jien, is-sottoskritt,

Il-maniġer responsabbli għall-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala l-Maniġer responsabbli għall-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern, niddikjara li, f'konformità mal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, jiena rrappurtajt il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tiegħi dwar l-istat ġenerali tal-kontroll intern fl-Aġenzija lid-Direttur Eżekuttiv.

Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta f'dan ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività u fl-annessi tiegħu hija, sa fejn naf jien, preċiża, affidabbli u kompleta.

Philippe Roger René Harant


Il-maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern

[*firma elettronika kwalifikata*]

PUBLIC

PUBBLIKU

4 VADĪBAS PĀRLIECĪBA



4.

4.1. RIEŻAMI TAL-ELEMENTI LI JAPPOĠĠAW L-ASSIGURAZZJONI

ELEMENT KOSTITWENTI 1: VALUTAZZJONI MILL-MANIĠMENT

Il-maniġment tal-Aġenzija huwa kunfidenti b'mod raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u li dawn qed jiffunzjonaw kif maħsub, bir-riskji li huma ssorveljati u mitigati b'mod xieraq, u li diversi titjib u rinfurzar qed jiġu ssorveljati u implimentati. Barra minn hekk, il-maniġment tal-eu-LISA jirrikonoxxi l-ħtieġa li tinżamm l-effettività tal-QKI, b'monitoraġġ u valutazzjoni regolari tal-implimentazzjoni tiegħu, sabiex jiġi żgurat l-ilħuq tal-objettivi u l-konformità kif stabbilit fir-Regolament fundatur u fl-istrateġiji rilevanti.

Il-proċedura għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità tistabbilixxi miżuri xierqa sabiex ikun żgurat li kwalunkwe każ eċċezzjonali ta' kontrolli jew devjazzjonijiet prevalenti mill-qafas regolatorju stabbilit jiġi spjegat bir-reqqa, irreġistrat u rrapportat f'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza. L-Aġenzija tirreġistra, tissorvelja u tanalizza l-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità kollha u tiżgura s-segwitu fuq il-każijiet kollha rrapportati darbtejn fis-sena permezz ta' rapport analitiku ddedikat.

Fl-2025, ġew irreġistrati 17-il każ ta' eċċezzjonijiet u nuqqas ta' konformità f'27 rapport. Meta mqabbel mal-2024, in-numru ta' każijiet naqas b'29 %, u n-numru ta' rapporti b'34 %. In-numru ta' avvenimenti ta' eċċezzjonijiet naqas b'35 % u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità bi 33 %. Bħal fis-sena 2024, l-okkorrenza l-aktar frekwenti tal-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità kienet fil-qasam relatat mal-immaniġġjar tal-kuntratti. Il-każijiet irreġistrati kollha, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi u ta' mitigazzjoni, ġew analizzati u rieżaminati mill-maniġment tal-Aġenzija, u dan irriżulta fi pjan ta' azzjoni biex jiġu minimizzati l-okkorrenza u l-impatt tagħhom, kif ukoll għall-iżvilupp ulterjuri tal-kontrolli interni tal-eu-LISA. Ir-rapporti u l-analiżi ġew użati wkoll fil-valutazzjoni u fl-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet matul il-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI.

ELEMENT KOSTITWENTI 2: RIŻULTATI TAL-AWDITI ESTERNI

Il-QEA ħarġet id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li ġejja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

- **Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**: il-kontijiet tal-eu-LISA għas-sena 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024 (riżultati tal-operat, flussi tal-flus, bidliet fl-assi netti) f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni abbażi ta' standards tal-kontabbiltà aċċettati b'mod internazzjonali għas-settur pubbliku.
- **Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet**: id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.
- **Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**: il-pagamenti li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Il-QEA għamlet tliet osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, u osservazzjoni waħda dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li ma kkontestawx l-opinjonijiet ta' hawn fuq. L-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizza dawn l-osservazzjonijiet.

ELEMENT KOSTITWENTI 3: SEGWITU TA' RIŻERVI MINN PERJODI TA' RAPPORTAR PREĊEDENTI

Implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà (riżerva mill-2023 u l-2024): L-Aġenzija indirizzat id-dewmien fit-twassil ta' sistemi ġodda (b'mod partikolari l-EES) u rrevediet l-iskeda ta' twassil għall-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà għall-2025–2026, li ġiet approvata mill-Kunsill ĠAI f'Marzu 2025. F'Diċembru 2025, il-Kunsill ĠAI approva l-pjan direzzjonali rivedut għall-perjodu li jmiss (2027–2028), inkluż l-allinjament tal-EES u tas-SIS mal-arkitettura tal-interoperabbiltà, l-introduzzjoni tal-MID, id-dħul fis-seħħ tar-

router ta' Prüm, u l-operazzjonalizzazzjoni usa' tal-arkitettura tal-interoperabbiltà fl-2028. L-elementi li fadal ta' din il-fażi – il-VIS riveduta u l-EU VAP – ġew iffinalizzati u approvati mill-Kunsill ĠAI f'Marzu 2026.

Filwaqt li fl-2025, l-Aġenzija żgurat id-dħul fis-seħħ b'suċċess tal-VIS għall-EES u l-sBMS fid-19 u l-20 ta' Mejju u bdiet id-dħul progressiv fl-operat tal-EES fit-12 ta' Ottubru 2025, il-PK tas-SIK ma daħlitx fis-seħħ f'Diċembru 2025, u l-prontezza teknika tal-ECRIS-TCN ma ntlaħqitx sal-aħħar tal-2025.

Il-pjan direzzjonali bħalissa qiegħed jiġi vvalutat.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet (riżerva mill-2023 u l-2024): L-Aġenzija ħadet diversi azzjonijiet strateġiċi biex issaħħaħ aktar il-proċessi tagħha, inklużi l-akkwist, u żgurat strutturar strateġiku u kontroll akbar:

- l-adozzjoni ta' strateġija dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista biex jiġi żgurat approċċ komprensiv għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol u biex isir progress lejn kontroll aktar granulari u dirett mill-attivitajiet tal-eu-LISA, li jiffoka fuq l-internalizzazzjoni tal-kapaċitajiet ewlenin u l-ibbilanċjar aħjar tan-numru ta' persunal bil-kapaċitajiet meħtieġa u n-numru ta' riżorsi umani esternalizzati,
- id-definizzjoni ta' strateġija ta' akkwist li tippermetti l-eżekuzzjoni tal-ippjanar operazzjonali u tiżgura tranżizzjoni bla xkiel mill-arranġamenti kuntrattwali eżistenti, u ppjanar ta' akkwist imtejjeb,
- it-titjib tal-governanza tal-proċess ta' akkwist, u l-preżentazzjoni f'waqtha ta' proċeduri ewlenin ta' akkwist lill-maniġment superjuri għall-monitoraġġ strateġiku u l-orjentazzjoni.

Bħala riżultat tat-titjib kontinwu, l-eu-LISA rċeviet opinjoni pożittiva mill-QEA għas-sena finanzjarja 2024. L-Aġenzija tistenna li tagħlaq numru sinifikanti ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħ maħruġa mill-QEA mis-snin preċedenti.

Sistema awtomatizzata għall-ġestjoni tal-liċenzji tal-IT (riżervazzjoni mill-2024): Sabiex tiżgura monitoraġġ xieraq u sistematiku tal-użu tal-liċenzji tal-IT u t-tiġdid tagħhom, l-eu-LISA stabbiliet politika tal-ġestjoni tal-assi tal-IT u bdiet timplimenta r-Reġistru tal-Ġestjoni tal-Assi tal-IT u tistabbilixxi l-proċessi rilevanti. L-Aġenzija kompliet iżżid il-kontroll tagħha fuq it-teknoloġija u l-kontrolli tagħha għas-sigurtà tal-IT.


KONKLUŻJONIJIET

Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-Kapitlu 3, il-valutazzjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda dgħufija sinifikanti fil-kontrolli interni li jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Il-QEA għamlet ukoll osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni, is-sistemi ta' kontroll u l-ġestjoni baġitarja, li ma kkontestawx l-opinjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħ relatati mal-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-linji gwida u l-proċeduri tagħha dwar l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti.

4.2. RIŻERVI

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ma ħareġ l-ebda riżerva jew dgħufija sinifikanti li tista' tkun ta' ħsara għall-interessi tal-Aġenzija jew tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

5 TICAMĪBAS DEKLARĀCIJA



PARTI V: DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI

Aħna, is-sottoskritti,

Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala Uffiċjal Awtorizzanti mill-1 ta' Jannar 2025 sal-30 ta' Settembru 2025,

u

Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala Uffiċjal Awtorizzanti mill-1 ta' Ottubru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025,

Nikkonfermaw li ma aħniex konxji ta’ kwalunkwe dgħufija li tista’ tkun ta’ dannu għall-interessi tal-Aġenzija jew tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Fil-kunsiderazzjoni ta' żviluppi interni jew esterni kbar, nixtiequ nsemmu:

- il-Viċi Direttur Eżekuttiv kien qed jaġixxi bħala Direttur Eżekuttiv *ad interim* mis-16 ta’ Awwissu 2024 sat-30 ta’ Settembru 2025,
- il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Tillmann Keber, li beda l-kariga tiegħu fl-1 ta’ Ottubru 2025,
- id-dħul fis-seħħ gradwali u b’suċċess tas-sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) fit-12 ta’ Ottubru 2025, li tlestiet fl-10 ta’ April 2026,
- id-dħul fis-seħħ b'suċċess tas-sBMS fid-19 u fl-20 ta' Mejju 2025,
- id-dħul fis-seħħ b’suċċess ta' VIS għall-EES fid-19 u fl-20 ta' Mejju 2025,
- l-opinjoni mhux kwalifikata maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2024.

Din l-assigurazzjoni hija bbażata fuq il-ġudizzju tagħna stess u fuq l-informazzjoni li bħalissa għandna għad-dispożizzjoni tagħna.

Marili Männik

Viċi Direttur Eżekuttiv


[*firma elettronika kwalifikata*]

Tillmann Keber

Direttur Eżekuttiv

[*firma elettronika kwalifikata*]

PIELIKUMI



ANNESS I: STATISTIĊI EWLENIN TAN-NEGOZJU

TMEXXIJA OPERATTIVA TAS-SISTEMI TA' INFORMAZZJONI TAL-ĠAI

Disponibbiltà tas-sistema ċentrali	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[3] Eurodac	🟡	🔴	🟡	99,97 %	🟡 Parzjalment kif ippjanat
[6] SIS	🟡	🟡	🟡	99,92 %	🟡 Parzjalment kif ippjanat
[8] VIS	🟡	🟡	🟡	99,78 %	🟡 Parzjalment kif ippjanat

🟢 ≥99,99 %
🟡 >99,99 % għal ≥99,50 %
🔴 <99,50 %

Sors: Sommarju tar-Rapport dwar id-Disponibbiltà tal-FLS u s-Sistema Ċentrali għas-sena 2025

Ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[4] Eurodac	🟢	🟢	🟢	99,99 %	🟢 Kif ippjanat
[7] SIS	🟡	🟢	🟢	99,50 %	🟢 Kif ippjanat
[9] VIS	🟡	🟡	🟡	99,92 %	🟡 Parzjalment kif ippjanat

🟢 ≥99,45 % [4], ≥99,5 % [7], 100 % [9]
🟡 >99,45 % sa ≥90 % [4], >99,5 % sa ≥99 % [7], >100 % sa ≥90 % [9]

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi

Disponibbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
Disponibbiltà tal-WAN (għas-SIS u għall-VIS)	🟢	🟢	🟢	99,99 %	🟢 Kif ippjanat

🟢 ≥99,99 %

Sors: Rapport dwar id-disponibbiltà ta' TESTA-ng

APPOĠĠ OPERAZZJONALI, TAĦRIĠ U SIGURTÀ

Taħriġ lill-Istati Membri	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[16] Sodisfazzjon bl-avvenimenti ta' taħriġ	🟢	🟢	🟢	5,34	🟢 Kif ippjanat

🟢 punteġġ medju >4 (fuq skala ta' 1-6)

Sors: Tabella għall-ippjanar u r-rapportar tat-taħriġ tal-Istati Membri

Ċentru ta' appoġġ għall-operat	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[19] Sodisfazzjon tal-klijent	🟢	🟢	🟢	96,4 %	🟢 Kif ippjanat
[20] Prestazzjoni tas-*Service Desk* tal-eu-LISA	🟢	🟢	🟢	90 %	🟢 Kif ippjanat

🟢 ≥80 % tal-utenti finali sodisfatti jew sodisfatti ħafna [19]
🟢 ≥75 % prestazzjoni tas-servizz tas-*service desk* [20]

Sors: Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti; Rapport dwar il-prestazzjoni tas-*Service Desk*

Sigurtà u kontinwità tal-operat	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
(1) Objettivi tas-sigurtà implimentati	🟢	🟢	🟢	100 %	🟢 Kif ippjanat
[2] Eżerċizzji ta' sigurtà u kontinwità tal-operat	🟢	🟢	🟢	3	🟢 Kif ippjanat

🟢 100 % tal-objettivi [1]
🟢 2 eżerċizzji annwali ta' emerġenza, sigurtà u kontinwità tal-operat [2]

Sors: Dashboard ta' garanzija tas-sigurtà

GOVERNANZA U APPOĠĠ KORPORATTIV

Il-Kapaċità ta' Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA tiġi ssimplifikata b'mod regolari biex jiġi żgurat l-allinjament mal-mandat u l-objettivi tal-Aġenzija, u tkun lesta biex tintegra l-aħjar prattiki u approċċi tal-industrija tal-IT meta jkun meħtieġ. Fl-2025, ġiet ippreżentata prattika ġdida ta' ġestjoni tal-proġetti lill-Kumitat tal-Ġestjoni u ġiet applikata mill-aħħar tas-sena. B'riżultat ta' dan, il-KPIs korporattivi relatati (valutazzjoni tal-proġetti u ġestjoni tal-proġetti) ma setgħux jiġu rrapportati, u se jiġu sostitwiti b'metrika ġdida fl-2026 fis-sett il-ġdid ta' KPIs korporattivi adottat mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2025.

Rakkomandazzjonijiet tal-awditu	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[23A] Implimentati fl-iskadenzi stipulati					
— kritiċi	-	🟢	🟢	-	🟢 **Kif ippjanat**
— importanti ħafna	🔴	🔴	🟢	100 %	🟢 **Kif ippjanat**
— importanti	🔴	🟢	🟢	100 %	🟢 **Kif ippjanat**
[23B] In-numru u kemm ilhom ir-rakkomandazzjonijiet pendenti					
— inqas minn 6 xhur	🟡	🟢	🟢	0	🟢 **Kif ippjanat**
— 6 xhur sa sena	🟢	🟢	🟢	0	🟢 **Kif ippjanat**
— aktar minn sena	🔴	🔴	🟢	1	🟢 **Kif ippjanat**

🟢 [A]:
100 % (kritiċi),
≥90 % (importanti ħafna),
≥80 % (importanti)

🟢 [B]:
≤4 (suppost diġà saru b'inqas minn 6 xhur),
≤2 (suppost diġà saru b'bejn 6 xhur u sena),
≤1 (suppost diġà saru b'aktar minn sena)

Sors: Rapport tal-attività tal-IACS

Ġestjoni ambjentali	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[15] Impronta tal-karbonju	-	🔴	🔴	7 761	🔴 **Taħt il-mira**

🟢 emissjonijiet ta' CO2 aktar baxxi meta mqabbla mas-sena l-oħra (tCO_2eq)

Sors: Dikjarazzjoni ambjentali

Mill-2023, l-eu-LISA użat pjattaforma ddedikata għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' GHG, li tejbet il-preċiżjoni tar-riżultati. Barra minn hekk, preċedentement l-emissjonijiet relatati mal-liċenzji tas-software kienu sottovalutati. Fl-2025, il-kalkolu jinkludi l-binja l-ġdida tal-uffiċċju, iċ-ċentru tad-*data* modulari, żieda fil-kapaċità u liċenzji tas-software. L-impronta tal-karbonju tal-eu-LISA meta mqabbla mal-2023: Kamp ta' applikazzjoni 1 (1 % vs 3 % fl-2023): tnixxija tar-refriġerant ta' gass refriġerant fis-sit ta' Strażburgu fl-2025. Kamp ta' applikazzjoni 2 (11 % vs 21 % fl-2023): konsum tal-elettriku, tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-fjuwil distrettwali. Kamp ta' applikazzjoni 3 (89 % vs 76 % fl-2023): software, materjali tal-ICT u assi fissi oħra (apparati ta' sigurtà, għamara u xogħlijiet).

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[10] Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti	🔴	🟡	🔴	4 %	🟢 **Kif ippjanat**
[11] Implimentazzjoni tal-impenji baġitarji	🟢	🟢	🟢	100 %	🟢 **Kif ippjanat**
[12] Implimentazzjoni tal-pagamenti	🔴	🟢	🟢	98 %	🟢 **Kif ippjanat**
[14] Pagamenti li tħallsu sal-iskadenzi statutorji	🟢	🟢	🟢	89,2 %	🟡 **Parzjalment kif ippjanat**

🟢 <5% [10], >95% [11, 12], >90% [14]

Sors: Maħżen tad-*data* ABAC

Akkwist	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[17] Effiċjenza tal-proċess tal-akkwist	🟢	🟢	🟢	0 %	🟢 **Kif ippjanat**
[18] Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni	🟢	🟢	🟢	66 %	🟢 **Kif ippjanat**

🟢 <25 % [17], >60 % [19]

Sors: Rapport dwar l-akkwisti

Ġestjoni tar-riżorsi umani	2022	2023	2024	31 ta' Diċembru 2025	
[13] Il-proporzjon tar-riżorsi amministrattivi vs dawk operazzjonali					
— amministrattiv	🟢	🟡	🟢	20,7 %	🟢 **Kif ippjanat**

🟢 [13]: 20 % vs 70 %

🟢 [24] <15-il ġurnata ta' mard għal kull impjegat, <10 % fuq liv minħabba mard fit-

— operazzjonali	🟢	🟡	🟢	68,4 %	🟢 Kif ippjanat
[24] Rata annwali ta' assenteiżmu					
— numru medju ta' jiem ta' mard	🟢	🟢	🟢	5,9	🟢 Kif ippjanat
— liv minħabba mard fit-tul	🟢	🟢	🟢	5,5 %	🟢 Kif ippjanat
— ma ħadux liv minħabba mard	🟢	🟢	🟢	49 %	🟢 Kif ippjanat
[25] Dawran tal-persunal	🔴	🟢	🟡	4,8 %	🟢 Kif ippjanat
[26] Rata ta' okkupanza	🔴	🟡	🟡	94,5 %[29]	🟢 Kif ippjanat
[27] Żamma tat-talenti	🟢	🟢	🟢	1,3 %	🟢 Kif ippjanat
[28] Involviment tal-persunal	🟢	🟢	🟡	3,7	🟢 Kif ippjanat

tul, >15 % ma ħadux liv minħabba mard

🟢 [25] ≤5 %
🟢 [26] >94 %
🟢 [26] >0
🟢 [28] ≥3,7

Sors: Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-persunal 2025, bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti minn SYSPER, *data* ta' valutazzjoni iLearn, Stħarriġ dwar l-involviment

Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati	**2022**	**2023**	**2024**	**31 ta' Diċembru 2025**	
[29] Impatt tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA					
— media soċjali	🟢	🟢	🟢	**+4 199 (LinkedIn)** **+609 (Facebook)** **+89 (Youtube)**	🟢 Kif ippjanat
— sodisfazzjon bl-avvenimenti	🟡	-	-	**95 %**	🟢 Kif ippjanat
— rata ta' parteċipazzjoni	🟢	-	-	**149 %**[30]	🟢 Kif ippjanat
[30] L-impatt tal-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA					
— rata ta' parteċipazzjoni	🟢	🟢	🟢	**80 %**	🟢 Kif ippjanat
— sodisfazzjon	🟡	🟢	🟢	**93 %**	🟢 Kif ippjanat

🟢 [29]: +200 segwaċi għal kull pjattaforma fis-sena, >90 % sodisfazzjon bl-avvenimenti ta' involviment, >95 % rata ta' parteċipazzjoni

🟢 [30]: >70 % sodisfazzjon bil-kanali u l-attivitajiet interni għall-persunal, >51 % rata ta' parteċipazzjoni

Sors: analitika tal-web u tal-media soċjali, konferenza annwali, Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon

[29] In-numru jinkludi l-offerti ta' impjieg ippubblikati – mingħajr l-offerti ta' impjieg ippubblikati, ir-rata ta' okkupanza hija 88,2 %
[30] Kien mistenni li jkunu 200 parteċipanti (fuq il-post u online), imma 299 ingħaqdu.

ANNESS II: STATISTIKI DWAR IL-ĠESTJONI FINANZJARJA

BAĠIT INIZJALI, TRASFERIMENTI U BAĠITS EMENDATORJI (C1)

f'miljuni ta' EUR

Kapitolu tal-baġit		Approprjazzjonijiet ta' impenji				Approprjazzjonijiet ta' pagamenti			
		Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali
A-11	Salarji u allowances	53,784	-8,346		45,438	53,784	-8,346		45,438
A-12	Nefqa relatata mar-reklutaġġ	0,840	-0,405		0,435	0,840	-0,405		0,435
A-13	Spejjeż ta' missjonijiet	0,560	0,044		0,604	0,560	0,044		0,604
A-14	Infrastruttura soċjomedika	1,897	0,579		2,476	1,897	0,579		2,476
A-15	Taħriġ għall-persunal	1,300	-0,439		0,861	1,300	-0,439		0,861
Titolu 1: Nefqa tal-persunal		**58,381**	**-8,567**		**49,814**	**58,381**	**-8,567**		**49,814**
A-20	Nefqa fuq il-bini	11,996	-2,581		9,415	11,996	-2,581		9,415
A-21	IT Korporattiva u telekomunikazzjoni	7,059	0,699		7,758	7,059	0,699		7,758
A-22	Proprjetà mobbli u kostijiet assoċjati	0,950	-0,282		0,668	0,950	-0,282		0,668
A-23	Nefqa amministrattiva attwali	1,774	0,449		2,223	1,774	0,449		2,223
A-25	Bord tat-Tmexxija	0,813	-0,206		0,607	0,813	-0,206		0,607
A-26	Informazzjoni u pubblikazzjonijiet	1,450	0,573		2,023	1,450	0,573		2,023
A-27	Servizzi ta' appoġġ estern	8,706	0,079		8,785	8,706	0,079		8,785
A-28	Sigurtà	3,859	1,690		5,549	3,859	1,690		5,549
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja		**36,607**	**0,423**		**37,030**	**36,607**	**0,423**		**37,030**
B3-0	Infrastruttura	55,973	-7,640		48,333	41,103	13,890		54,993
B3-1	Affarijiet Interni	138,346	11,981		150,327	133,617	-6,093	47,000	174,524
B3-2	Ġustizzja	5,752	5,211		10,963	5,487	2,961		8,448
B3-8	Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	15,923	-1,407		14,516	15,923	-2,614		13,309
Titolu 3: Nefqa operazzjonali		**215,994**	**8,145**		**224,139**	**196,130**	**8,145**	**47,000**	**251,275**
Total		**310,982**	**0,000**		**310,982**	**291,118**	**0,000**		**338,118**

DIŻIMPENJI TAL-IMPENJI BAĠITARJI FL-2025 SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI

f'miljuni ta' EUR

Kapitolu	Artikolu tal-Baġit	2019	2020	2021	2022	2023	2024	Total
Infrastruttura	infrastruttura ta' sistema kondiviża		-0,006		-0,069	-0,023	-0,255	**-0,353**
	sit ta' *backup* – kostijiet operazzjonali						-0,012	**-0,012**
	networks					-0,016	-0,078	**-0,094**

Affarijiet interni	SIS					-0,089	-0,106	**-0,194**
	VIS					-0,068	-0,484	**-0,552**
	EES	-1,709	-3,868	-0,826	-0,151	-0,357	-0,278	**-7,189**
	ETIAS		-0,145	-0,132	-0,489	-0,076	-0,192	**-1,034**
	Eurodac						-0,025	**-0,025**
	Interoperabbiltà		0,000	-0,006	-0,171	-0,255	-0,009	**-0,442**
Ġustizzja	ECRIS RI u ECRIS-TCN			-0,068		-0,078	-0,003	**-0,149**
	e-CODEX					-0,424		**-0,424**
Appoġġ operazzjonali	appoġġ operazzjonali				-0,080	-0,006	-0,396	**-0,482**
Total		**-1,709**	**-4,019**	**-1,032**	**-0,960**	**-1,392**	**-1,838**	**-10,949**

IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT (C1)

f'miljuni ta' EUR

Titolu tal-baġit	Approprjazzjonijiet ta' impenji			Approprjazzjonijiet ta' pagamenti		
	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%
Titolu 1: Nefqa tal-persunal	**49,814**	**49,814**	**100 %**	**49,814**	**49,814**	**100 %**
Ii minnu implimentat		49,814	100 %		49,519	99,4 %
Ii minnu b'riport awtomatiku		-	-		0,294	0,6 %
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja	**37,030**	**37,029**	**100 %**	**37,030**	**37,029**	**100 %**
Ii minnu implimentat		37,029	100 %		29,260	79 %
Ii minnu b'riport awtomatiku		-	-		7,770	21 %
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	**224,139**	**224,139**	**100 %**	**251,275**	**251,275**	**100 %**
Ii minnu implimentat		224,139	100 %		251,275	100 %
TOTAL	**310,982**	**310,982**	**100 %**	**338,118**	**338,118**	**100 %**
Ii minnu implimentat		310,982	100 %		330,054	97,6 %
Ii minnu b'riport awtomatiku		-	-		8,064	2,4 %

IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT MINN SORSI TA' FINANZJAMENT OĦRA

Barra mis-sussidju tal-UE (C1), l-Aġenzija implimentat approprjazzjonijiet:

- minn dħul assenjat intern (sors ta' finanzjament C4 u C5);
- ir-riport ta' impenji (differenzjati fit-Titolu 3 u mhux differenzjati fit-Titoli 1 u 2 u l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti korrispondenti (mhux differenzjati biss) mis-snin preċedenti (sors C8),[31]
- minn dħul assenjat estern, bħala kontribuzzjoni mill-pajjiżi assoċjati ma' Schengen skont l-Artikolu 46(3)(b) tar-Regolament fundatur u mill-Kummissjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK skont ir-Regolament (UE) 2023/969 (sors ta' finanzjament R0). it-Titolu 3 biss).[32]

f'miljuni ta' EUR

[31] Meta jsiru impenji fir-rigward ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati u l-ammonti korrispondenti ma jkunux tħallsu kompletament, l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti korrispondenti jiġu riportati awtomatikament għas-sena finanzjarja li jmiss biss. F'dan il-każ, is-sors tal-fond jinbidel minn C1 għal C8. L-approprjazzjonijiet jiġu riportati għas-sena ta' wara u l-impenji korrispondenti jiġu riportati. Fil-każ ta' approprjazzjonijiet differenzjati li l-ammonti impenjati għalihom ma jkunux tħallsu, l-impenji jiġu riportati awtomatikament, bħalma huma l-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti (sors ta' finanzjament C8). L-approprjazzjonijiet ta' pagamenti, min-naħa l-oħra, mhumiex riportati, u se jkollhom jinstabu sorsi oħrajn ta' finanzjament għas-sena ta' wara (sors ta' finanzjament C1).

[32] Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern (tas-sena u riportati).

Titolu tal-baġit	Sors ta' finanzjament	Approprjazzjonijiet ta' impenji			Approprjazzjonijiet ta' pagamenti		
		Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%	Ibbaġitjat	Ikkunsmat[33]	%
Titolu 1: Nefqa tal-persunal	C1	45,659	45,659	100 %	49,814	49,519	99,4 %
	C8	0,462	0,366	79,3 %	0,462	0,366	79,3 %
Sottototali		**46,121**	**46,025**	**99,8%**	**50,276**	**49,886**	**99,2 %**
Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja	C1	37,030	37,029	100 %	37,030	29,260	79 %
	C4	0,004	0,004	100 %	0,004		100 %
	C5	0,450	0,450	100 %	0,450		98,8 %
	C8	C8	6,430	6,256	97,3 %	6,430	6,256
Sottototali		**43,913**	**43,739**	**99,6 %**	**43,913**	**35,964**	**81,9 %**
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	C1	224,139	224,139	100 %	251,275	251,275	100 %
	C5	0,027	0,027	100 %	0,027	0,027	100 %
	C8	384,552	373,603	97,2 %			
	R0	118,313	97,442	82,4 %	118,313	62,684	53,0 %
Sottototali		**727,031**	**695,210**	**95,6 %**	**369,615**	**313,986**	**84,9 %**
Total		**817,065**	**784,975**	**96,1 %**	**463,804**	**399,836**	**86,2 %**

SOMMARJU TA' TRASFERIMENTI BAĠITARJI

L-Aġenzija wettqet **30 trasferiment baġitarju intern**[34] biex tiżgura allokazzjoni baġitarja ottimali tal-approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti, b'mod partikolari, biex tagħmel approprjazzjonijiet disponibbli għall-impenji u l-pagamenti biex tissodisfa l-obbligi kuntrattwali relatati mal-iżvilupp tas-SIS, tal-VIS, tal-EES u tal-ECRIS-TCN, kif ukoll interoperabbiltà u servizzi ta' appoġġ operazzjonali oħra.

It-trasferimenti aggregati l-aktar sinifikanti kienu dwar:

- it-tfaddil u l-ottimizzazzjonijiet minn Titoli 1 u 2 (nefqa amministrattiva) għal Titolu 3 (nefqa operazzjonali): EUR 8 144 648;
- it-tisħiħ tal-linja baġitarja tal-EES biex tiġi akkomodata t-tlestija tal-koperturi kuntrattwali għad-dħul fis-seħħ progressiv fit-12 ta' Ottubru: EUR 37 241 184;
- ir-riallokazzjoni ta' fondi mil-linja baġitarja tal-Eurodac minħabba l-iskeda ta' attivitajiet għall-Eurodac il-ġdida u l-miżuri adottati mill-Aġenzija fiċ-ċiklu tal-iżvilupp tas-software: EUR 36 026 782.

f'EUR

Titolu tal-baġit		Titolu 1: Nefqa tal-persunal		Titolu 2: Nefqa infrastrutturali u operatorja		Titolu 3: Nefqa operazzjonali	
Le	Referenza	Approprjazzjoni jiet ta' impenji	Approprjazzjoni jiet ta' pagamenti	Approprjazzjoni jiet ta' impenji	Approprjazzjoni jiet ta' pagamenti	Approprjazzjoni jiet ta' impenji	Approprjazzjoniji et ta' pagamenti
1	LIS.7236					fi ħdan it-titolu	
2	LIS.7269	fi ħdan it-titolu		fi ħdan it-titolu			
3	LIS.7308					fi ħdan it-titolu	
4	LIS.7375					fi ħdan it-titolu	
5	LIS.7358					fi ħdan it-titolu	
6	LIS.7382	-1 660 000	-1 660 000	1 660 000	1 660 000		
7	LIS.7386					fi ħdan it-titolu	

[33] Għal Titolu 3 C1, EUR 38,389 miljun jirreferu għall-pagamenti ta' impenji tas-sena. Il-bqija, li jammontaw għal EUR 212,885 miljun intużaw biex ikopru impenji minn snin preċedenti.

[34] It-trasferimenti kollha saru skont l-Artikolu 26(1) tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

8	LIS.7405	-90 000	-90 000	90 000	90 000		
9	LIS.7435	fi ħdan it-titolu		fi ħdan it-titolu			
	LIS.7436			fi ħdan it-titolu			
	LIS.7439			fi ħdan it-titolu			
10	LIS.7443					fi ħdan it-titolu	
11	LIS.7486					fi ħdan it-titolu	
12	LIS.7498	-240 000	-240 000	240 000	240 000		
13	LIS.7513						fi ħdan it-titolu
	LIS.7517					fi ħdan it-titolu	
14	LIS.7527						fi ħdan it-titolu
	LIS.7528					fi ħdan it-titolu	
15	LIS.7540	-1 201 000	-1 201 000	1 201 000	1 201 000		
16	LIS.7569	-2 500 000	-2 500 000			2 500 000	2 500 000
	LIS.7571					fi ħdan it-titolu	
17	LIS.7597						fi ħdan it-titolu
	LIS.7598					fi ħdan it-titolu	
18	LIS.7628	fi ħdan it-titolu		fi ħdan it-titolu			
19	LIS.7631					fi ħdan it-titolu	
	LIS.7635					fi ħdan it-titolu	
20	LIS.7654	fi ħdan it-titolu		fi ħdan it-titolu			
21	LIS.7666	fi ħdan it-titolu					
22	LIS.7663						fi ħdan it-titolu
23	LIS.7676			fi ħdan it-titolu			
24	LIS.7681					fi ħdan it-titolu	
	LIS.7682					fi ħdan it-titolu	
25	LIS.7713			fi ħdan it-titolu			
26	LIS.7715	-2 773 421	-2 773 421	-1 783 083	-1 783 083	4 556 504	4 556 504
27	LIS.7742			fi ħdan it-titolu			
	LIS.7743			fi ħdan it-titolu			
28	LIS.7748	-99 181	-99 181	-952 049	-952 049	1 051 230	1 051 230
29	LIS.7751						fi ħdan it-titolu
30	LIS.7761	-3 604	-3 604	-33 310	-33,310	36 914	36 914
Total		**-8 567 206**	**-8 567 206**	**422 558**	**422 558**	**8 144 648**	**8 144 648**

LISTA DETTALJATA TAT-TRASFERIMENTI BAĠITARJI (IS-SORSI KOLLHA TAL-FONDI)

f'EUR

Le	Referenza	Data	Linja bağitarja	Approprjazzjonijiet ta' impenji	Approprjazzjonijiet ta' pagamenti
1	**LIS.7236**	**24/01/2025**	B03111 EES	0,00	5 000 000,00
			B03112 ETIAS	0,00	5 000 000,00
			B03120 Eurodac	0,00	-16 000 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	5 000 000,00
			B03200 ECRIS	0,00	1 000 000,00
			B03801 Test u tranżizzjoni	0,00	167 000,00

			B03810 Appoġġ estern	-400 000,00	-567 000,00
			B03811 Konsulenzi u studji	400 000,00	400 000,00
2	**LIS.7269**	**12/02/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-775 000,00	-775 000,00
			A01402 Skola Ewropea	775 000,00	775 000,00
			A02000 Nefqa fuq il-bini	-600 000,00	-600 000,00
			A02200 Tagħmir tal-uffiċċju u servizzi loġistiċi	100 000,00	100 000,00
			A02220 Dokumentazzjoni u nefqa tal-librerija	-400 000,00	-400 000,00
			A02800 Sigurtà korporattiva	900 000,00	900 000,00
3	**LIS.7308**	**06/03/2025**	B03010 Networks fuq żona wiesgħa	0,00	9 000 000,00
			B03110 VIS	0,00	1 500 000,00
			B03111 EES	0,00	15 000 000,00
			B03120 Eurodac	-1 500 000,00	-29 300 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	2 000 000,00
			B03200 ECRIS	1 500 000,00	1 500 000,00
			B03201 e-CODEX	0,00	300 000,00
4	**LIS.7375**	**11/04/2025**	A02000 Nefqa fuq il-bini	5 145 920,94	5 145 920,94
			B03800 Sigurtà tas-sistema u kontinwità tal-operat	-2 572 960,47	-2 572 960,47
			B03810 Appoġġ estern	-2 572 960,47	-2 572 960,47
5	**LIS.7358**	**04/04/2025**	B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	-3 688 153,00	0,00
			B03100 SIS	1 026 599,00	0,00
			B03102 API-PNR	0,00	-3 050 000,00
			B03110 VIS	2 053 199,00	5 000 000,00
			B03111 EES	11 230 000,00	0,00
			B03120 Eurodac	-11 121 645,00	-2 000 000,00
			B03200 ECRIS	500 000,00	0,00
6	**LIS.7382**	**16/04/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-1 660 000,00	-1 660 000,00
			A02100 Teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u tal-komunikazzjoni	760 000,00	760 000,00
			A02220 Dokumentazzjoni u nefqa tal-librerija	-100 000,00	-100 000,00
			A02800 Sigurtà korporattiva	1 000 000,00	1 000 000,00
7	**LIS.7386**	**08/05/2025**	B03010 Networks fuq żona wiesgħa	-10 000 000,00	0,00
			B03102 API-PNR	0,00	-875 000,00
			B03110 VIS	5 000 000,00	0,00
			B03111 EES	10 000 000,00	0,00
			B03120 Eurodac	-10 000 000,00	-4 875 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	5 000 000,00	5 000 000,00
			B03800 Sigurtà tas-sistema u kontinwità tal-operat	0,00	750 000,00
8	**LIS.7405**	**20/05/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-140 000,00	-140 000,00
			A01400 Eżami mediku annwali	50 000,00	50 000,00
			A02000 Nefqa fuq il-bini	-840 000,00	-840 000,00
			A02100 Teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u tal-komunikazzjoni	300 000,00	300 000,00
			A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn	240 000,00	240 000,00
			A02331 Tariffi u drittijiet fuq ir-riżorsi umani	90 000,00	90 000,00
			A02800 Sigurtà korporattiva	300 000,00	300 000,00

9	**LIS.7435**	**17/06/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-2 275 000,00	-2 275 000,00
			A01110 Salarji u gratifiki tas-CA	2 000 000,00	2 000 000,00
			A01120 Benefiċċji tal-SNEs u tat-trainees	275 000,00	275 000,00
			A02000 Nefqa fuq il-bini	-192 000,00	-192 000,00
			A02200 Tagħmir tal-uffiċċju u servizzi loġistiċi	165 000,00	165 000,00
			A02500 Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija	27 000,00	27 000,00
	LIS.7439		A02200 Tagħmir tal-uffiċċju u servizzi loġistiċi	-450 000,00	-450 000,00
			A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn	450 000,00	450 000,00
10	**LIS.7443**	**25/06/2025**	B03010 Networks fuq żona wiesgħa	0,00	-1 800 000,00
			B03100 SIS	0,00	2 160 000,00
			B03101 Prüm	0,00	-3 000 000,00
			B03110 VIS	0,00	3 920 000,00
			B03111 EES	0,00	670 000,00
			B03120 Eurodac	-1 550 000,00	-2 290 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	1 970 000,00
			B03200 ECRIS	1 550 000,00	0,00
			B03810 Appoġġ estern	0,00	-1 630 000,00
11	**LIS.7486**	**10/07/2025**	B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	0,00	-2 300 000,00
			B03002 Sit ta' *backup* – kostijiet operazzjonali	250 000,00	0,00
			B03100 SIS	0,00	-220 000,00
			B03101 Prüm	0,00	-550 000,00
			B03111 EES	0,00	7 600 000,00
			B03112 ETIAS	0,00	-1 080 000,00
			B03120 Eurodac	0,00	-580 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	1 850 000,00
			B03200 ECRIS	0,00	60 000,00
			B03802 Taħriġ għall-Istati Membri	-250 000,00	-1 000 000,00
			B03810 Appoġġ estern	0,00	-3 130 000,00
			B03820 Gruppi Konsultattivi	0,00	-650 000,00
			B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	0,00	-2 300 000,00
12	**LIS.7498**	**11/07/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-240 000,00	-240 000,00
			A02320 Spejjeż legali	-35 000,00	-35 000,00
			A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ	275 000,00	275 000,00
13	**LIS.7513**	**30/07/2025**	B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	0,00	1 900 000,00
			B03100 SIS	0,00	-1 450 000,00
			B03112 ETIAS	0,00	-2 000 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	1 550 000,00
	LIS.7517		B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	241 869,43	241 869,43
			B03120 Eurodac	-3 857 900,05	-3 857 900,05
			B03130 Interoperabbiltà	3 616 030,62	3 616 030,62
14	**LIS.7527**	**11/08/2025**	B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	0,00	35 000,00
			B03010 Networks fuq żona wiesgħa	0,00	-1 180 000,00
			B03111 EES	0,00	495 000,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	650 000,00

	LIS.7528		B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	2 866 523,62	2 866 523,62
			B03100 SIS	-2 866 523,62	-2 866 523,62
15	**LIS.7540**	**26/08/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-1 201 000,00	-1 201 000,00
			A02600 Informazzjoni u pubblikazzjonijiet	500 000,00	500 000,00
			A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ	701 000,00	701 000,00
			B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	-445 449,58	560 000,00
			B03002 Sit ta' *backup* – kostijiet operazzjonali	445 449,58	-560 000,00
			B03010 Networks fuq żona wiesgħa	0,00	-600 000,00
			B03111 EES	0,00	565 000,00
			B03120 Eurodac	0,00	-811 800,00
			B03130 Interoperabbiltà	0,00	715 000,00
			B03200 ECRIS	0,00	131 300,00
			B03801 Test u tranżizzjoni	0,00	500,00
16	**LIS.7569**	**26/09/2025**	A01100 Salarji u gratifiki tat-TA	-2 500 000,00	-2 500 000,00
			B03000 Infrastruttura ta' sistema kondiviża	0,00	4 512 000,00
			B03002 Sit ta' *backup* – kostijiet operazzjonali	0,00	-300 000,00
